**L-ESEĠEŻI TAR-RAKKONT TA' GĦEMMAUS**

Id-dokument *Knisja Waħda, Vjaġġ Wieħed* għall-proċess ta' tiġdid ekkleżjali 2020-2024, jitkellem minn "proċess ta' smigħ mas-saċerdoti, reliġjużi u lajċi sabiex ninżlu aktar fil-fond ta' dak li tfisser il-kelma li Kristu qed jgħid lill-Knisja f'Malta permezz tas-silta ta' Għemmaws". F'dan il-proċess, tissemma l-formazzjoni meħtieġa biex joħroġ frott bnin minn din il-mixja. F'dan l-impenn biex il-Poplu ta' Alla f'din il-Knisja f'Malta jsir Knisja waħda permezz tal-laqgħa ma' Kristu, irridu nagħtu prijorità lit-talb bil-Kelma ta' Alla. Barra mir-reviżjoni tal-Bibbja biex ħarġet il-Ħames Edizzjoni online u stampata mill-Għaqda Biblika Maltija, id-Dipartiment tal-Iskrittura fi ħdan il-Fakultà tat-Teoloġija ħejja studju dettaljat u fil-fond tar-rakkont ta' Għemmaws biex il-pedament ta' dak kollu li joħroġ minn dan it-test evanġeliku jitqiegħed fuq eseġeżi soda.

It-terminu 'eseġeżi' ġej mill-Grieg *eksḗgēsis*, mill-verb *eksēgeisthai*, minn *eks-* (minn, 'il barra minn), u *agō* (hu ħareġ). Mela eseġeżi hi x-xjenza li permezz tagħha wieħed jista' joħroġ is-sens u t-tifsira ta' test (f'dan il-każ, test tal-Bibbja, teknikament magħruf bħala 'perikopa'). L-eseġeżi Biblika hi l-ispjega kritika jew interpretazzjoni ta' perikopa biblika. Tradizzjonalment, it-terminu eseġeżi kien jintuża fuq kollox għal xogħol ta' interpretazzjoni u tfissir tal-Bibbja. Il-fatt li l-kelma eseġeżi fil-Grieg tispiċċa b' *–sis* – *eksḗgēsis*, turi li hi proċess, mhux interpretazzjoni, tifsira, li ħarġet darba u tibqa' tajba u kompluta għal dejjem.

Mela l-eseġeżi hi l-analiżi attenta u kritika ta' perikopa tal-Bibbja biex minnha l-interpretu, l-eseġeta – joħroġ il-messaġġ, is-sens, it-tifsira li ried jagħti l-awtur oriġinali.

Ix-xjenza tal-eseġeżi titlob firxa ta' dixxiplini ta' kritika wiesgħa ħafna. Ngħidu aħna: il-Kritika Testwali. Minħabba li l-Bibbja waslet għandna wara ħafna xogħol tal-kopisti li kienu jikkupjaw il-manuskritti, allura t-test tal-Bibbja għadda minn tibdiliet u żbalji intenzjonati u mhumiex. Il-Kritika Testwali, il-kritika tat-test oriġinali tal-Bibbja, tinvestiga l-istorja u l-oriġini tat-test li wasal għandna, imma l-eseġeżi trid ukoll tinkludi l-istudju tal-isfondi storiċi u kulturali tal-awturi, tat-test innifsu, u tal-udjenza/qarrejja oriġinali.

Analiżi oħra tat-testi bibliċi jinkludu l-klassifikazzjoni, it-tqassim, tal-forom letterarji jew ġeneri letterarji li nsibu fit-testi. Ngħidu aħna, għandna ġenealoġiji, l-arbli tar-razza, poeżiji u proża, salmi, miti (Ġob, Ġona), proverbji, evanġelji, atti, ittri, parabboli, mirakli, rakkonti ta' sejħat, rakkonti ta' disputi jew kontroversji, apokalissi. L-eseġeżi, imbagħad, ma tistax tgħaddi mingħajr l-analiżi grammatikali u sintattika tat-test oriġinali fil-Lhudi, l-Aramajk u l-Grieg. U lanqas tista' ma tagħtix kas tat-taqbil tat-traduzzjonijiet, speċjalment dawk antiki: is-Sirjak, l-Etjopiku, l-Għarbi, il-Grieg tat-traduzzjoni Griega tal-Bibbja Lhudija, imsejħa tas-LXX, il-Vulgata Latina.

F'dan l-istudju eseġetiku tal-perikopa ta' Għemmaws, l-eseġeti li ħadmu fuqu – Rev. Dr Martin Micallef OFM Cap., Rev. Dr Paul Sciberras, u Rev. Dr Marcello Ghirlando OFM, fittxew li jagħsru l-għanqud ta' għeneb bnin tal-kelma ta' Alla biex minnu joħorġu nbid tajjeb ta' eseġeżi, teoloġija, katekeżi u spiritwalità biex il-Poplu t'Alla f'din il-Knisja jkun jista' jissejjes fuq "il-fanal għal riġlejja u dawl fil-mogħdija" (Salm 109:115) tal-Kelma ta' Alla.

---

**ĠESÙ, ID-DIXXIPLI TA' GĦEMMAWS U L-ISKRITTURA (LQ 24:13-21)**

**Studju ta' Rev. Dr Martin Micallef**

Bħall-kumplament tal-evanġelji kanoniċi, San Luqa ma jirrakkuntax il-ġrajja ta' Kristu mill-imwiet. Minflok dan l-evanġelista jaqbad triq għal rasu b'rakkonti oħra marbutin mas-sejba tal-qabar vojt[1] u b'numru ta' dehriet ta' Kristu Rxoxt.[2] Dan kollu nsibuh rakkuntat fil-Kapitlu 24 ta' San Luqa magħmul minn erba' xeni ewlenin: (i) in-nisa u Pietru

---

[1] L-erba' evanġelji kanoniċi jirrappurtaw is-sejba tal-qabar vojt minn xi nisa, b'varjazzjonijiet bejniethom, filwaqt li l-Evanġelju skont San Ġwann jagħtina wkoll żjara lejn il-qabar minn Pietru u d-Dixxiplu l-maħbub. Jekk imbagħad Lq 24:12 hi oriġinali, allura San Luqa wkoll jagħtina ż-żjara ta' Pietru lejn il-qabar vojt. Kull wieħed mill-evanġelji li jinkludi d-dehriet ta' Kristu Rxoxt jagħtina laqgħat 'informali' ma' Kristu Rxoxt qabel ma' dan jiltaqa' mal-Ħdax. Id-differenzi bejn il-ġrajjiet rispettivi tal-evanġelji f'dan ir-rigward jirriflettu tradizzjonijiet differenti u xi drabi strateġiji redazzjonali addottati minn kull evanġelista. Fuq dan il-punt ara John Nolland, *Luke 18:35-24:53*. Word Biblical Commentary, 35c (Dallas, TX: Word Books, 1993), 1180.

[2] Kull evanġista wriena li l-aħbar it-tajba li Ġesù qam mill-mewt hi mogħtija fl-evanġelju permezz ta' żewġ tradizzjonijiet differenti ta' oriġini indipendenti minn xulxin: il-qabar vojt u d-dehriet ta' Kristu Rxoxt. San Mark iżda ma jagħtinix ix-xeni tad-dehriet ta' Kristu Rxoxt, anke jekk kien jaf bihom (ara Mk 16:7). Hawnhekk ma nistgħux ninkludu Mk 9:16, 9-20 li ħafna mill-istudjużi jżommu li nkiteb wara. Ara pereżempju, William R. Farmer, *The Last Twelve Verses of Mark* (Society of New Testament Studies Monograph Series 25; Cambridge: Cambridge University Press, 1974).

ħdejn il-qabar vojt;[3] (ii) il-laqgħa ta' Ġesù mad-dixxipli ta' Għemmaws;[4] (iii) id-dehra ta' Kristu Rxoxt lid-dixxipli f'Ġerusalemm;[5] (iv) it-tlugħ fis-sema ta' Ġesù.[6] Il-qabar vojt u l-messaġġ tal-anġli jipprovdu biss stagħġib u nuqqas ta' fidi. Permezz tar-rakkont tad-dixxipli ta' Għemmaws jidher ċar li għal San Luqa, id-dehra ta' Kristu Rxoxt weħidha ma kinitx biżżejjed għall-problema tad-dixxipli biex jifhmu li l-mewt u l-qawmien ta' Ġesù kienu jiffurmaw parti mill-pjan ta' Alla.[7]

F'dan l-istudju se nkunu nistgħu nanalizzaw u nimmeditaw fuq il-versi 13 sa 21 tal-Kapiltu 24 ta' San Luqa, jiġifieri fuq l-ewwel versi tal-episodju tad-dixxipli ta' Għemmaws. Se naqsmu dan l-istudju f'żewġ partijiet ewlenin. Fl-ewwel parti se nippreżentaw notamenti ta' introduzzjoni għal dan ir-rakkont magħmul minn 22 vers. Hawnhekk se naraw il-kwistjonijiet li jqajmu dawk li jistudjaw dan ir-rakkont fir-rigward tal-għejjun u l-istoriċità ta' dan ir-rakkont filwaqt li nissuġġerixxu struttura ta' kif nistgħu naqsmu dan ir-rakkont li nsibuh biss fl-evanġelju skont San Luqa. Fit-tieni parti mbagħad se nagħmlu eseġeżi tal-versi 13 sa 21 tal-Kapitlu 24 ta' San Luqa. Dan se nagħmluh permezz tal-għajnuna ta' numru ta' kummentarji u studji fuq Luqa-Atti mingħajr ma nippretendu li nkunu qegħdin neżawrixxu l-interpretazzjoni ta' dan it-test. Filwaqt li se nagħmlu dan, inkunu nistgħu nħallu t-test jissorprendina billi nibqgħu miftuħin għal nozzjonijiet ġodda li joħorġu mill-istudju ta' dan ir-rakkont straordinarju. L-għan ta' dan l-istudju għalhekk hu biex bħala Knisja nkomplu bil-mixja tagħna ma' Kristu Ġesù "li hu ħaj."[8]

## Ġabra fil-qosor tal-Evanġelju

Il-ġrajja taż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws tiġbor fil-qosor u b'mod retrospettiv[9] l-istorja kollha tal-ministeru ta' Ġesù permezz ta' żewġ karattri – "tnejn minnhom";[10] b'referenzi ġeografiċi – b'Ġerusalemm bħala referenza ewlenija;[11] b'kontinwità temporali – "dak

[3] Ara Lq 24:1-12. Fost l-erba' evanġelji kanoniċi hu San Luqa biss li jagħmel referenza għad-dehra ta' Kristu Rxoxt lil Pietru. Dan ma jagħmlux f'forma ta' rakkont imma pjuttost bħala parti mir-rappurtaġġ f'Lq 24:34, nota li allura tikkonferma t-tradizzjoni antika li nsibu f'1 Kor 15:5.

[4] Ara Lq 24:13-35.

[5] Ara Lq 24: 36-49.

[6] Ara Lq 24: 50-53.

[7] Fuq dan il-punt ara Robert C. Tannehill, *The Narrative Unity of Luke-Acts: A Literary Interpretation. Volume One, the Gospel according to Luke* (Philadelphia: Fortress, 1986), 279.

[8] Lq 24:23. Matul dan l-istudju se nkunu qed nużaw it-test tar-Raba' Edizzjoni (2011) tal-Bibbja bil-Malti tal-*Għaqda Biblika Maltija,* sakemm mhux muri mod ieħor.

[9] Ara Lq 24:19-24.

[10] Lq 24:13.

[11] Lq 24: 13, 33.

l-istess jum";[12] b'enfasi fuq it-tielet jum;[13] u bit-twettiq tal-profeziji.[14] L-evanġelista San Luqa rnexxielu hawnhekk jittrasmetti xi wħud mill-aqwa temi teoloġiċi tiegħu f'forma narrattiva sal-punt fejn id-dettalji kollha li jissemmew jiksbu valur sinifikattiv. B'dan il-mod, San Luqa ttraduċa t-twemmin ekkleżjali tal-qawmien ta' Kristu Ġesù: il-preżenza inviżibbli ta' Kristu Rxoxt nistgħu issa naslu għaliha permezz tal-Iskrittura u l-Ewkaristija. B'hekk il-ġrajja tad-dixxipli ta' Għemmaws saret "ġabra fil-qosor tal-evanġelju,"[15] konklużjoni li tixbah dak li jgħid Jean Guitton meta jikkonkludi li kieku kellna nneħħu l-evaneġlju kollu biex inżommu xena waħda biss minnu, konna nindikaw dik tad-dixxipli ta' Għemmaws.[16]

Ir-rakkont tad-dixxipli ta' Għemmaws, meqjus bħala kapulavur teoloġiku u letterarju,[17] jikxef il-ħila tal-awtur fl-istil tal-kitba, fil-mod kif jibni l-episodju kemm mill-aspett narrattiv kif ukoll teoloġiku, l-attenzjoni li jagħti għar-reazzjoni u l-istat psikoloġiku tal-personaġġi li jissemmew. San Luqa jirnexxilu tassew hawnhekk jgħaqqad flimkien dawn l-elementi kollha għas-servizz ta' riflessjoni ta' fidi awtentika b'mod li din il-ġrajja tipprovdi lill-qarrejja l-fundament tal-fidi tagħhom. Dan pereżempju nkomplu narawh fil-mod kif dan l-evanġelista jżid fil-gradazzjoni kwalitattiva tax-xhieda tal-qawmien billi jibda bin-nisa[18] u ta' Pietru;[19] imbagħad b'żewġ dixxipli,[20] wara bil-Ħdax-il dixxiplu[21] li huma x-xhieda uffiċjali tal-predikazzjoni appostolika.[22] Minbarra din il-manifestazzjoni ta' Kristu Rxoxt issir aktar "tanġibbli": din l-ewwel hi ppreżentata permezz ta' sinjali, jiġifieri permezz tal-ġebla mgerbba u tal-faxex;[23] imbagħad tiġi mħabbra minn żewġ persuni bi lbies jiddi;[24] wara Kristu Rxoxt stess jimxi pass pass ma' tnejn mid-dixxipli għalkemm jaslu biex jagħrfuh meta jisparixxi minn quddiemhom;[25] u fl-aħħar Kristu Rxoxt jidher lill-Ħdax u jiekol magħhom.[26]

---

12 Lq 24:13.

13 Lq 24:13, 21.

14 Lq 24: 6-7, 25-26, 44-46.

15 Denis McBride, *Emmaus: The Gracious Visit of God according to Luke* (Dublin: Dominican Publications, 1997), ix.

16 Ara Jean Guitton, *Jésus* (Paris: Grasset, 1956), 433.

17 Hekk isejjaħ dan ir-rakkont Bruno Chenu, *I discepoli di Emmaus,* trans. Fausto Savoldi (Brescia: Queriniana, 2005), 36.

18 Ara Lq 24:1-11.

19 Ara Lq 24:12.

20 Ara Lq 24:13-35.

21 Ara Lq 24:36-49.

22 Ara Gérard Rossé, *Il Vangelo di Luca: Commento esegetico e teologico* (Roma: Città Nuova,[4] 2006), 1000.

23 Ara Lq 24:2.12.

24 Ara Lq 24:4.

25 Ara Lq 24:31.

26 Ara Lq 24:41-43.

B'dan il-mod straordinarju "San Luqa jiżviluppa katekeżi tal-Għid vera u proprja għall-qarrej."[27] L-ilħna tal-vjaġġaturi ta' Għemmaws jingħaqdu ma' dawk tan-nisa, u jżidu max-xhieda ta' Pietru: "Il-Mulej qam tassew!"[28] Id-dehriet ta' Kristu Rxoxt kif insibuhom rakkuntati f'San Luqa għalhekk mhumiex biss il-konklużjoni għal dan l-evanġelju, imma wkoll il-punt tat-tluq tat-tħabbira tas-salvazzjoni.[29]

## L-għejjun tal-ġrajja tad-dixxipli ta' Għemmaws

Numru ta' biblisti għamlu attentati differenti sabiex jikklassifikaw b'mod formali id-dehriet ta' Kristu Rxoxt. Charles H. Dodd,[30] pereżempju jiddistingwi żewġ tipi ta' dehriet: dawk li huma jsejħilhom *narrattivi qosra* mibnija skont skema fissa u li jwasslu għal xi kliem ta' Ġesù, u dawk li jsejħilhom *narrattivi ta' ċirkustanzi* li ma jsegwu l-ebda skema u li għandhom x'jaqsmu ma' dettalji u ċirkustanzi. Studjużi oħra mbagħad jiddistingwu bejn dehriet li saru f'*Ġerusalemm*[31] minn dawk li seħħew fil-*Galilija*.[32]

Nistgħu nqisu l-ġrajja tad-dixxipli ta' Għemmaws bħala parti minn dawk id-dehriet ta' Kristu Rxoxt li jseħħu f'Ġerusalemm jew f'rabta ma' din il-belt. Il-fatt li San Luqa biss jagħtina din il-ġrajja jġagħalna nistaqsu x'kienu l-għejjun li minnhom dan l-evanġelista kiseb dan ir-rakkont pjuttost twil? Fl-istudji tal-Evanġelji Sinottiċi, il-materjal li jissemma biss f'San Luqa, allura inkluż din il-ġrajja tad-dixxipli ta' Għemmaws, jissejjaħ materjal ta'

---

[27] Ara Rossé, *Il Vangelo di Luca,* 1001.

[28] Goel B. Green, *The Gospel of Luke*. The New International Commentary on the New Testament (Grand Rapids, MI: Eerdmans, 1997), 841.

[29] Fl-istruzzjoni kerigmatika ta' Ġesù lid-dixxipli f'Lq 24:44-49 hemm formulat in-nukleu tat-temi li nsibu fid-diskorsi tal-Atti. Ara Atti 2:22-36; 3:13-26; 4:8-12; 5:29-32; 10:36-43; 13:17-41.

[30] Charles H. Dodd, "The Appearances of the Risen Christ: An Essay in Form-Criticism of the Gospels," fi *Studies in the Gospels: Essays in Memory of R.H. Lightfoot,* ed. Dennis E. Nineham (Oxford: Blackwell, 1957), 9-25.

[31] Nolland, *Luke 18:35-24:53,* 1180-1181 jirrimarka li d-dehriet ta' Kristu Rxoxt f'Ġerusalemm huma mibnija fuq struttura mmarkata minn "preżenza għal għarrieda" ta' Ġesù, minn motif ta' għarfien (*recognition*) u b'missjoni fdata lill-persuna/i. Din l-istruttura nsibuha mhux biss f'Lq 24:34-53 u Ġw 20:19-20 imma wkoll f'Mt 28:9-10 par. Ġw 20:16-17; 21:1-19. F'din l-istruttura ħafna drabi tiġi inklużа wkoll xi ikla, xi ħaġa li faċilment tissuġġerixxi li l-oriġini tal-ġrajja tkun marbuta ma' kuntest Ewkaristiku.

[32] Xi studjużi bħal Charles F.D. Moule, "The Post-Resurrection Appearances in the Light of Festival Pilgrimages," *New Testament Studies* 4 (1957-58): 58-61, jipprova jarmonizza d-dehriet ta' Kristu Rxoxt fil-Galilija ma' dawk li jseħħu f'Ġerusalemm. Hu jagħmel dan billi jissuġġerixxi li l-ewwel dehriet seħħew fil-Galilija b'oħrajn li seħħew wara f'Ġerusalemm. Imma m'għandna l-ebda prova għal dan. Forsi l-aħjar hu li nikkonsidraw dawn iż-żewġ tipi ta' dehriet mal-aspett simboliku/teoloġiku li takkwista l-Galilija u Ġerusalemm fl-evanġelju skont San Mattew u ta' San Luqa rispettivament.

"L."[33] Teżisti diskussjoni twila fost l-istudjużi tal-Iskrittura dwar il-kwistjoni tal-għejjun għal din il-ġrajja li nsibu f'San Luqa.

Għalkemm ma jidhirx li hemm qbil dwar dan, nistgħu niġbru l-argumenti li jiġu ppreżentati f'erbgħa: (i) San Luqa rriproduċa mill-ġdid l-istorja tad-dixxipli ta' Għemmaws kif irċeviha b'tibdil żgħir fis-sustanza, imma b'tibdil sinifikanti fil-kliem; (ii) San Luqa rċieva mit-tradizzjoni verżjoni li tiffoka fuq l-interpretazzjoni tat-Testment il-Qadim minn Kristu Rxoxt, li magħha l-evanġelista żied il-motif ta' Ġesù li jintagħraf fil-qsim tal-ħobż; (iii) l-interpretazzjoni tal-Iskrittura hi żieda ta' San Luqa fuq l-istorja, u allura din il-pożizzjoni hi bil-maqlub ta' dik ta' qabilha; (iv) San Luqa ħa biss xi dettalji mit-tradizzjoni u allura din l-istorja hi prattikament ħolqien tiegħu.[34]

Joseph Fitzmyer jippreżenta sitt argumenti biex jipprova juri li wara l-episodju tad-dixxipli ta' Għemmaws hemm xi għejjun li minnhom kien qed jieħu San Luqa. Fitzmyer iqis dawn l-elementi fl-istorja tad-dixxipli ta' Għemmaws bħala indikazzjoni ta' kif San Luqa kien irnexxielu jagħġen sewwa din il-ġrajja li hu kien kiseb mit-tradizzjoni (L), b'mod li saħansitra seta' kkompona partijiet sħaħ minnha.[35] Minħabba li din il-ġrajja m'għandhiex paralleli fl-evanġelji l-oħra, allura ssir diffiċli biex tifred minn xulxin it-tradizzjoni u l-kontribut partikulari ta' San Luqa f'din il-ġrajja.

Hu minnu li San Luqa hu l-uniku evanġelista li jirrakkonta l-ġrajja taż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws. Minkejja dan irridu nżidu li f'dak li baqa' magħruf fl-istudji bibliċi bħala "t-tmiem twil" tal-Evanġelju skont San Mark, jinkludi referenza qasira għal dehra ta' Kristu Rxoxt lil żewġ dixxipli fit-triq fil-kampanja u kif dawn irritornaw biex jinfurmaw lil sħabhom, imma dawn ma emmnuhomx.[36] L-istorja tad-dixxipli ta' Għemmaws f'San Luqa bla dubju ta' xejn tixbah lil din il-ġrajja frammentarja li nsibu fi tmiem tal-evanġelju skont San Mark, minkejja li f'San Luqa ż-żewġ dixxipli involuti f'din il-ġrajja ġew milqugħin mid-dixxipli l-oħra, kuntrarju għal dak li naqraw f'San Mark. Diffiċli ngħidu jekk San Luqa kienx qed jespandi fuq din il-ġrajja ta' San Mark. Numru ta' kummentarji iżda jżommu li min żied it-tmiem twil f'San Mark aktarx li ġabar fil-qosor l-istorja taż-żewġ dixxipli li nsibu f'San Luqa.[37] Dak li hu aktar ovvju hu li l-mod kif San Luqa jirrakkonta

[33] Għall-problema Sinottika u l-għejjun "L" għal San Luqa ara Robert H. Stein, *The Synoptic Problem: An Introduction* (Grand Rapids, MI: Baker Book House, 1987).

[34] Fuq dawn l-erba' pożizzjonijiet ara Nolland, *Luke 18:35-24:53,* 1198.

[35] Ara Joseph A. Fitzmyer, *The Gospel According to Luke X-XXIV*. The Anchor Bible, 28A (New York-London: Doubleday, 1985), 1555. Studjużi oħra li jikkonkludu li San Luqa żied u żejjen it-tradizzjoni ta' din il-ġrajja jinkludu Richard J. Dillon, *From Eye-Witnesses to Ministers of the Word: Tradition and Composition in Luke 24*. Analecta Biblica, 82 (Rome: Biblical Institute, 1978), 69-155; I. Howard Marshall, "The Resurrection of Jesus in Luke," *Tyndale Bulletin* 24 (1973): 55-98.

[36] Ara Mk 16:12-13.

[37] Fuq dan il-punt ara Michael Mullins, *The Gospel of Luke: A Commentary* (Dublin, The Columbia Press, 2010), 511.

l-ġrajja tad-dixxipli ta' Għemmaws jirrifletti l-ħila letterarja tiegħu kif juru episodji oħra fiż-żewġ volumi miktuba minn dan l-evanġelista.

Numru ta' studjużi tal-evanġelju imbagħad jinnutaw il-kuntatt li hemm f'dan l-aħħar kapitlu ta' San Luqa mat-tradizzjoni tal-evanġelju skont San Ġwann.[38] San Ġwann jaf, anke jekk f'forma mqassra, l-aħbar tal-qawmien bħala fatt imħabbar mill-Iskrittura[39] li San Luqa mbagħad jiżviluppa f'dak li xi wħud sejħu bħala "kerigmi bijografiċi."[40]

## L-istoriċità tal-ġrajja ta' Għemmaws

Numru ta' studjużi oħra jieqfu fuq il-mistoqsija ta' kemm verament nistgħu nqisu il-ġrajja tad-dixxipli ta' Għemmaws bħala waħda storika. Hu diffiċli nwieġbu għal din il-mistoqsija għalkemm nistgħu ngħidu li l-oġġezzjonijiet imqajma għall-istoriċità ta' dan ir-rakkont huma dgħajfa. L-opinjonijiet hawn ivarjaw minn dawk li jqisu dan l-episodju bħala "leġġenda" għal oħrajn li jżommu li dan l-episodju hu frott ix-xhieda storika ta' Kleofa, wieħed miż-żewġ vjaġġaturi li jissemma fl-episodju.

Rudolf Bultmann, pereżempju, iqis dan l-episodju bħala wieħed ta' karattru tipiku leġġendarju[41] fejn Kristu Rxoxt jew aħjar il-vjaġġatur li ma jintagħrafx hu motif meħud mill-letteratura Griega. Il-ħajja ta' Apollinius pereżempju tagħmel użu minn motif tad-dehra mhux mistennija ta' dan il-personaġġ lil ħbiebu wara li dawn kienu qisuh mejjet meta l-imperatur kien qatagħhielu għall-mewt.[42] Hemm ukoll it-tradizzjonijiet ta' *apotheosis* li juru kif xi ħadd jisparixxi minn quddiem dawk li jkun fil-preżenza ta' din il-persuna, bħal fil-każ ta' Romulus, Aristeas minn Proconnesus, Cleomedes minn Astpaleia, Alcmene, Peregrinus Proteus.[43]

---

[38] Ara l-argumenti li jġib Rossé, *Il Vangelo di Luca,* 999-1000. Ara wkoll John E. Alsup, *The Post-Resurrection Appearance: Stories of the Gospel Tradition* (Stuttgart: Calver-Verlag, 1975), 190f. Hekk pereżempju l-fatt li Kristu Rxoxt idum biex jingħaraf minn dawk li jkun qed jidhrilhom (ara Ġw 21:7-12); it-tema tal-ikel (ara Ġw 21:12-13; ara wkoll Lq 24:41-43; Atti 10:41); l-idea li Ġesù jisparixxi ma nsibuha mkien aktar; l-interpretazzjoni tal-Iskrittura f'Lq 24:44-48 irridu nqabbluha wkoll mal-motif tad-dehriet ta' Kristu Rxoxt fl-evaneġelju skont San Ġwann ta' kif id-dixxipli kellhom jifhmu u jinterpretaw l-Iskrittura (ara Ġw 2:17-22; 12:14-16; 20:9 ara wkoll 14:26).

[39] Ara Ġw 20:9.

[40] Ara Jean-Marie Guillaume, *Luc interprète des anciennes traditions sur la Résurrection de Jésus* (Paris: Gabalda, 1979), 26-30. Ara Lq 24:25-27, 44-47.

[41] Ara Rudolf Bultmann, *History of the Synoptic Tradition* (Oxford: Blackwell, 1968), 286.

[42] Ara *Life of Apollinius* 7.41-8.13.

[43] Ara Daniel A. Smith, *Revisiting the Empty Tomb: The Early History of Easter* (Minneapolis: Fortress, 2010), speċjalment 47-61.

Diffiċli biex tiċħad ix-xebh li hemm bejn dawn it-tradizzjonijiet u l-istorja ta' Għemmaws. Dan iżda ma jfissirx li għandna nitfgħu f'dubju t-tradizzjoni tal-Evanġelju u nqisu l-ġrajja ta' Għemmaws bħala "leġġenda." Arnold Ehrhardt jargumenta li meta nqisu d-dettalji ta' dawn l-istejjer naslu biex nikkonkludu li dawn huma biss stejjer li huma dipendenti fuq l-evanġelju u mhux bil-maqlub.[44] McBride jżid li minkejja l-paralleliżmu ma' dawn l-istejjer leġġendarji hu wieħed mill-aktar interessanti, dak li l-aktar jinteressana hu li nippruvaw nifhmu l-ġrajja ta' Għemmaws fil-qafas teoloġiku tal-evanġelju ta' San Luqa u kif dan l-evanġelista jiżviluppa d-dehriet ta' Kristu Rxoxt.[45]

Xi studjużi oħra jinnutaw ukoll li l-format tal-istorja ta' Għemmaws għandu parallel ma' letteratura antika identifikata ma' ġrajjiet rakkuntati fit-Testment il-Qadim. Hekk, pereżempju numru ta' studjużi jiddentifikaw paralleliżmu bejn id-dehra tal-anġlu lil Ħagar f'Ġenesi 16:7f u f'Luqa 24;[46] il-wasla tat-tliet messaġġiera għand Abraham.[47] Fost l-elementi paralleli pereżempju bejn l-episodju ta' Għemmaws u l-wasla tal-messaġġiera għand Abraham hemm: il-wasla għal għarrieda tal-personaġġi,[48] l-ospitalità offruta lilhom,[49] il-qsim ta' opinjoni,[50] il-kuntest tal-ikla,[51] il-konoxxenza superjuri tal-ospiti li jġibu messaġġ pożittiv,[52] u l-fatt li l-personaġġi jisparixxu għal għarrieda.[53] Paralleliżmu ieħor bejn il-ġrajja ta' Għemmaws u dak li naqraw fit-Testment il-Qadim, hi l-ġrajja tad-dehra tal-anġlu tal-Mulej lill-ġenituri ta' Sansun.[54]

Hu minnu li l-ġrajja ta' San Luqa taqsam diversi punti ta' kuntatt ma' episodji fit-Testment il-Qadim li fihom naqraw dwar laqgħat divini, madanakollu l-ġrajja ta' Għemmaws titbiegħed minnhom fl-interess li turi dwar it-tifsira tal-passjoni ta' Ġesù.[55] L-għan ewlieni ta' din l-istorja hu li jiggarantixxi l-fatt tal-qawmien ta' Kristu,[56] b'enfasi fuq dan f'referenza għal dak li naqraw fit-Testment il-Qadim. Il-ġrajja tad-dixxipli ta'

---

[44] Arnold Ehrhardt, "The disciples of Emmaus," *New Testament Studies* 19 (1964): 195-201. Ara wkoll l-argumenti ta' Fitzmyer, *The Gospel according to Luke X-XXIV*, 1556.

[45] Ara McBride, *Emmaus,* 121.

[46] Ara Chenu, *I discepoli di Emmaus*, 41.

[47] Ara Ġen 18:1-25.

[48] Ara Lq 24:15a; Ġen 18:1-2a.

[49] Ara Lq 24:15, 29; Ġen 18:2b-5.

[50] Ara Lq 24:17-27; Ġen 18:9-14.

[51] Ara Lq 24:30; Ġen 18:7.

[52] Lq 24:27; Ġen 18:10.14.

[53] Lq 24:31; Ġen 18:33.

[54] Ara Imħ 13:1-22. Ara Guillaume, *Luc interprète des anciennes traditions sur la résurrection de Jésus,* 84. Ara wkoll Alsup, *The Post-Resurrection Appearance Stories of the Gospel Tradition*.

[55] Fuq dan il-punt ara Lucien Legrand, "Christ in the Fellow Traveller: The Emmaus Story in Lk 24:13-35, *Indian Theological Studies* 19 (1982): 33-34.

[56] Ara Atti 1:3.

Għemmaws tirrifletti l-konvinzjoni Nisranija bikrija li kien biss permezz ta' laqgħa ma' Kristu Rxoxt li xi ħadd seta' jasal biex jifhem it-tifsira tal-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù li kienu diġà mħabbrin fl-Iskrittura.[57]

Numru kbir ta' biblisti li studjaw il-ġrajja ta' Għemmaws jinnutaw ukoll li l-ġrajja tal-laqgħa ta' Filippu mal-ewnuku Etijopiku f'Atti 8 hi ffurmata b'mod deliberattiv fuq il-ġrajja tad-dixxipli ta' Għemmaws.[58] Filwaqt li ma nistgħux niċħdu dan, nistqarru wkoll li hemm differenzi bejn dawn iż-żewġ episodji, pereżempju fir-rwol tal-Iskrittura li tikkostitwixxi *tweġiba* f'Luqa 24 filwaqt li tifforma *mistoqsija* f'Atti 8. Minbarra hekk, f'Luqa 24 insibu enfasi missjunarja f'kuntrast mal-ewnuku li ma jirritornax Ġerusalemm.

Studjużi oħrajn, imbagħad, jinnutaw paralleliżmu inqas evidenti bejn is-sejba tat-tfajjel Ġesù fit-Tempju[59] ma' dak li naqraw f'Luqa 24. Fiż-żewġ każi għandna vjaġġ: l-ewwel vjaġġ hu rrakkuntat fit-tmiem tal-Evanġelju tal-infanzja, filwaqt li t-tieni vjaġġ jikkonkludi n-narrattiva tal-Evanġelju kollu. It-tnejn għandhom bħala eżitu l-missjoni: fl-ewwel każ, il-missjoni ta' Ġesù, fit-tieni wieħed, il-missjoni tal-appostli. In-niket tal-ġenituri nistgħu nxebbhuh ukoll man-niket tad-dixxipli ta' Għemmaws, filwaqt li fiż-żewġ każi għandna t-telfa ta' Ġesù, u l-evokazzjoni għat-tielet jum flimkien mal-użu tal-espressjoni "kien meħtieġ" sabiex titfisser ir-rieda ta' Alla.[60] Nolland jikkumenta fuq dan il-paralleliżmu bejn Lq 24 u Lq 1-2, u jżid li forsi jkun aħjar jekk sempliċiment ninnutaw kif bosta fatturi użati f'Lq 24 jiżguraw li l-qarrej iħares lura lejn l-ewwel parti tal-evanġelju, hekk kif ikun qed jaqra l-aħħar parti. F'dawn iż-żewġ sezzjonijiet tal-evanġelju skont San Luqa nsibu attenzjoni komuni fuq il-belt ta' Ġerusalemm, ir-rwol tal-anġli, ir-reazzjonijiet umani, u t-tfittxija għal xejn għal Ġesù.[61]

---

57 Ara Nolland, *Luke 18:35-24:53*, 1200.

58 Ara pereżempju, James M. Gibbs, "Luke 24:13-33 and Acts 8:26-39: The Emmaus Incident and the Eunuch's Baptism as Parallel Stories," *Bangalore Theological Forum* 7 (1975): 17-30; Cord H. Lindijer, "Two Creative Encounters in the Work of Luke: Luke xxiv 13-35 and Acts viii 26-40," in *Miscellanea Neotestamentica: Studia ad NT praesertim pertinentia a sociis sodalicii Batavi, cuius nomen Studiosorum Nti Conventus, anno 1976 quintum lustrum complentis suscepta,* ed. T. Baarda et al. Novum Testamentum Supplements 48 (Leiden: Brill, 1978), 2:77-85. Ara wkoll Chenu, *I discepoli di Emmaus,* 38-39 fejn b'mod mill-aktar metikoluż jagħti l-paralleliżmu bejn dawn iż-żewġ episodji.

59 Ara Lq 2:41-50.

60 Ara Lucien Legrand, "Deux voyages. Luc 2,41-50; 24,13-33," fi *À cause de l'Évangile*, ed. *R.Refoulé*. Lectio Divina, 123 (Paris: Éditions du Cerf, 1985), 417 fejn jagħti enfasi wkoll lill-korrispondenza strutturali bejn iż-żewġ rakkonti, anke jekk huma diversi.

61 Ara Nolland, *Luke 18:35-24:53*, 1178-1179.

Studjużi oħrajn bħal Jeanne d'Arc[62] imbagħad jistabbilixxu saħansitra paralleliżmu bejn il-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb u Luqa 24.[63] Dan il-paralleliżmu iżda aktar jixħet dawl fuq il-mod kif San Luqa kien iqis il-ħajja ta' Ġesù li kellha tkun tirrifletti fil-ħajja tal-Knisja tal-bidu, milli kif għandna nifhmu l-ġrajja tad-Dixxiplii ta' Għemmaws.[64]

**L-istruttura tal-episodju ta' Għemmaws**

Numru ta' kummentarji u studji oħra fuq l-Evanġelju skont San Luqa għamlu attentati differenti biex jippreżentaw l-istruttura li fuqha hi mibnija l-ġrajja tad-dixxipli ta' Għemmaws f'Luqa 24. Hemm min traċċja struttura "kjażmika" jew "simetriji konċentriċi" għall-episodju ta' Għemmaws.[65] Għalkemm dan ma jfissirx li bilfors San Luqa ried jibni dan ir-rakkont b'dan il-mod xjentifiku, l-istruttura li traċċjaw dawn l-istudjużi hi waħda mill-aktar interessanti. Ser nippreżentaw waħda minn dawn l-istrutturi suġġeriti b'ittri li jindikaw kif l-espressjonijiet tat-test jgħinuna nindividwalizzaw is-simetrija tar-rakkont. Ser insegwu l-istruttura kjażmika mogħtija minn Bruno Chenu[66] li kien qed isegwi xogħol ta' biblisti oħra bħal Louis Dussaut,[67] Roland Meynet[68] u Jeanne d'Arc.[69]

**G** KIENU SEJRIN (bil-Grieg: *ēsan poreuoménoi*) – barra minn Ġerusalemm (v.13)

**H** JITĦADDTU (bil-Grieg: *ħomiloun*) – BEJNIETHOM (bil-Grieg: *autoi*) (v.14)

**I** ** ĠESÙ NNIFSU (bil-Grieg: *autòs Iesous*) – baqa' miexi MAGĦHOM (bil-Grieg: *syneporeúeto autois)* (v.15)

** U ĠARA (bil-Grieg: *kai egéneto*) (v.15)

**J** GĦAJNEJHOM – kellhom xi jżommhom (bil-Grieg: *ekratounto*) – MA SETGĦUX JAGĦRFUH (bil-Grieg: *me epignōnai autòn*) (v.16)

**K** *vjolenza, diskussjoni* u waqfa (bil-Grieg: *estáthēsan*) (v.17)

**L** *Impressjoni ta' xi ħadd li ma jafx x'ġara* (v.18).

---

[62] Jeanne d'Arc, *Les pèlerins d'Emmaüs* (Paris: Éditions du Cerf, 1977), 196f.

[63] Ara Lq 10:25-37.

[64] Fuq dan il-punt ara Nolland, *Luke 18:35-24:53*, 1200.

[65] Ara ibid*.,* 1199. Ara wkoll Rossé, *Il Vangelo di Luca,* 1019.

[66] Chenu, *I discepoli di Emmaus,* 42-43.

[67] Ara Louis Dussaut, "Le Triptyque des Apparitions en Luc 24," *Revue Biblique* 94 (1987): 161-213.

[68] Ara Roland Meynet, *Jésus passe* (Paris: Éditions du Cerf, 1999).

[69] Ara d'Arc, *Les pèlerins d'Emmaüs*.

**M** DAK LI ĠARA LIL ĠESÙ (bil-Grieg: *autò(i) ta perì Iesou*) (v.19)

**N** PROFETA (bil-Grieg: *prophētēs*) – *FIL-KLIEM* (bil-Grieg: *lógō(i))* (v.19)

**O** TAWH/SALLBUH (bil-Grieg: *parédōkan*) (v.20)

**P** *Delużjoni tad-dixxipli:* AĦNA KONNA NITTAMAW (bil-Grieg: *ēlpízomen* (v.21)

**Q** NISA (bil-Grieg: *gynaikés*) – XI WĦUD (bil-Grieg: *tines*) – TAGĦNA (bil-Grieg: *ex ħemōn*) – QABAR (bil-Grieg: *mnēmeion*) – MA SABUHX (bil-Grieg: *me ħeurousai*) – ĠEW JGĦIDU (bil-Grieg: *ēlthon*) - RAW (bil-Grieg: *ħeōrakénai*) (vv.22-23)

QALULHOM LI HU ĦAJ (bil-Grieg: *légousin autòn zēn*) (v.23)

**Q'** MARRU (bil-Grieg: *apēlthón*) - XI WĦUD (bil-Grieg: *tines*) – TAGĦNA (bil-Grieg: *tōn syn ħēmin*) – IL-QABAR (bil-Grieg: *mnēmeion*)

– SABU (bil-Grieg: *ħeuron*) - NISA (bil-Grieg: *gynaikes*)

– KIF KIENU QALU (bil-Grieg: *eipon*) - MA RAWHX (bil-Grieg: *autòn ouk eidon* (v.24)

**P'** *Id-delużjoni ta' Ġesù:* tqal biex temmnu ... (Bil-Grieg: *bradeis tē(i) kardía(i) tou pisteύein*) (v.25)

**O'** ibati (Bil-Grieg: *pathein*) (v.26)

**N'** PROFETI (Bil-Grieg: *prophētōn*) – JFISSRILHOM (Bil-Grieg: *diermēneusen autois*) (v.27)

**M'** LI KIEN HEMM FUQU (Bil-Grieg: *perì ħeautou*) (v.27)

**L'** *l-impressjoni li kien ser jibqa' sejjer 'il bogħod* (v.28)

**K'** *vjolenza (stedina) u waqfa* (v.29)

**J'** ** *infetħulhom* (bil-Grieg: *diēnoíchthēsan*) – GĦAJNEJHOM (bil-Grieg: *opthalmoi*) – GĦARFUH (bil-Grieg: *epégnōsan autòn*) (v.31)

** U ĠARA ... (bil-Grieg: *kai egéneto*) (v.30).

**I'** HU NNIFSU (bil-Grieg: *autòs*) – GĦAB (bil-Grieg: *áphantos*) – MINN QUDDIEMHOM (bil-Grieg: *ap' autōn*) (v.31).

**H'** BDEW JGĦIDU (bil-Grieg: *eipan*) – WIEĦED LILL-IEĦOR (bil-Grieg: *pros allēlous*) (v.32).

**G'** REĠGĦU LURA (bil-Grieg: *hypéstrepsan)* – LEJN ĠERUSLEMM (bil-Grieg: *eis Ierousalēm*) (v.33).

**L-ESEĠEŻI TAT-TEST**

**"Dakinhar stess ġara li tnejn minnhom kienu sejrin lejn raħal jismu Għemmaws, xi sittin stadju bogħod minn Ġerusalemm, jitħaddtu bejniethom fuq kulma kien ġara" (vv.13-14).**

**Nota Kronoloġika**

L-istorja tad-dixxipli ta' Għemmaws tibda fil-vers 13 b'nota tipika ta' San Luqa "U araw" (bil-Grieg: *kai idou*).[70] Din in-nota tiġi tradotta fit-traduzzjoni tal-*Għaqda Biblika Maltija,* bil-kelma "ġara" għalkemm *il-Bibbja Saydon* tħalli dak li jikteb San Luqa "u ara." L-espressjoni bil-Grieg *kai idou* hawnhekk tagħmel parti mill-istil ta' San Luqa fuq l-imitazzjoni tas-LXX. L-istorja mbagħad tipprovdi nota kronoloġika: "Dakinhar stess ..."[71] li permezz tagħha l-Evanġelista San Luqa jeħodna għall-istess jum meta nstab il-qabar

[70] Ara Lq 1:20.31.36; 2:25; 5:12.18; 7:12 eċċ.

[71] Lq 24:13.

vojt f'"l-ewwel jum tal-ġimgħa,"[72] in-nota li biha jiftaħ il-kapitlu 24.[73] San Luqa jgħaqqad din in-nota kronoloġika mal-ewwel vjaġġ li żewġ dixxipli kienu qed jagħmlu minn Ġerusalemm "lejn raħal jismu Għemmaws."[74] Dan narawh ukoll fil-vv.22-24 fejn iż-żewġ dixxipli jiġbru fil-qosor f'dak li jirrappurtaw il-ġrajjiet rakkuntati fil-vv.1-12, hekk kif l-aħħar vers tar-rakkont, il-vers 35 jiġbor fil-qosor l-esperjenza personali ta' dawn iż-żewġ dixxipli fit-transizzjoni tal-episodju li jsegwi. L-episodju jagħti indikazzjonijiet oħra tal-ħin jew żmien bħal fil-vers 33 fejn naqraw: "Dak il-ħin stess qamu u reġgħu lura Ġerusalemm." B'dan il-mod, l-evanġelista jagħmel żgur li l-qarrej jifhem li l-ġrajjiet kollha f'dan l-aħħar kapitlu seħħew fi żmien 24 siegħa.

**Kuntrast simetriku**

Ir-rakkont nistgħu nifhmuh fi prospettiva ta' binja ta' kuntrast simetriku li jsegwi moviment doppju. Fl-ewwel parti li twassal sal-vers 24 tiġbor fiha separazzjoni u diviżjoni: iż-żewġ dixxipli jitbiegħdu mhux biss minn Ġerusalemm, il-post fejn iseħħ il-qawmien ta' Kristu mill-mewt, imma wkoll minn sħabhom id-dixxipli. Dawn iż-żewġ dixxipli huma mifruda wkoll fihom infushom għall-fatt li mhux biss ma jagħrfux lil Ġesù li ltaqa' magħhom fit-triq imma wkoll minħabba li ma fehmux il-ġrajjiet tas-salvazzjoni kif kellhom iseħħu. B'dan il-mod, dawn id-dixxipli huma ppreżentati bħala persuni mdejqa u diżappuntati.

Kollox jinqaleb ta' taħt fuq mill-vers 25 fejn Ġesù jsir is-suġġett tal-azzjonijiet u jieħu kontroll tas-sitwazzjoni: hu Ġesù li jispjega dak li kien ġara lil "Ġesù ta' Nazaret" fid-dawl tal-Iskrittura. Imbagħad, hu jassumi r-rwol tas-sid li jilqa' lil dawn il-vjaġġaturi fid-dar bil-ġest tal-"qsim tal-ħobż." Hekk "id-distanzi" jitħassru kollha: id-dixxipli jagħrfu lil Ġesù, il-qalb tad-dixxipli "imkebbsa" twassal biex dawn jirritornaw Ġerusalemm fil-komunità tad-dixxipli minn fejn kienu telqu.

L-episodju hu mibni fuq żewġ vjaġġi f'direzzjonijiet opposti: l-ewwel vjaġġ ħa liż-żewġ dixxipli minn Ġerusalemm għal Għemmaws u t-tieni vjaġġ jieħu l-istess dixxipli fid-direzzjoni opposta minn Għemmaws għal Ġerusalemm. Żgur li t-tema tal-*vjaġġ* hi waħda importanti fit-teoloġija ta' San Luqa. Il-motif tal-vjaġġ diġà evidenti bi prominenza

---

[72] Lq 24:1.

[73] L-argument ta' xi wħud bħal Edward E. Ellis, *The Gospel of Luke* (London: New Century Bible, $^{2}$1974), 276, li jidentifikaw dan bħala "t-tmien jum," il-bidu ta' ħolqien ġdid hu biss attentat dubjuż sabiex jiġi spjegat dan ir-rakkont fid-dawl ta' ħsieb Nisrani tardiv u m'għandu l-ebda bażi reali fit-test. Fit-Tradizzjoni Sinottika u dik ta' San Ġwann din in-nota temporali ssir: "L-ewwel jum tal-ġimgħa," jiġifieri l-jum tal-Ħadd.

[74] Lq 24:13.

kbira fir-rakkonti tat-twelid u tal-infanzja ta' Ġesù[75] jikseb dawl ġdid minn 9:51 fejn dan l-Evanġelista b'mod konxju jippreżentalna lil Ġesù fi triqtu lejn Ġerusalemm.[76] "Il-parabboli ta' Ġesù wkoll spiss jiddeskrivu itinerarju: l-iben il-ħali; is-samaritan it-tajjeb ... il-missjoni tal-appostli kellha tkun itinerarju minn Ġerusalemm għat-truf kollha tal-art, b'mod li 'it-triq' kellu jsir l-isem li bih jissejħu l-ewlenin insara. Għal San Luqa, id-dixxiplu ta' Ġesù hu qabel xejn, 'sieħeb tal-vjaġġ.'"[77]

## It-tema tal-vjaġġ

It-tema tal-vjaġġ fir-rakkont tad-dixxipli ta' Għemmaws hi mmarkata b'serje ta' verbi li juża l-Evanġelista u li lkoll juru moviment jew spostamenti:[78] "sejrin";[79] "resaq lejhom";[80] "baqa' miexi";[81] "intom u miexja";[82] "qorbu";[83] "fejn kienu sejrin";[84] "jibqa' sejjer";[85] "fit-triq";[86] "qamu u reġgħu lura";[87] "fit-triq."[88] Ma' dawn inżidu wkoll il-verbi marbuta mal-vjaġġ fir-rappurtaġġ taż-żewġ dixxipli lill-vjaġġatur: "marru."[89]

Forsi f'dan il-punt tal-istorja tajjeb nistaqsu għaliex dawn iż-żewġ dixxipli telqu lil Ġerusalemm. Joachim Jeremias iżomm li ż-żewġ dixxipli li jissemmew f'dan l-episodju ta' Għemmaws aktarx li kienu qed jirritornaw id-dar wara li kienu ċċelebraw il-festa tal-Għid.[90] Il-fatt iżda li dawn iż-żewġ dixxipli kienu qed jitilqu minn Ġerusalemm ifisser li huma kienu qed imorru direttament kontra l-ordni ta' Kristu Rxoxt lid-dixxipli biex ma

---

75 Ara Edward Sri, *Rethinking Mary in the New Testament* (San Francisco: Ignatius, 2006).

76 Ara Luca Bassetti, *Il viaggio della parola e del discepolo nel Vangelo di Luca* (Trapani: Il pozzo di Giacobbe, 2012).

77 Chenu, *I discepoli di Emmaus,* 46.

78 Fuq dawn il-verbi f'rabta mal-vjaġġ f'Lq 24:13-35 ara Bernard P. Robinson, "The Place of the Emmaus Story in Luke-Acts," *New Testament Studies* 30 (1984): 481-82; Robert J. Karris, "Luke 24:13-35," *Interpretation* 41 (1987): 57-58; Arthur Just Jr, *The Ongoing Feast: Table Fellowship and Eschatology at Emmaus* (Pueblo, Collegeville, MN: Liturgical, 1993), 58; Dillon, *From Eyewitnesses to Ministers of the Word,* 89-90;

79 Lq 24:13.

80 Lq 24:15.

81 Lq 24:15.

82 Lq 24:17.

83 Lq 24:28.

84 Lq 24:28.

85 Lq 24:28.

86 Lq 24:32.

87 Lq 24:33.

88 Lq 24:35.

89 Lq 24:22.24.

90 Ara Joachim Jeremias, *The Eucharistic Words of Jesus* (London: SCM, $^{2}$1966), 72, no.2.

jitilqux minn din il-Belt sakemm jirċievu l-Ispirtu.[91] It-tluq ta' dawn iż-żewġ dixxipli mela jimmarka l-bidu ta' qasma 'l bogħod mit-tama li kien tahom Ġesù.[92]

**Il-lokalizzazzjoni ta' Għemmaws**

Il-lokalizzazzjoni tad-destinazzjoni Għemmaws tidher li mhix ivvintata minn San Luqa.[93] L-Evanġelista li jagħtina d-distanza ta' dan il-vjaġġ jagħmel dan b'mod preċiż. Hu ma jiktibx li d-distanza bejn Ġersusalemm u Għemmaws kienet "*madwar* 60 stadju," jew "xi" kif naqraw fit-traduzzjoni tal-*Għaqda Biblika Maltija,* iżda sempliċiment "sittin stadju," (bil-Grieg: *stadious heksēkonta*).[94] Tlieta huma l-postijiet ewlenin suġġeriti għal "Għemmaws" li jsemmi San Luqa hawnhekk.

*Ammaous,* magħrufa diġà minn żmien il-Makkabin[95] u li tissemma wkoll minn *Ġużeppi Flavju.*[96] Fis-sena 223 WK, l-isem ta' dan il-post inbidel għal *Nicopolis*.[97] L-isem modern ta' dan ir-raħal hu *'Amwas,* l-isem Għarbi għall-forma Griega *Emmaous,* qrib Latrun.[98] Id-distanza twila ta' dan il-post minn Ġerusalemm toħloq diffikultà sabiex nidentifikaw dan il-post bħala r-raħal li jsemmi San Luqa.

It-tieni post suġġerit hu *Emmaous* imsemmi minn *Ġużeppi Flavju* bħala post "30 stadju" bogħod minn Ġerusalemm.[99] Fi żminijiet aktar reċenti dan il-post beda jissejjaħ *Kuloniyeh* sakemm inqered fil-ġlied tal-1948.[100] Id-diffikultà hawnehkk hi d-distanza li prattikament hi biss in-nofs ta' dik mogħtija minn San Luqa.[101] Benoit jissuġġerixxi li San

[91] Ara Lq 24:49.

[92] Fuq dan il-punt ara Robert H. Smith, *Easter Gospels: The Resurrection of Jesus According to the Four Evangelists* (Minneapolis: Augsburg, 1983), 113.

[93] Ara Rossé, *Il Vangelo di Luca,* 1020.

[94] Dwar id-distanza mkejla hawnhekk bi stadji, ara wkoll Ġw 6:19; 11:18; Apok 14:20; 21:16.

[95] Ara 1 Makk 3:40, 57; 4:3.

[96] *Jewish Wars* 2.4,3 § 63; 2.5,1 § 71, jew *Emmaous Ant.* 17.10,7 § 282; 17.10,9 § 291.

[97] Ewsebju jiddentifika dan il-post bħala r-raħal li minnu kien ġej Kleofa. Hekk ukoll San Ġilormu u l-kittieb tas-Seklu 5, Sozomen. Għal aktar dettalji ara Fitzmyer, *The Gospel According to Luke* X-XXIV, 1560.

[98] Ara Fitzmyer, *The Gospel According to Luke* X-XXIV, 1560.

[99] Ara *Jewish Wars* 7.6,6 § 217.

[100] Għal aktar dettalji ara Fitzmyer, *The Gospel according to Luke* X-XXIV, 1562.

[101] Fost l-istudjużi li jissuġerixxu dan il-post bħala r-raħal li jsemmi San Luqa insibu lil John M. Creed, *The Gospel according to Luke* (London: Macmillan & Co., 1930), 295.

Luqa b'mod żbaljat ta d-distanza għall-vjaġġ minn Ġerusalemm għal Għemmaws u lura.[102]

It-tielet, sa minn żmien il-Kruċjati l-villaġġ ta' *el-Qubeibeh,* madwar 63 stadju minn Ġerusalemm fit-triq ta' Lydda, ġie identifikat bħala Għemmaws li jsemmi San Luqa. Xi Għarab moderni, għalkemm mhux aktar kmieni mis-seklu 20, jirreferu għal dan il-villaġġ bħala *'Amwas.* Għalkemm dan il-post hu qrib is-60 stadju li jsemmi San Luqa, hu ma kienx magħruf fis-Seklu 1 WK.[103]

Minbarra d-diffikultà li hemm biex nagħżlu liema wieħed minn dawn it-tliet postijiet seta' kien il-post li jsemmi San Luqa, hemm ukoll il-problema tad-distanza bejn Ġerusalemm u Għemmaws. Filwaqt li numru ta' manuskritti jagħtu d-distanza ta' "60 stadju," manuskritti oħra u xi Missirijiet tal-Knisja bħal Ewsebju, Ġilormu, Sozomen jagħtu distanza differenti ta' "mija u sittin stadju" (bil-Grieg: *stadious ħekanton ħeksēkonta*).[104] Jekk stadju jikkorrispondi għal 185 metru, 60 stadju jikkorrispondu għal madwar ħdax-il kilometru, filwaqt li 160 stadju jikkorrispondu għal madwar 30 kilometru.[105] Jista' jkun li din id-distanza ta' 160 stadju daħlet maż-żmien sabiex jiġi identifikat Nicopolis bħala l-Għemmaws ta' San Luqa.[106] Jekk inhu hekk, il-qari varjant hu emenda ta' korruzzjoni testwali primittiva.

Għalkemm m'għandniex il-possibbiltà li nkunu ċerti mill-post eżatt ta' dan ir-raħal li lejh dawn iż-żewġ dixxipli kienu mexjin, meta nqisu l-problemi testwali u l-possibilitajiet ta' identifikazzjoni, kif ukoll il-problema li kellu San Luqa dwar il-ġeografija tal-Palestina, ir-raġuni l-għala dan l-Evanġelista jsemmi dan il-post tidher biss li hi intenzjonata sabiex iżżomm il-ġrajja fil-viċinanza ta' Ġerusalemm.[107] Hemm jiftaħ dan l-evanġelju, eżattament fit-Tempju ta' Ġerusalemm u hemm jagħlaq fl-istess post. Il-belt il-qaddisa

---

[102] Ara Pierre Benoit, *Passion and Resurrection* (New York: Herder and Herder, 1969), 271-274.

[103] Fost l-istudjużi li jżommu din l-identifikazzjoni hemm Prosper-Marie Viaud, *Qoubeibeh Emmaus évangélique: Etude archéologique de son église et da la maison qu'elle enclave* (Jerusalem: Saint-Sauveur, 1930); Antonin De Guglielmo, "Emmaus," *Catholic Biblical Quartely* 3 (1941): 293-301.

[104] Ara Alberto Vaccari, "L'Emmaus di S. Luca: Punti sugli i," *Antonianum* 25 (1950): 493-500.

[105] Ara Chenu, *I discopoli di Emmaus,* 45.

[106] Ara Gustaf H. Dalman, *Sacred Sites and Ways* (London: SPCK, 1935), 226-31; Louis-Hugues Vincent u Félix-Marie Abel, *Emmaus: Sa basilique et son histoire* (Paris: Leroux, 1932).

[107] Ara I. Howard Marshall, *The Gospel of Luke*. The New International Greek Testament Commentary (Grand Rapids, MI: Paternoster, 1978), 892 fejn jikkwota x-xogħol ta' Gerhard Lohfink, *Die Himmelfahrt Jesu* (München, 1971), 207f, 264f.

hi tassew l-epiċentru taż-żjara ta' Alla, il-post li lejh Ġesù dawwar wiċċu f'mixja twila[108] u li wasslitu għall-"eżodu"[109] tiegħu. Mhuwiex possibli li profeta jmut barra Ġerusalemm.

Dan ifisser li l-post eżatt ta' Għemmaws, li tant studjużi ppruvaw jiddentifikaw hu biss ta' interess periferiku.[110] Fid-dawl ta' dan, Bruno Chenu jikkonkludi li Għemmaws hu l-villaġġ li "ma jinstab imkien."[111] Id-destinazzjoni vera ta' dawn iż-żewġ dixxipli kienet tikkonsisti filli jiskopru mill-ġdid it-tifsira tal-punt tat-tluq tagħhom: Ġerusalemm. "Hekk kif il-vjaġġ ġeografiku jimxi minn Ġerusalemm għal Ġerusalemm, il-vjaġġ ġenwin jimxi mid-desolazzjoni għat-tama, mill-għamad għal dawl tal-għarfien, minn taħwid (għal wieħed li bih id-dixxipli) jifhmu, mill-mewt għall-ħajja. Fil-ġrajja ta' Għemmaws id-destinazzjoni vera tad-dixxipli hi li jifhmu li l-mewt u l-qawmien ta' Ġesù jimmarkaw il-milja tat-tama."[112]

**Id-diskussjoni tad-dixxipli**

Wara li San Luqa jinfurmana li dawn iż-żewġ dixxipli kienu fi triqthom lejn Għemmaws hu jżid li fit-triq kienu qed "jitħaddtu bejniethom fuq kulma kien ġara."[113] Il-verb bil-Grieg li juża l-evanġelista hawnhekk għal "jitħaddtu" hu *ħomileō* li jerġa' jużah fil-vers ta' wara, il-vers 15.[114] L-użu tal-imperfett għall-verb "jitħaddtu" hawnhekk jindika li din id-diskussjoni kienet waħda fit-tul u kontinwa. Fit-triq, id-dixxipli kienu qed jitħaddtu "fuq kulma (bil-Grieg: *peri pantōn*)[115] kien ġara (bil-Grieg: *symbebēkótōn*)."[116] Il-kontenut tad-diskussjoni bejn iż-żewġ dixxipli hu speċifikat fil-versi 19 sa 24 meta huma jispjegaw lill-vjaġġatur dak li kien għadda minn Ġesù ta' Nazaret fil-passjoni, il-mewt u s-sejba tal-qabar vojt.

---

[108] Ara Lq 9:51.

[109] Ara Lq 9:31.

[110] Fid-dawl ta' dan ninnutaw li l-uniku post ieħor fejn dan l-evanġelista jindika d-distanza hu meta jagħtina x-xena tat-tlugħ is-sema ta' Ġesù f'Atti 1:12 fejn naqraw: "Imbagħad reġgħu lura lejn Ġerusalemm mill-għolja msejħa taż-Żebbuġ, li hi 'l bogħod mill-belt daqs il-mixja tas-Sibt." Mill-ġdid hawnhekk ninnutaw li r-referenza għad-distanza tingħata sabiex tinżamm iċ-ċentralità tal-belt ta' Ġerusalemm.

[111] Chenu, *I discepoli di Emmaus,* 45.

[112] McBride, *Emmaus,* ix.

[113] Lq 24:14.

[114] Ara wkoll Atti 20: 11; 24:26.

[115] Ara wkoll Lq 3:19.

[116] Għall-użu tal-kelma bil-Grieg *sumbaino* ara wkoll Atti 3:10; 20:19; 21:35. Fitzmyer, *The Gospel According to Luke X-XVIV,* 1562 jiġbed l-attenzjoni għad-differenza bejn din l-espressjoni newtra u *peplērophorēmena* użata f'Lq 1:1.

**"(U ġara) li huma u jitħaddtu u jitkixfu bejniethom, Ġesù nnifsu resaq lejhom u baqa' miexi magħhom. Imma għajnejhom kellhom xi jżommhom u ma setgħux jagħrfuh"(vv.15-16).**

Nieqsa mit-traduzzjoni tal-*Għaqda Biblika Maltija* hi l-ewwel frażi li biha fit-test Grieg San Luqa jiftaħ il-vers 15: *kai egeneto* - bil-Malti "U ġara."[117] Imbagħad l-Evanġelista juża żewġ verbi biex jiddeskrivi l-konverżazzjoni ta' bejn dawn iż-żewġ dixxipli (bil-Grieg: *ħomilein autous kai syzētein*) li l-*Għaqda Biblika Maltija* ttraduċithom hekk: "*jitħaddtu* u *jitkixxfu* bejniethom" filwaqt li l-*Bibbja Saydon* tittraduċi: "*jitħaddtu* u *jistħarrġu* bejniethom." Huma diversi t-traduzzjonijiet tat-tieni verb bil-Grieg *syzētein* li San Luqa diġà użah f'22:23 fir-rakkont tal-Aħħar Ċena meta wara li Ġesù ħabbar it-tradiment ta' wieħed mid-dixxipli, dawn "bdew *jistaqsu* lil xulxin min minnhom kien se jagħmel dan."

**Il-vjaġġatur**

Hu f'dan il-punt tan-narrattiva fejn San Luqa jintroduċi personaġġ ġdid fl-istorja. "Ġesù *nnifsu*" (bil-Grieg: *autòs Iesous).*[118] L-użu tal-kelma "innifsu" tenfasizza l-mod enfatiku li bih l-evanġelista jintroduċi lil Kristu Rxoxt li resaq lejn dawn iż-żewġ dixxipli "u baqa' miexi magħhom."[119] L-evanġelista jagħtina l-impressjoni li bħaż-żewġ dixxipli, dan il-vjaġġatur kien qed jitbiegħed minn Ġerusalemm fi triqtu lejn xi mkien ieħor wara l-festa tal-Għid, kif jissuġġerixxi l-vers 28 meta dan il-vjaġġatur "għamel tabirruħu li hu kien se jibqa' sejjer aktar 'il bogħod."

Il-qarrej iżda jaf dak li dawn iż-żewġ dixxipli ma jafux: il-personaġġ ġdid li daħal fix-xena mhuwiex sempliċiment vjaġġatur, imma Ġesù nnifsu! B'dan il-mod, l-evanġelista joħloq tensjoni "drammatika" li tissolva fl-aħħar tal-episodju meta dawn iż-żewġ dixxipli jagħrfu l-identità vera ta' dan il-vjaġġatur li "resaq lejhom u baqa' miexi magħhom."[120]

**Iż-żjara ta' Alla f'Ibnu Ġesù**

Ninnutaw hawnhekk l-użu ta' żewġ verbi importanti li s-suġġett tagħhom hu Ġesù nnifsu: "resaq" (bil-Grieg: *engísas*) u "baqa' miexi" (bil-Grieg: *syneporeúeto autois*). Il-verb

---

[117] Hekk ukoll il-*Bibbja Saydon* tħalli barra din il-frażi fil-vers 15.

[118] Ara wkoll Lq 20:42.

[119] Lq 24:15.

[120] Lq 25:15.

"*resaq* lejhom" hu familjari għal San Luqa.[121] Dan l-evanġelista juża dan l-istess verb biex jesprimi moviment gradwali li wassal għall-mewt u l-qawmien ta' Ġesù. Dan narawh mill-fatt li dan l-istess verb hu ripetut għal tliet darbiet fl-aħħar fażi tal-vjaġġ ta' Ġesù f'Ġerusalemm.[122]

L-istorja tar-rivelazzjoni spiss hi ppreżenata bħala serje ta' żjarat min-naħa tal-Mulej lejn il-poplu tiegħu fi żminijiet partikulari. Id-distanza u s-separazzjoni kbira bejn Alla u l-bniedem tingħeleb permezz tal-użu tal-lingwaġġ konvenzjonali użat għal dawn iż-żjarat li jesprimi t-tifsira ta' kull żjara ta' Alla lill-bniedem. B'dan il-mod, kull żjara ta' Alla kif deskritta fil-paġni tal-Kotba Mqaddsa, nistgħu nqisuha bħala sinjal viżibbli tal-pjan divin li bih il-Mulej Alla juri l-imħabba u l-ġustizzja tiegħu, u allura bħala għan aħħari tas-salvazzjoni għall-bniedem.

San Luqa jaddotta dan il-kunċett taż-żjara ta' Alla kif inhu espress fit-Testment il-Qadim sabiex jitkellem fuq kif is-salvazzjoni ta' Alla li issa kienet preżenti fost il-bnedmin permezz tal-persuna ta' Ġesù.[123] L-idea kollha tas-salvazzjoni tipprovdi ċ-ċavetta għat-teoloġija ta' Luqa-Atti.[124] Diġà fir-rakkonti tat-twelid ta' Ġesù, San Luqa jitkellem miż-żjara ta' Alla bħala ż-żmien ta' salvazzjoni. Hekk ikanta Żakkarija fit-twelid ta' ibnu Ġwanni: "Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, għaliex ġie *jżur* (bil-Grieg: *epesképsato)* u *jifdi* (bil-Grieg: *lytrōsin*) l-poplu tiegħu."[125] Din l-istqarrija San Luqa jirrepetiha f'19:10 meta fid-dar ta' Żakkew, Ġesù jiġbor fil-qosor il-missjoni tiegħu b'dan il-mod: "Għax Bin il-bniedem ġie jfittex u jsalva l-mitluf." L-istess evanġelista jurina wkoll kif fil-ħafna mirakli li kien qed jagħmel Ġesù, in-nies għarfu ż-żjara ta' Alla fosthom: "'Profeta kbir qam fostna,' u 'Alla *żar* (bil-Grieg: *epesképsato*) il-poplu tiegħu.'"[126]

San Luqa jurina wkoll li din is-salvazzjoni li Ġesù ġab miegħu hi ħafna drabi marbuta ma' ikliet jew ġesti ta' ospitailtà, sinjal tat-twettiq messjaniku tal-missjoni ta' Ġesù,[127] kif ukoll antiċipazzjoni tal-ikla messjanika meta popli mill-erbat irjieħ tad-dinja "jiġu mil-Lvant u mill-Punent, mit-Tramuntana u min-Nofsinhar u joqogħdu għall-mejda

---

[121] Il-verb *engísas* jintuża 18-il darba fl-evanġelju skont San Luqa, sitt darbiet fl-Atti tal-Appostli, filwaqt li nsibuh użat seba' darbiet f'San Mattew, tliet darbiet f'San Mark u qatt f'San Ġwann. Ara Chenu, *I discepoli di Emmaus,* 46.

[122] Ara Lq 19:29.37.41.

[123] Hans Conzelmann, *The Theology of Saint Luke* (London: Faber and Faber, 1969), 187 iżomm li t-tifsira tal-ħajja ta' Ġesù toħroġ mill-ġrajja ta' salvazzjoni.

[124] Fost il-ħafna studji li jittrattaw l-importanza tal-kunċett ta' salvazzjoni fil-kitbiet ta' San Luqa ara François Bovon, *Luke: The Theologian, Fity-five Years of Research (1950-2005)* (Waco, TX: Baylor University Press, 2006), 273-328.

[125] Lq 1:68.

[126] Lq 7:16. Għall-kunċett taż-żjara ta' Alla fil-paġni tat-Testment il-Qadim u kif dawn ġew addottati minn San Luqa ara McBride, *Emmaus.*

[127] Ara Is 25:6;  55:1; 65:11.

fis-Saltna ta' Alla."[128] Hu b'dan l-isfond f'moħħna li rridu nippruvaw naqraw id-dettall li San Luqa jinserixxi f'Lq 24:15 bħala parti mill-episodju tad-dixxipli ta' Għemmaws meta naqraw li "Ġesu nnifsu resaq lejhom u baqa' miexi magħhom."

Il-Mulej jew forsi aħjar Kristu Rxoxt, kien qed iżur lil dawn iż-żewġ dixxipli f'din il-mixja ta' diżappunt tagħhom biex jagħtihom "is-salvazzjoni" tiegħu fl-aħbar li hu kien tassew ħaj. Għalkemm iżda Ġesù issa kien preżenti u miexi ma' dawn id-dixxipli, hu kien għadu mhuwiex preżenti għalihom bħala "il-Mulej," imma biss bħala "vjaġġatur" u "barrani"[129] li ngħaqad magħhom fil-vjaġġ tagħhom "u baqa' miexi magħhom."[130]

L-użu ta' dan it-tieni verb fil-vers 15 "baqa' miexi magħhom" (bil-Grieg: *syneporeueto autois*) hu l-istess wieħed li San Luqa juża f'7:11 fil-bidu tal-episodju tal-armla ta' Najn fejn naqraw: "Imbagħad mar f'belt jisimha Najn, u *marru miegħu* (bil-Grieg: *syneporeuonto*) d-dixxipli tiegħu u kotra kbira ta' nies." Hu f'din il-mixja maż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws li Ġesù, bil-mod il-mod, jirrivela lilu nnifsu b'mod li San Luqa jurina li "aħna komunità li ninsabu f'mixja."[131]

**L-għajnejn magħluqin**

Numru ta' kummentarju jaqblu li r-raġuni l-għala ż-żewġ dixxipli ma għarfux lil Ġesù hi waħda divina. L-użu grammatikali tal-verb fil-passiv użat fil-v.16 għall-għajnejn tad-dixxipli li "kellhom xi jżommhom (bil-Grieg: *ekratounto*)," fil-Grieg bibliku jesprimi azzjoni magħmula mill-Mulej Alla stess. F'dan il-każ mela, kien il-Mulej Alla nnifsu li ried li dawn id-dixxipli ma jagħrfux l-identità ta' dan il-vjaġġatur li ltaqa' magħhom fit-triq.[132] Xi kummentarji oħra iżda ma jeskludux li din l-azzjoni kienet ġejja mix-xitan.[133] Ikollna nistennew sal-ġest tal-qsim tal-ħobż biex l-għajnejn miżmuma ta' dawn iż-żewġ dixxipli jinfetħu u jagħrfu lil Kristu Rxoxt. Għalissa iżda f'din il-fażi tal-istorja, naqraw li ż-żewġ dixxipli "ma setgħux jagħrfuh (bil-Grieg: *mē epignōnai*)."[134]

Il-fatt li d-dixxipli ma setgħux jagħrfu lil Ġesù m'għandux iwassalna biex naħsbu li Ġesù deher f'xi "forma oħra" kif naqraw fit-tmiem tal-Evanġelju skont San Mark: "Wara dan, wera ruħu *taħt sura oħra* (bil-Grieg: *en ħetera(i) morphē(i)*) lil tnejn minnhom huma u

---

[128] Lq 13:29.
[129] Ara Lq 24:18.
[130] Lq 24:15.
[131] Chenu, *I discepoli di Emmaus,* 46.
[132] Ara Rossé, *Il vangelo di Luca,* 1022; Fitzmyer, *The Gospel According to Luke X-XXIV,* 1563.
[133] Ara Nolland, *Luke 18:35-24:53,* 1201, fejn jikkwota wkoll Lq 18:34 - "Iżda minn dan kollu ma fehmu xejn; kien diskors li baqa' mistur għalihom, u ma fehmu xejn milli qal." Ara wkoll Lq 9:45.
[134] Għall-użu ta' dan il-verb f'San Luqa ara wkoll Lq: Lk 24, 16.31; Atti 3, 10; 12:14.

sejrin bil-mixi lejn ir-raba'."[135] Filwaqt li ngħidu dan, irridu nfakkru f'dak li għedna meta tkellimna fuq il-motif li jgħaqqad il-mod kif San Luqa jirrakkonta l-ġrajja ta' Għemmaws ma' stejjer Griegi-Rumani ta' allat li jidhru f'forma umana li ma jintagħrfux mill-ewwel. Dan il-motif ta' Kristu Rxoxt li ma jintagħrafx mill-ewwel mill-persuni li lilhom jidher hu ripetut f'episodji oħra li nsibu fl-evanġelju skont San Ġwann. Marija ta' Magdala fixklet lil Kristu Rxoxt mal-"ġardinar" sakemm dan sejħilha b'isimha u mbagħad għarfitu bħala l-Imgħallem li hi kienet qed tfittex b'tant ħerqa.[136] Hekk ukoll is-seba' dixxipli li marru jistadu, "ma kinux jafu li kien Ġesù"[137] ir-raġel li raw ħdejn il-baħar ta' Tiberija.

San Luqa bħall-evanġelista San Ġwann joħloq sitwazzjoni ta' suspense għall-qarrej: meta u kif id-dixxipli se jaslu biex jagħrfu l-identità vera ta' dan il-vjaġġatur? F'dan kollu xi studjużi jiġbdu l-attenzjoni għar-referenza tal-ftuħ tal-għajnejn ta' Adam u Eva bħala l-ewwel espressjoni użata wara l-waqgħa tagħhom fid-dnub.[138] Min-naħa l-oħra, il-ftuħ ta' għajnejn id-dixxipli ta' Għemmaws se tkun ukoll l-ewwel espressjoni li l-Evanġelista San Luqa juża bħala ġest li jirrifletti l-grazzja ta' Alla għall-bniedem "fl-ewwel jum tal-ġimgħa."[139] Mhux biss, imma l-ħobż bħala ikel fuq il-mejda fid-dar ta' Għemmaws, fejn issa kien hemm id-dixxipli fil-preżenza ta' Kristu Rxoxt, hu l-maqlub tal-ikel tal-frott tas-siġra li waqqa' fid-dnub lil Adam u Eva.[140]

**"U hu qalilhom: 'X'intom tgħidu bejnietkom intom u miexja?' U huma waqfu, b'ħarsa ta' niket fuq wiċċhom" v.17.**

**Il-ħarsa ta' niket**

Hu l-vjaġġatur/Kristu Rxoxt li jiftaħ id-diskussjoni ma' dawn iż-żewġ dixxipli tiegħu billi jistaqsihom fuq hiex kienu qed jitkellmu. Litteralment it-traduzzjoni tat-test Grieg *tínes ħoi lógoi ħoutoi* hija: "X'inhuma dawn il-kliem?" It-tweġiba għal din il-mistoqsija kellha tikkonċentra fuq l-istess persuna ta' Ġesù li dawn iż-żewġ dixxipli ma setgħux jagħrfu.

[135] Mk 16:12.

[136] Ara Ġw 20:13-15. Ara Martin Micallef, *The Importance of 'Zeteo' in the Gospel of John: Excerpt from Thesis presented for the Degree of Doctor of Sacred Theology* (Malta: Univesity of Malta, 2010).

[137] Ġw 21:4.

[138] Ara Ġen 3:7.

[139] Lq 24:1.13.

[140] Fuq dan il-punt ara Chenu, *I discepoli di Emmaus,* 47, fejn hu jfakkar ukoll li l-Atti tal-Appostli jagħlaq bin-nota fejn San Pawl jikkwota lil Iżaija: "Tħarsu kemm tħarsu ma tarawx" (Atti 28:26).

B'dan il-mod, f'din il-mistoqsija li jagħmlilhom Ġesù, San Luqa jorbot il-ġrajjiet li kienu għadhom kemm ġraw mat-tema tal-vjaġġ.

Imma qabel ma San Luqa jirrapporta t-tweġiba ta' dawn iż-żewġ dixxipli, hu jagħtina l-qagħda tagħhom ta' niket. L-espressjoni bil-Grieg: *skythropoi* hija tradotta bil-Malti: "b'ħarsa ta' niket fuq wiċċhom."[141] Il-ħarsa ta' wiċċhom kienet tikxef dak li kien hemm f'qalbhom kif naqraw aktar tard fil-v.25 meta Ġesù jgħidilhom: "Kemm intom boloh u tqal biex temmnu kulma qalu l-profeti!" Dawn iż-żewġ dixxipli kien jonqoshom il-ferħ li kebbes qalb id-dixxipli l-oħra kif naqraw fin-nota li biha jagħlaq l-Evanġelju skont San Luqa: "U mimlijin b'ferħ kbir reġgħu lura lejn Ġerusalemm, u qagħdu l-ħin kollu fit-tempju jbierku lil Alla."[142] La l-aħbar tal-qabar vojt u lanqas il-kliem tan-nisa li wasslulhom il-messaġġ tal-anġli ma biddel f'ferħ u t-tama n-niket li ħakem lil dawn id-dixxipli.

**"Imbagħad wieħed minnhom, jismu Kleofa, wieġeb u qallu: "Inti waħdek il-barrani f'Ġerusalemm li ma tafx x'ġara hemmhekk f'dawn il-jiem?" (v.18).**

**Kleofa u d-dixxiplu l-ieħor/l-oħra**

Nistgħu ngħidu li ż-żewġ dixxipli li jissemmew f'dan l-episodju huma parti minn grupp akbar ta' dixxipli li jissemmew fil-v.9 meta n-nisa marru jagħtu l-aħbar tal-qabar vojt "lill-Ħdax u lill-oħrajn kollha," imma dawn m'emmnux dak li qalu n-nisa. Dan nistgħu naslu għalih minħabba li Kleofa mhuwiex wieħed mill-Ħdax-il-Appostlu li jissemmew fil- v.10,[143] u għall-fatt li fil-v.33 iż-żewġ dixxipli marru lura Ġerusalemm għand "il-Ħdax." Il-fatt li San Luqa jippreżenta biss "żewġ" dixxipli ma jidhirx li hu dettall aċċidentali. San Luqa spiss juża n-numru tnejn fil-każ tax-xhieda: ħdejn il-qabar ta' Ġesù nsibu "żewġ irġiel" li jħabbru l-qawmien ta' Kristu.[144] Hekk ukoll jiġri fil-waqt tat-tlugħ is-sema ta' Ġesù.[145] Fil-waqt tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù nsibu żewġ xhieda oħra: lil Mosè u Elija.[146] Meta Ġesù bagħat lit-72 dixxiplu, bagħathom tnejn tnejn,[147] skont dak li kienet titlob il-liġi Lhudija fir-rigward tax-xhieda.

---

141 L-istess espressjoni tintuża f'Mt 6:16.

142 Lq 24:52.

143 Fitzmyer, *The Gospel according to Luke* X-XXIV, 1560, ma jeskludix li d-dixxiplu l-ieħor bla isem hu wieħed mill-Ħdax.

144 Ara Lq 24:4.

145 Ara Atti 1:10.

146 Ara Lq 9:30-32.

147 Ara Lq 10:1. Ara wkoll Lq 7:18; 19:29.

L-ikonografija nisranija donnu li dejjem qieset lil dawn it-tnejn bħala *dixxipli rġiel*. Il-grammatika tat-test iżda filwaqt li tuża l-maskil fil-plural matul ir-rakkont kollu, tista' tindika referenza għal raġel u mara, possibbiltà ta' raġel u martu, li jista' jkun kienu sejrin fid-dar taghhom. Brendan Byrne, iżda jagħmel argument kontra li d-dixxiplu anonimu kien mara meta jikteb: "Aktar tard (v.18) insiru nafu li l-isem ta' wieħed minnhom – Kleofa: l-ieħor jibqa' mhux identifikat. Li dan hu wkoll dixxiplu raġel hu impliċitu fil-kuntrast ma' 'xi nisa' fil-v.22. Dawn iż-żewġ dixxipli jappartjenu lil dan il-grupp kbir ta' dixxipli rġiel li baqgħu jirrifjutaw li jemmnu r-rapport tan-nisa (ara v.11). Ġesù jċanfarhom (v.25) minħabba dan. Jekk id-dixxiplu bla isem kienet mara, il-kuntrast bejn it-tweġiba tal-mara u dik tal-irġiel kien jintilef. Jiena naħseb li Luqa ried joħroġ dan il-kuntrast – favur in-nisa ... dawn tal-aħħar joħorġu bħala persuni aktar kredibbli mill-irġiel fir-rakkonti tal-qawmien li jagħtina San Luqa."[148]

Il-fatt li fl-evanġelju Kleofa jissemma hawn biss, iġagħalna nistaqsu jekk dan huwiex dak li martu hi msemmija fir-rakkont tal-passjoni tar-Raba' Evanġelju: "Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' *Kleofa,* u Marija ta' Magdala."[149] Kummentarji oħra iżda jżommu li Kloefa li jissemma fir-rakkont tad-dixxipli ta' Għemmaws m'għandu xejn x'jaqsam ma' Kleofa li jissemma fi Ġw 19:25, minħabba li l-isem ta' dan tal-aħħar hu fil-forma Griega ta' isem Semitiku.[150] Jista' jkun iżda li Kleofa jissemma b'ismu f'Lq 24 minħabba li dan il-personaġġ kien magħruf biżżejjed fil-knisja ta' San Luqa.[151]

Fir-rigward tad-dixxiplu bla isem, kienu bosta dawk li ppruvaw jiddentifikawh. Hawn min ippropona li d-dixxiplu bla isem li kien miexi ma' Kleofa hu l-mara ta' Kleofa jew iben Kleofa.[152] Sa minn żmien Oriġine[153] saru diversi attentati sabiex jiddentifikaw il-kumpann ta' Kleofa bħala Pietru.[154] Dan iżda ma jidhirx li hu l-każ minħabba li fil-v.34 naqraw kif

---

[148] Brendan Byrne, *The Hospitality of God: A Reading of Luke's Gospel* (Collegeville, MN: Liturgical Press, 1989), 187, n.2.

[149] Ġw 19:25. Ara John E. Adams, "The Emmaus Story, Lk. Xxiv. 13-25: A Suggestion," *Expository Times* 17 (1905-1906): 333-335; C. Eevelyn Charlesworth, "The Unnamed Companion of Cleopas," *Expository Times* 34 (1922-1923): 233-234.

[150] L-isem *Kleofa* hawnhekk hu l-abbrevjazzjoni tal-isem *Kleopatra* fil-forma maskili. Ara Fitzymer, *The Gospel according to Luke X-XVI,* 1563.

[151] Ara Marshall, *The Gospel of Luke,* 894. Ara wkoll Fitzmyer, *The Gospel According to Luke X-XVI,* 1564.

[152] Ara Bruce M. Metzger, *A Textual Commentary on the Greek New Testament* (London: United Bible Societies, 1971), 185; Karl Bornhäuser, *The Death and Resurrection of Jesus Christ* (Bangalore: 1958), 221f. Benoit, *The Passion and Resurrection*, 275 jiffavorixxi lil Filippu d-djaknu bħala l-għajn ta' din l-istorja imma m'hemmx prova għal dan.

[153] *Contra Cels.* 2.62,68 (GCS 2, 184, 190).

[154] Ara Roland D. Sawyer, "Was Peter the Companion of Cleopas on Easter Afternoon," *Expository Times* 61 (1949-1950): 191-193; Joseph H. Crehan, "St Peter's Journey to Emmaus," *Catholic Biblical Quarterly* 15 (1953) 418-26; Rupert Annand, "He

id-dixxipli l-oħra jgħidu lil dawn iż-żewġ dixxipli: "Il-Mulej qam tassew, u deher lil Xmun." Fi tradizzjoni oħra aktar tardiva sar attentat biex id-dixxiplu bla isem jissemma bl-isem ta' *Emmaous.*[155] Ewsebju minn Ċesarija imbagħad jagħmel referenza għal tradizzjoni li tgħid li Kleofa kien ħu Ġuzeppi u allura iz-ziju ta' Ġesù.[156] Dan id-dixxiplu bla isem iżda aktar jidher li qed jirrappreżenta lil kull wieħed u waħda minna.[157] Id-diżappunti tiegħu jirriflettu d-diżappunti tagħna bħala dixxipli ta' Ġesù kull darba li bħalu naħsbu li Ġesù miet, u allura m'għadux aktar.[158]

Forsi aktar milli noqgħodu nispekulaw dwar l-identità ta' dawn iż-żewġ dixxipli, ikun aktar jaqblilna jekk nagħrfu kif San Luqa jridna niffukaw aktar fuq l-identità tal-vjaġġatur. Hi din l-identità li Kleofa jipprova jagħraf meta kollu stagħġib jindirizza lill-vjaġġatur bil-mistoqsija: "Inti waħdek *il-barrani* (bil-Grieg: *paroikeis* – litteralment: il-viżitatur) f'Ġerusalemm li ma tafx x'ġara hemmhekk f'dawn il-jiem?"[159] L-ironijia f'din il-mistoqsija hi waħda qawwija: dawn iż-żewġ dixxipli jakkużaw lill-vjaġġatur/Kristu Rxoxt li hu ma *kienx jaf x'ġara lil Ġesù,* meta fil-fatt kienu huma *li ma jafux* min kien dak li kien qed jistaqsihom. Kleofa ried jinforma lil Ġesù dwar Ġesù meta fil-fatt l-uniku wieħed f'din il-ġrajja li kien "jaf" x'ġara hu dan il-vjaġġatur stess![160] Ma kienx jaf Kleofa li f'dak il-ħin kien qed iseħħ kliem Ġesù stess meta qal: "Fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi, hemm inkun jiena f'nofshom."[161]

**Prospettivi differenti tal-ġrajja ta' Ġesù**

Xi ħaġa oħra li rridu ninnutaw hu l-mod tassew sottili li bih l-evanġelista jippreżentalna żewġ perspettivi differenti minn xulxin dwar il-ġrajjiet li kienu għadhom kemm seħħew: min-naħa hemm il-perspettiva tad-dixxipli u min-naħa l-oħra hemm dik ta' Ġesù. Kleofa jkellem lill-vjaġġatur dwar dak li "ġara hemmhekk f'dawn il-jiem."[162] F'kelma oħra,

---

Was Seen of Cephas," A Suggestion about the First Resurrection Appearance to Peter," *Scotish Journal of Theology* 11 (1958): 180-187.

[155] Alexander Souter, "Emmaus' Mistaken for a Person," *Expository Times* 13 (1901-1902): 429-330.

[156] *Ecc. Hist.* 3.11.

[157] Fuq il-funzjoni ta' karattri anonimi fl-Evanġelju ara David R. Beck, *The Discipleship Paradigm: Readers and Anonymous Characters in the Fourth Gospel*. Biblical Interpretation Series, 27 (Leiden: Brill, 1997).

[158] Fuq dan il-punt ara Martin Micallef, "Il-futur tal-Ħajja Ikkonsagrata (Lq 24:29-33)," fi *Lejn il-Mixja ta' Għemmaws* (Malta: KSMR, 2017), 51-72.

[159] Lq 24:18.

[160] Ara l-aspett ironiku ta' dan il-vers, ara Geoffrey F. Nuttall, *The Moment of Recognition: Luke as Story-Teller* (London: The University of London Athlone Press, 1978), 9.

[161] Mt 18:20.

[162] Lq 24:18. Ara wkoll Lq 24:14.

Kleofa jagħti l-interpretazzjoni tiegħu dwar dak li ġara lil Ġesù mill-perspettiva tiegħu. Dan narawh mill-versi 19 sa 24. Min-naħa l-oħra, il-perspettiva tad-dixxipli fuq dak li ġara lil Ġesù tħejjina għall-perspettiva ta' Ġesù fuq l-istess ġrajjiet li tvarja ħafna minn dik ta' dawn iż-żewġ dixxipli.

**"'X'ġara?' staqsiehom Ġesù. Qalulu: 'Dak li ġara lil Ġesù ta' Nazaret, li kien profeta setgħan fl-għemil u fil-kliem quddiem Alla u quddiem il-poplu kollu. Kif il-qassisin il-kbar u l-kapijiet tagħna tawh f'idejn il-gvernatur biex ikun ikkundannat għall-mewt u sallbuh'" (vv.19-20).**

### Il-Kristoloġija taż-żewġ dixxipli

Jekk dawn iż-żewġ dixxipli kienu tilfu t-tama, żgur iżda li ma kinux tilfu l-memorja ta' dak li kien ġara. Dan narawh mill-mod kif huma jirrakkuntaw lill-vjaġġatur dak li kien "ġara lil Ġesù ta' Nazaret" permezz ta' tliet elementi li jiddefinixxu il-Kristoloġija tagħhom: (i) it-titlu ta' "Ġesù ta' Nazaret"; (ii) l-identità u l-ħidma ta' dak li kien iġib it-titlu ta' "profeta setgħan fl-għemil u fil-kliem"; (iii) iż-żewġ xhieda għal min iġib it-titlu "quddiem Alla u quddiem il-poplu kollu." Iż-żewġ dixxipli mela jwieġbu lill-vjaġġatur/Kristu Rxoxt bi kliem li jidher li kien jirrifletti l-ewwel kérygma dwar "dak li ġara" lil Ġesù ta' Nazaret.

San Luqa juża t-titlu ta' "Ġesù ta' Nazaret" pjuttost bħala terminu tekniku.[163] Dan it-titlu jintuża f'rabta mal-attività tal-mirakli ta' Ġesù: fil-konfront ta' Ġesù ma' spirtu ħażin f'4:34 u fl-episodju tal-agħma ta' Ġeriko f'18:37. B'xi mod, nistgħu ninkludu wkoll is-sejħa profetika proklamata fis-sinagoga ta' Nazaret f'4:16-30[164] li tikkonċentra wkoll fuq l-aspett ta' fejqan f'rabta ma' dan it-titlu. L-istess idea nsibuha wkoll fl-Atti fejn it-titlu "Ġesù ta' Nazaret" jintuża sitt darbiet, b'mod li dan it-titlu jesprimi l-karattru messjaniku tal-ministeru ta' Ġesù.[165]

### Il-Profeta

It-tieni titlu li Kleofa jagħti lil Ġesù hu dak ta' "profeta." Din l-affermazzjoni hi waħda korretta għal San Luqa imma mhux biżżejjed. Dan l-evanġelista diġà applika t-titlu ta' *profeta* għal Ġesù f'numru ta' episodji.[166] Ġesù iżda hu xi ħadd aktar minn profeta.

---

[163] Dan it-titlu jintuża tliet darbiet f'San Luqa. Ara Lq 4:34; 18:37; 24:19. Hawnhekk San Luqa juża l-kelma *Nazarēnòs*, minflok it-terminu li juża s-soltu *Nazōraios.*

[164] Ara Paul J. Achtemeier, "Lucan Perspective on the Miracles of Jesus: A Preliminary Sketch," *Journal of Biblical Literature* 94 (1975): 550-550.

[165] Ara Atti 2:22; 3:6; 4:10; 6:14; 10:38; 22:8; 26:9.

[166] Ara Lq 4:24; 7:16.39; 13:33.

Fil-bidu tal-ministeru tiegħu San Luqa jimmarka l-missjoni profetika ta' Ġesù bħala waħda mogħnija mill-qawwa tal-Ispirtu[167] u f'oppożizzjoni għax-xitan.[168] Sa minn kmieni ħafna fin-narrattiva tiegħu, San Luqa jurina għalhekk il-qawwa tal-ministeru ta' Ġesù "fl-għemil u l-kliem." Dan il-fatt ma jnaqqas xejn mill-opożizzjoni li Ġesù kellu jaffaċċja, b'mod li huwa stess jiġbor fil-qosor ir-reazzjonijiet kontrih bħala Profeta meta jistqarr: "Tassew ngħidilkom, ebda profeta ma jilqgħuh tajjeb f'pajjiżu."[169] Aktar tard imbagħad, hu jkompli jispjega li din hi xi ħaġa "neċessarja" għall-profeta: "Madanakollu llum u għada u pitgħada *jeħtieġli* nissokta t-triq tiegħi, għax ma għandux ikun li profeta jinqered barra minn Ġerusalemm. Ġerusalemm! Ġerusalemm! Int li toqtol il-profeti u tħaġġar il-messaġġiera li jibgħatlek Alla; kemm ridt niġbor lil uliedek bħalma l-qroqqa tiġbor il-flieles tagħha taħt ġwenħajha, u int ma ridtx!"[170]

L-istqarrija ta' Kleofa tiġbor flimkien il-mod kif dawn id-dixxiplu qiesu lil Ġesù ta' Nazaret bħala profeta qawwi f'għemilu u kliemu. Dan il-kliem tad-dixxipli ta' Għemmaws dwar Ġesù li għalihom issa kien mejjet ifakkarna fil-wegħda li kien għamel Mosè f'Dewt 18:15f li għad iqum profeta bħalu qawwi. San Luqa jurina li din il-wegħda seħħet f'Ġesù,[171] b'mod li dan l-istess evanġelista jqis lil Ġesù bħala dak li fih seħħew ukoll it-tamiet messjaniċi għal Iżrael.[172]

Għalhekk, qabel il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż, li permezz tiegħu Ġesù wera kemm tassew kien qawwi f'għemilu u kliemu quddiem il-bnedmin, San Luqa jqajjem il-mistoqsija dwar l-identità profetika ta' Ġesù. Dan jagħmlu permezz ta' dak li Erodi jistaqsi dwar Ġesù: "Lil Ġwanni qtajtlu rasu; mela min hu dan li fuqu qiegħed nisma' dan kollu?"[173] Wara dan il-miraklu mbagħad, San Luqa jippreżentalna l-episodju li fih Ġesù jistaqsi lid-dixxipli min jgħidu n-nies li hu. Għal din il-mistoqsija d-dixxipli jwieġbu li Ġesù kien "wieħed mill-profeti tal-imgħoddi."[174] Din it-tweġiba hi segwita milll-istqarrija ta' Pietru: "Inti l-Messija ta' Alla."[175] Immedjatament wara nsibu l-ewwel tħabbira tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù,[176] u t-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù.[177] Wara dan f'9:37-43 San Luqa jagħtina miraklu ieħor ta' Ġesù li bih ikompli jurina kif Ġesù kien tassew qawwi

---

[167] Ara Lq 3:22; 4:1.

[168] Ara Lq 4:2.

[169] Lq 4:24.

[170] Lq 13:33-34.

[171] Ara Atti 3:22.26; 7:37. Ara wkoll Steve Walton, "Jesus, Present and/or Absent? The Presence and Presentation of Jesus as a Character in the Books of Acts," fi *Characters and Characterization in Luke-Acts.* Library of New Testament Studies 548, ed. Frank Dicken, and Julia Snyder (London: T&T Clark, 2018), 130- 131.

[172] Ara Lq 2:11.26; 24:26.46.

[173] Lq 9:9.

[174] Lq 9:19.

[175] Lq 9:20.

[176] Ara Lq 9:22.

[177] Ara Lq 9:28-36.

f'għemilu u kliemu. Dan il-miraklu hu segwit mit-tieni tħabbira tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù li jagħlaq bin-nota: "Iżda huma ma fehmuhx dan il-kliem."[178]

Din l-iskema li tistabilixxi lil Ġesù bħala profeta qawwi f'għemilu u kliemu, imma li fl-istess ħin kellu jiġi miċħud, hi parallela mad-diskors ta' Stiefnu fl-Atti meta dan jitkellem fuq il-ħajja ta' Mosè li kien "qawwi fi kliemu u għemilu."[179] Kemm Mosè kif ukoll Ġesù huma żewġ profeti kbar f'għemilhom u kliemhom. Mhux biss, għaliex dawn it-tnejn kellhom ibatu u jiġu miċħuda. Mhux ta' b'xejn li fl-ispjega tal-Iskrittura, Kristu Rxoxt jibda minn Mosè u l-profeti kollha.[180] "Mosè, bħala l-prototip tal-profeta miċħud, hu ċ-ċavetta għall-misteru tal-passjoni li dalwaqt kellu jiġi mikxuf."[181] San Luqa mela, jirnexxilu juri lil Ġesù bħala l-profeta/Messija qawwi f'għemilu u fi kliemu, destinat li jiġi miċħud u mogħti għall-mewt, xi ħaġa li d-dixxipli ma setgħux jifhmu.

Din l-inkompressjoni tad-dixxipli hi riflessa f'dak li Kleofa jgħid lill-vjaġġatur fi triq lejn Għemmaws. Fi kliem Kleofa, San Luqa jurina li Ġesù mhux biss kien profeta setgħan f'għemilu u kliemu "quddiem il-poplu kollu" imma wkoll quddiem "Alla." Dan narawh minn diversi reazzjonijiet li l-evanġelista jinkludi wara xi miraklu li jkun wettaq Ġesù.[182] F'dan kollu toħroġ ċara d-diffikultà tad-dixxipli dwar kif jista' jkun li Ġesù wera ruħu daqshekk qawwi f'għemilu u kliemu imma madankollu spiċċa maqtul. Dan il-punt joħroġ b'mod tassew sottili mill-użu tal-verb fil-forma grammatikali tal-passat "Kien" - "li *kien* profeta setgħan ...." Jekk xi darba Ġesù "kien" qawwi f'għemilu u kliemu, issa m'għadux iżjed! Hi din id-diffkultà li twassal għall-kollass tat-tama ta' dawn id-dixxipli.

**Nota ta' anti-semitiżmu?**

Numru ta' kummentarji jinnutaw il-formulazzjoni attenta li biha San Luqa jirrapporta l-kliem ta' Kleofa dwar il-mewt ta' Ġesù fil-vers 20.[183] F'dan il-kliem ma jissemmiex Pilatu u r-Rumani bħala dawk responsabbli għall-mewt ta' Ġesù. Minflok, ir-responsabbiltà għall-mewt ta' Ġesù hawnhekk taqa' fuq il-"qassisin il-kbar u l-kapijiet tagħna." L-affermazzjoni ta' dan il-vers tikkorrispondi mal-kumplament tan-narrattiva ta' San Luqa li tagħmel distinzjoni bejn "il-poplu" li hu favur Ġesù u l-awtoritajiet reliġjużi Lhud

---

[178] Lq 9:45.

[179] Atti 7:22. Għall-użu tal-frażi "għemilu u kliemu" jew "kliemu u għemilu" ara Atti 1:1; Rum 15:18; 2 Kor 10:11; Kol 3:17; 2 Tess 2:17; 1 Ġw 3:18.

[180] Ara Lq 24:26-27.

[181] Dillon, *From Eye-Witnesses to Ministers of the Word*, 132.

[182] Ara Lq 7:16. 29; 18:43; 19:48; 21:38. Għal deskrizzjoni qasira tal-ħajja ta' Ġesù ara Atti 2:22; 10:37-38. Fir-rigward tal-espressjoni "quddiem Alla" San Luqa jenfasizza l-parteċipazzjoni ta' Ġesù fil-proġett ta' salvazzjoni mogħtija minn Alla. Ara d-diskors ta' Pietru fid-dar ta' Kornelju f'Atti 10:38.

[183] Ara Nolland, *Luke 18:35-24:53,* 1202.

li mhux biss fixklu lil Ġesù imma b'xi mod jintwerewbħala dawk responsabbli mill-mewt ta' Ġesù.[184]

Din il-ħaġa wasslet lil numru ta' studjużi sabiex isaħħu l-pożizzjoni tagħhom li l-kitba ta' San Luqa taqa' fil-kategorija ta' anti-Semitiżmu.[185] Mhuwiex il-post fejn nidħlu f'din id-diskussjoni twila li tifred l-istudjużi tal-kitbiet ta' San Luqa. Minflok iżda ninnutaw l-użu tal-verb "tawh f'idejn" fil-vers 20 - bil-Grieg: *parédōkan* - li fih ħjiel li kienu r-Rumani li finalment kienu responsabbli tal-mewt ta' Ġesù.[186]

**"Aħna konna nittamaw li hu kien dak li kellu jifdi lil Iżrael; iżda issa, fuq kollox ġa għaddew tliet ijiem minn dawn il-ġrajja! Issa wkoll xi wħud min-nisa tagħna ħasduna, għax marru kmieni ħdejn il-qabar u l-katavru tiegħu ma sabuhx; ġew jgħidu wkoll li dehrulhom xi anġli li qalulhom li hu ħaj. Imbagħad marru ħdejn il-qabar xi wħud minn tagħna u sabu kollox kif kienu qalu n-nisa, imma lilu ma rawhx!" (vv.21-24).**

**Salvatur**

Il-kliem tad-dixxipli jesprimi d-diżappunt tagħhom. Dan il-kliem jidwi dak li naqraw f'Ġer 14:8 fejn il-Mulej innifsu hu msejjaħ "tama ta' Iżrael, salvatur tiegħu fi żmien il-bżonn." Kleofa mhux biss jesprimi t-twemmin tiegħu f'Ġesù bħala profeta qawwi f'għemilu u kliemu, imma wkoll bħala dak li kellu "jifdi (bil-Grieg: *lytrousthai*) lil Iżrael." Dan kien dak li kienu "jittamaw" (bil-Grieg: *ēlpízomen*) dawn id-dixxipli. Din it-tama fil-"fidwa" ta' Iżrael minn Ġesù, San Luqa jħabbarha sa minn kmieni ħafna fin-narrattiva tiegħu.[187] Fit-Testment il-Qadim, il-Mulej Alla hu diġà muri kemm il-darba bħala salvatur jew il-Ħellies ta' Iżrael.[188] Din it-tama iżda kienet sfat fix-xejn hekk kif issa dawn id-dixxipli jistqarru li kienu diġà "għaddew tlett ijiem minn dawn il-ġrajja!" jiġifieri mill-mewt ta'

---

[184] Ara Lq 23:13. Ara wkoll Rossé, *Il Vangelo di Luca,* 1024. It-terminu "kapijiet" bil-Grieg: *árchontes* fil-v.20 hu użat għall-mexxejja Lhud f'Ġerusalemm f'Luqa-Atti imma ma nsibuhx f'San Mattew u San Mark. L-istqarrija f'Lq 24:20 tantiċipa l-akkuża tar-responsabbilità tal-mewt ta' Ġesù magħmula kontra l-mexxejja Lhud f'Ġerusalemm fid-diskors tal-Atti. Minkejja dan iżda skont dawn l-istess diskorsi, il-poplu ta' Ġerusalemm pparteċipa wkoll fil-mewt ta' Ġesù. Ara Atti 3:13-15, 17; 13:27-29.

[185] Ara l-istudju ta' Douglas R.A. Hare, "The Rejection of the Jews in the Synoptic Gospels and Acts," fi *Anti-Semitism and the Foundations of Christianity,* ed. Alan Davies (New York: Paulist, 1979); Jacob Jervell, *Luke and the People of God: A New Look at Luke-Acts* (Minneapolis: Fortress, 1972); Jack T. Sanders, *The Jews in Luke-Acts* (London: SCM, 1987).

[186] Ara Marshall, *The Gospel of Luke*, 895. Ara wkoll Lq 23:24-33.

[187] Ara Lq 1:68; 2:38; 21:28.

[188] Ara Isa 41:14; 43:14; 44:24.

Ġesù. Filwaqt li ngħidu dan, irridu nagħrfu li ż-żewġ dixxipli ma jagħtux ġudizzju negattiv fil-konfront ta' Ġesù li kien xi impustur. F'kelma oħra, għal dawn iż-żewġ dixxipli l-kruċifissjoni ma ħassritx il-ministeru ta' Ġesù fuq l-art fejn hu kien approvat kemm minn Alla kif ukoll mill-bnedmin.

F'dan kollu naraw kif fl-ewwel parti tal-interpretazzjoni tagħhom dwar l-istorja ta' Ġesù, id-dixxipli ta' Għemmaws jagħtu ġabra fil-qosor tal-ħajja ta' Ġesù, tal-mewt tiegħu u tat-tama tagħhom bi skema maqsuma fi tliet partijiet:

(i) l-istampa ta' Ġesù bħala profeta qawwi f'għemilu u kliemu; (ii) il-fatt li Ġesù ġie miċħud u maqtul; (iii) it-tama tagħhom ta' salvazzjoni li spiċċat fix-xejn. Fil-konversazzjoni fit-triq id-dixxipli jerġgħu jirrakkuntaw l-istorja ta' Ġesù mill-perspettiva tagħhom. B'dan il-mod, in-narratur jissuġġerixxi lill-qarrejja x'kienet tfisser l-istorja ta' Ġesù għal dawn id-dixxipli f'dan l-istadju tal-mixja tagħhom bħala dixxipli. Il-mod kif id-dixxipli fehmu l-ġrajja ta' Ġesù tiċċara aktar bil-mistoqsija ta' Ġesù u b'hekk il-mod kif id-dixxipli fehmu l-ġrajja ta' Ġesù jiġi evalwat u kkorreġut fil-vv.25-27.[189] Il-mod kif dawn id-dixxipli jirrakkuntaw dak li għadda minnu Ġesù hu ġabra fil-qosor ta' dak li San Luqa diġà kiteb f'24:1-12: l-esperjenza tan-nisa ħdejn il-qabar meta ma sabux il-ġisem ta' Ġesù; iż-żewġ anġli li jħabbru li Ġesù hu ħaj; ir-rappurtaġġ tan-nisa lid-dixxipli; ir-reazzjoni tal-istagħġib meta nstab li l-qabar kien tassew vojt; u l-fatt li ħadd ma ra lil Ġesù.

M'hemmx dubju li l-lingwaġġ u l-istil tal-versi 21b-24 huma dawk ta' San Luqa, u permezz tar-repetizzjoni taż-żmien, il-post u l-persunaġġi, San Luqa jerġa' jsaħħaħ ir-rabta bejn l-episodju ta' Għemmaws u s-sejba tal-qabar vojt. Aktar minn hekk, mill-mod kif San Luqa jiżviluppa l-argument tiegħu nistgħu naraw kif hu jgħaqqad flimkien f'ġabra fil-qosor il-ministeru u l-mewt ta' Ġesù (vv.19b-21) ma' dak li seħħ s'issa fl-ewwel jum tal-ġimgħa (vv.21b-24). Imma f'dan kollu rridu ninnutaw ukoll il-paradoss fil-mod kif id-dixxipli ta' Għemmaws jirrakkuntaw il-ġrajja ta' Ġesù. F'dan ir-rakkont tad-dixxipli hemm nieqes jew moħbi il-proklamazzjoni li Kristu Ġesù hu ħaj hekk li San Luqa jurina kif dawn id-dixxipli huma tant *qrib* imma 'l *bogħod* fl-istess ħin: huma għandhom *l-informazzjoni* tal-Għid imma mhux *il-fidi* tal-Għid.

L-istorja tagħhom tagħlaq fil-v.24 b'deskrizzjoni ta' x'kienet tassew il-problema tagħhom: "Imma lilu ma rawhx." Dan il-kliem jissuġġerixxi li li tara lil Kristu Rxoxt tagħmel differenza kbira. Ġesù jaf li li "tara" jeħtieġ issa li jiġi akkumpanjat mill-mod kif nifhmu l-mod li bih il-Mulej Alla kien qed jaħdem il-pjan tiegħu permezz ta' Messija li kellu jiġi miċħud u gglorifikat kif naqraw fl-Iskrittura.

---

[189] Ara Tannehill, *The Narrative Unity of Luke-Acts:* 1:279-280.

**L-istorja ta' Ġesù fl-Iskrittura**

Dawn iż-żewġ dixxipli ma setgħux jagħmlu progress billi sempliċiment jirrakkuntaw il-ġrajjiet li kienu għadu kemm ġraw. Meta d-dixxipli kienu qed jirrakkuntaw lill-vjaġġatur l-istorja ta' Ġesù huma fil-fatt kienu qed jirrakkuntaw l-istess ġrajja tagħhom. Bħala dixxipli, dawn iż-żewġ vjaġġaturi sabu l-identità tagħhom f'Ġesù: minħabba f'dak li Ġesù kien għamel u qal, minħabba f'dak li kien, huma raw lilhom infushom bħala "dixxipli" tiegħu. It-tama tagħhom kienet investiment fil-ħelsien li dan il-profeta kellu jġib f'Iżrael.

L-istorja tagħhom għalhekk ma kinitx tittratta l-mewt ta' Ġesù daqskemm il-mewt tar-relazzjoni tagħhom miegħu. Dik ir-relazzjoni li kienet tathom tama issa kienet spiċċat u mietet; hekk ukoll id-dixxipulat tagħhom. Minħabba f'hekk, iż-żewġ dixxipli jidher li ħassew li issa ma kellhomx għalfejn jibqgħu aktar f'Ġerusalemm. F'dan kollu iżda naraw ukoll li dak li veramant dawn iż-żewġ dixxipli kien jonqoshom kien li jagħrfu li dak li ġara lil Ġesù ta' Nazaret kien it-twettiq ta' dak li huma stess kienu jittamaw: il-ħelsien ta' Iżrael. Dan iżda seħħ b'mod differenti minn kif ħasbu huma. Is-salvazzjoni ta' Ġesù kienet tikkonsisti f'salvazzjoni/ħelsien (bil-Grieg: *áphesis*)[190] mid-dnub u mhux minn xi ħakma imperjali.

B'mod ġenjuż, San Luqa allura jirrakkonta d-destin ta' Ġesù radikalment b'mod oppost mill-mod kif irrakkontawh dawn iż-żewġ dixxipli fil-konversazzjoni tagħhom mal-vjaġġatur. Min-naħa San Luqa jagħtina t-tifsira tal-mewt ta' Ġesù mill-perspettiva tal-qassisin il-kbar u l-kapijiet fil-v.20, tad-dixxipli fil-v.21. Min-naħa l-oħra, San Luqa jagħtina l-aħbar tal-qawmien mill-perspettiva tan-nisa fil-vv.22-23b, tal-anġli fil-v.23b, tal-Iskrittura fil-vv.25-26, u fl-aħħar ta' Ġesù nnifsu fil-v.27. Dawk tal-ewwel raw it-tmiem ta' mistħija tal-profeta, filwaqt li l-oħrajn raw il-glorifikazzjoni ta' Kristu.[191]

Meta nqisu dan kollu allura naslu biex ngħidu li l-proċess kontinwu ta' kif nifhmu kliem u ġrajjiet mill-passat permezz ta' għajnuniet minn esperjenzi ġodda hu wieħed li San Luqa juża sabiex jgħaqqad flimkien it-tliet ġrajjiet tad-dehriet ta' Kristu Rxoxt li jagħtina fil-kapitlu 24. F'kull waħda minn dawn il-ġrajjiet, San Luqa juri b'mod drammatiku kif ma nistgħux nifhmu l-qawmien ta' Ġesù fl-assenza/nuqqas ta' interpretazzjoni li turina t-tifsira redentiva tal-mewt tiegħu. Ir-referenza għall-qabar vojt fil-vv.4 u 12 u għad-dehriet ta' Kristu Rxoxt fil-vv.16.37 weħidhom ma jwasslu lil ħadd biex jemmen fil-qawmien ta' Ġesù; dawn kellhom bżonn l-akkumpanjament tal-Kelma ta' Alla biex tinterpretahom.

Għal dan l-evaneġlista mela, iċ-ċavetta sabiex tfisser il-mewt ta' Ġesù tinsab fl-Iskrittura.[192] Fuq kollox, ir-revalzzjoni għal San Luqa ma sseħħx permezz ta' xi intervent

[190] Ara Lq 4:18. Ara wkoll Lq 24:47.

[191] Ara Ronald Meynet, *Il Vangelo secondo Luca: Analisi retorica* (Bologna: EDB, 2003), 890.

[192] Ara Lq 24:25-27.32.

ta' xi anġli – għalkemm din mhijiex eskluża[193] – imma permezz ta' proċess ermenewtiku ta' kif tifhem l-għan tal-pjan ta' Alla f'rabta mal-ħajja ta' Ġesù li issa nistgħu nifhmuh biss fid-dawl tal-Iskrittura. Qabel ma dawn id-dixxipli jitneħħilhom il-velu tal-għamad minn quddiem għajnejhom, kien jeħtiġilhom li jiġu mgħallma. Ġesù għalhekk juri ruħu lil dawn iż-żewġ dixxipli mhux sempliċiment bħala l-profeta, imma bħala l-Messija li kellu jbati skont dak li kienu kitbu fuqu Mosè u l-Profeti kollha.

Ġesù ta' San Luqa jikkatekizza lid-dixxipli filwaqt li jkebbsilhom qalbhom fit-triq bl-interpretazzjoni tal-Iskrittura.[194] Kristu Rxoxt stess isir l-eseġeta[195] li jfisser dak li naqraw fid-daħla tal-Evanġelju skont San Luqa meta dan l-evanġelista jfisser l-għan tiegħu li jikteb fuq "il-ġrajja li seħħew fostna."[196] B'dan il-mod, ir-rakkont tad-dixxipli ta' Għemmaws isir il-bażi tal-*kérgyma appostolika* hekk kif issa għandna l-interpretazzjoni "nisranija" mogħtija minn fomm Ġesù stess tat-Testment il-Qadim, motif li jitkompla fl-Atti tal-Appostli. Fiċ-ċentru ta' dan hemm l-aħbar li Ġesù "hu ħaj."[197] Il-vers 23 mela hu l-punt ewlieni ta' dan ir-rakkont kollu tad-dixxipli ta' Għemmaws.

**Konklużjoni**

L-episodju tad-dixxipli ta' Għemmaws nistgħu nqisuh bħala wieħed ċentrali tat-tliet kwadri li jiffurmaw il-kapitlu 24 tal-Evanġelju skont San Luqa: it-tħabbira tal-qawmien lin-nisa, il-mixja lejn Għemmaws u d-dehra ta' Kristu Rxoxt lid-dixxipli miġbura flimkien. Dawn it-tliet episodji għandhom bħala punt ċentrali riferiment għat-twettiq tal-Kelma ta' Alla: fl-ewwel każ, l-irġiel libsin l-abjad ifakkru lin-nisa fil-kliem li kien qal Ġesù;[198] filwaqt li fiż-żewġ każi l-oħra hu Ġesù nnifsu li jfisser it-twettiq tal-Iskrittura f'Mosè u l-Profeti,[199] u f'Mosè, il-Profeti u s-Salmi rispettivament.[200] San Luqa jurina li ma jistax ikun hemm bidu ta' mixja tad-dixxipulat mingħajr laqgħa awtentika ma' Kristu fl-Iskrittura, jiġifieri mingħajr ma nifhmu sew l-ġrajja u t-tifsira tal-ministeru ta' Ġesù kif imfissra fl-Iskrittura.

---

193 Ara Lq 24:23.

194 San Luqa ma jagħtix xi testi partikulari mil-Liġi jew mill-Profeti, u allura jkun inutli li nipppruvaw infittxu għal xi silta partikulari mit-Testment il-Qadim li għaliha Ġesù kien qed jirreferi.

195 Għal dan it-terminu f'rabta ma' Ġesù, ara Ġw 1:18.

196 Lq 1:1.

197 Lq 24:23.

198 Ara Lq 24:6-7.

199 Ara Lq 24:27.

200 Ara Lq 24:44.

**Biblijografija**

Achtemeier, Paul J. "Lucan Perspective on the Miracles of Jesus: A Preliminary Sketch," *Journal of Biblical Literature* 94 (1975): 550-550.

Adams, John E. "The Emmaus Story, Lk. Xxiv. 13-25: A Suggestion," *Expository Times* 17 (1905-1906): 333-335.

Alsup, John E. *The Post-Resurrection Appearance: Stories of the Gospel Tradition* (Stuttgart: Calver-Verlag, 1975).

Annand, Rupert. "He Was Seen of Cephas," A Suggestion about the First Resurrection Appearance to Peter," *Scotish Journal of Theology* 11 (1958): 180-187.

Bassetti, Luca. *Il viaggio della parola e del discepolo nel Vangelo di Luca* (Trapani: Il pozzo di Giacobbe, 2012).

Beck, David R. *The Discipleship Paradigm: Readers and Anonymous Characters in the Fourth Gospel*. Biblical Interpretation Series, 27 (Leiden: Brill, 1997).

Benoit, Pierre. *Passion and Resurrection* (New York: Herder and Herder, 1969).

Bornhäuser, Karl. *The Death and Resurrection of Jesus Christ* (Bangalore: 1958).

Bovon, François. *Luke: The Theologian, Fity-five Years of Research (1950-2005)* (Waco, TX: Baylor University Press, 2006).

Bultmann, Rudolf. *History of the Synoptic Tradition* (Oxford: Blackwell, 1968).

Byrne, Brendan. *The Hospitality of God: A Reading of Luke's Gospel* (Collegeville, MN: Liturgical Press, 1989).

Charlesworth, C. Eevelyn. "The Unnamed Companion of Cleopas," *Expository Times* 34 (1922-1923): 233-234.

Chenu, Bruno. *I discepoli di Emmaus,* trans. Fausto Savoldi (Brescia: Queriniana, 2005).

Conzelmann, Hans. *The Theology of Saint Luke* (London: Faber and Faber, 1969).

Creed, John M. *The Gospel according to Luke* (London: Macmillan & Co., 1930).

Crehan, Joseph H. "St Peter's Journey to Emmaus," *Catholic Biblical Quarterly* 15 (1953) 418-26.

Dalman, Gustaf H. *Sacred Sites and Ways* (London: SPCK, 1935).

Dillon, Richard J. *From Eye-Witnesses to Ministers of the Word: Tradition and Composition in Luke 24*. Analecta Biblica, 82 (Rome: Biblical Institute, 1978).

Dodd, Charles H. "The Appearances of the Risen Christ: An Essay in Form-Criticism of the Gospels," fi *Studies in the Gospels: Essays in Memory of R.H. Lightfoot,* ed. Dennis E. Nineham (Oxford: Blackwell, 1957), 9-25.

Dussaut, Louis. "Le Triptyque des Apparitions en Luc 24," *Revue Biblique* 94 (1987): 161-213.

Ehrhardt, Arnold. "The disciples of Emmaus," *New Testament Studies* 19 (1964): 195-201. Lucien Legrand, "Christ in the Fellow Traveller: The Emmaus Story in Lk 24:13-35, *Indian Theological Studies* 19 (1982): 33-34.

Ellis, Edward E. *The Gospel of Luke* (London: New Century Bible, [2]1974).

Farmer, William R. *The Last Twelve Verses of Mark* (Society of New Testament Studies Monograph Series 25; Cambridge: Cambridge University Press, 1974).

Fitzmyer, Joseph A. *The Gospel According to Luke X-XXIV*. The Anchor Bible, 28A (New York-London: Doubleday, 1985).

Gibbs, James M. "Luke 24:13-33 and Acts 8:26-39: The Emmaus Incident and the Eunuch's Baptism as Parallel Stories," *Bangalore Theological Forum* 7 (1975): 17-30.

Green, Goel B. *The Gospel of Luke*. The New International Commentary on the New Testament (Grand Rapids, MI: Eerdmans, 1997).

Guglielmo De, Antonin. "Emmaus," *Catholic Biblical Quartely* 3 (1941): 293-301.

Guillaume, Jean-Marie. *Luc interprète des anciennes traditions sur la Résurrection de Jésus* (Paris: Gabalda, 1979).

Guitton, Jean. *Jésus* (Paris: Grasset, 1956).

Hare, Douglas R.A. "The Rejection of the Jews in the Synoptic Gospels and Acts," fi *Anti-Semitism and the Foundations of Christianity,* ed. Alan Davies (New York: Paulist, 1979).

Jeremias, Joachim. *The Eucharistic Words of Jesus* (London: SCM, [2]1966).

Jervell, Jacob. *Luke and the People of God: A New Look at Luke-Acts* (Minneapolis: Fortress, 1972); Jack T. Sanders, *The Jews in Luke-Acts* (London: SCM, 1987).

Just Jr, Arthur. *The Ongoing Feast: Table Fellowship and Eschatology at Emmaus* (Pueblo, Collegeville, MN: Liturgical, 1993).

Karris, Robert J. "Luke 24:13-35," *Interpretation* 41 (1987): 57-58.

Legrand, Lucien. "Deux voyages. Luc 2,41-50; 24,13-33," fi *À cause de l'Évangile*, ed. *R.Refoulé*. Lectio Divina, 123 (Paris: Éditions du Cerf, 1985), 417 fejn jagħti enfasi wkoll lill-korrispondenza strutturali bejn iż-żewġ rakkonti, anke jekk huma diversi.

Lindijer, Cord H. "Two Creative Encounters in the Work of Luke: Luke xxiv 13-35 and Acts viii 26-40," in *Miscellanea Neotestamentica: Studia ad NT praesertim pertinentia a sociis sodalicii Batavi, cuius nomen Studiosorum Nti Conventus, anno 1976 quintum lustrum complentis suscepta,* ed. T. Baarda et al. Novum Testamentum Supplements 48 (Leiden: Brill, 1978), 2:77-85.

Marshall, I. Howard "The Resurrection of Jesus in Luke," *Tyndale Bulletin* 24 (1973): 55-98.

Marshall, I. Howard *The Gospel of Luke*. The New International Greek Testament Commentary (Grand Rapids, MI: Paternoster, 1978).

McBride, Denis. *Emmaus: The Gracious Visit of God according to Luke* (Dublin: Dominican Publications, 1997).

Metzger, Bruce M. *A Textual Commentary on the Greek New Testament* (London: United Bible Societies, 1971).

Meynet, Roland. *Jésus passe* (Paris: Éditions du Cerf, 1999).

Meynet, Roland. *Il Vangelo secondo Luca: Analisi retorica* (Bologna: EDB, 2003).

Micallef, Martin. "Il-futur tal-Ħajja Ikkonsagrata (Lq 24:29-33)," fi *Lejn il-Mixja ta' Għemmaws* (Malta: KSMR, 2017), 51-72.

Micallef, Martin. *The Importance of 'Zeteo' in the Gospel of John: Excerpt from Thesis presented for the Degree of Doctor of Sacred Theology* (Malta: Univesity of Malta, 2010).

Moule, Charles F.D. "The Post-Resurrection Appearances in the Light of Festival Pilgrimages," *New Testament Studies* 4 (1957-58): 58-61.

Mullins, Michael, *The Gospel of Luke: A Commentary* (Dublin, The Columbia Press, 2010).

Nolland, John. *Luke 18:35-24:53*. Word Biblical Commentary, 35c (Dallas, TX: Word Books, 1993).

Nuttall, Geoffrey F. *The Moment of Recognition: Luke as Story-Teller* (London: The University of London Athlone Press, 1978).

Robinson, Bernard P. "The Place of the Emmaus Story in Luke-Acts," *New Testament Studies* 30 (1984): 481-82.

Rossé, Gérard. *Il Vangelo di Luca: Commento esegetico e teologico* (Roma: Città Nuova, [4]2006).

Sawyer, Roland D. "Was Peter the Companion of Cleopas on Easter Afternoon," *Expository Times* 61 (1949-1950): 191-193.

Smith, Daniel A. *Revisiting the Empty Tomb: The Early History of Easter* (Minneapolis: Fortress, 2010).

Smith, Robert H. *Easter Gospels: The Resurrection of Jesus According to the Four Evangelists* (Minneapolis: Augsburg, 1983).

Souter, Alexander. "Emmaus' Mistaken for a Person," *Expository Times* 13 (1901-1902): 429-330.

Sri, Edward. *Rethinking Mary in the New Testament* (San Francisco: Ignatius, 2006).

Stein, Robert H. *The Synoptic Problem: An Introduction* (Grand Rapids, MI: Baker Book House, 1987).

Tannehill, Robert C. *The Narrative Unity of Luke-Acts: A Literary Interpretation. Volume One, the Gospel according to Luke* (Philadelphia: Fortress, 1986).

Vaccari, Alberto. "L'Emmaus di S. Luca: Punti sugli i," *Antonianum* 25 (1950): 493-500.

Viaud, Prosper-Marie. *Qoubeibeh Emmaus évangélique: Etude archéologique de son église et da la maison qu'elle enclave* (Jerusalem: Saint-Sauveur, 1930).

Vincent, Louis-Hugues, u Félix-Marie Abel, *Emmaus: Sa basilique et son histoire* (Paris: Leroux, 1932).

Walton, Steve. "Jesus, Present and/or Absent? The Presence and Presentation of Jesus as a Character in the Books of Acts," fi *Characters and Characterization in Luke-Acts.* Library of New Testament Studies 548, ed. Frank Dicken, and Julia Snyder (London: T&T Clark, 2018), 130- 131.

**"FISSRILHOM KULMA KIEN HEMM FL-ISKRITTURA FUQU" (LUQA 24:22-27)**

**Studju ta' Rev. Dr Marcello Ghirlando OFM**

Din is-silta ċkejkna hi parti essenzjali u integranti tal-ġrajja tal-manifestazzjoni liż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws kif irrakkuntata minn San Luqa (24:13-35), ġrajja partikulari għal dan l-Evanġelista u x'aktarx imsemmija minn San Mark f'16:12-13. Hawnhekk il-link jista' jkun il-kumment ta' Mark meta jgħid: "wera ruħu taħt sura oħra lil tnejn minnhom huma hu sejrin bil-mixi lejn ir-raba' ... (v.12).

Il-ġrajja sħiħa ta' Għemmaws isseħħ nhar Ħadd il-Għid filgħaxija. Jidher ċar li l-vrus 22-24 jiġbru fihom dak li jseħħ fl-ewwel tnax-il vers tal-istess kapitlu; il-vers 35 imbagħad jagħti sommarju qasir ta' dak li kien ġara fit-triq u mal-mejda. Hu l-kjasmu li Luqa jirnexxilu joħloq madwar il-ġrajja ċentrali ta' Għemmaws. Hi ġrajja li sseħħ matul vjaġġ. Jidher li dan hu l-vjaġġ tal-fidi li jippermetti lid-dixxipli jagħrfu li l-laqgħa mal-Mulej Irxoxt tagħti ċ-ċavetta biex wieħed jifhem li l-passjoni u l-qawmien/eżaltazzjoni tal-Mulej isibu x-xhieda anke fl-Iskrittura Mqaddsa.

Imma ejjew inħarsu ħafif ħafif lejn xi elementi eseġetiċi li jistgħu jgħinuna nifhmu aħjar dawn il-vrus magħżula u nħalluhom idawlu l-mixja tad-dixxipulat tagħna.

**L-ESEĠEŻI TAT-TEST**[201]

**"Issa wkoll xi wħud min-nisa tagħna ħasduna, għax marru kmieni ħdejn il-qabar [23]u l-katavru tiegħu ma sabuhx; ġew jgħidu wkoll li dehrulhom xi anġli li qalulhom li hu ħaj" (vv.22-23).**

Ἀλλὰ καὶ (*allà kai*) "Issa wkoll", fis-sens ta' "minkejja dan kollu". "Dan kollu" jirreferi għad-diskors fuq l-passjoni u l-mewt ta' Ġesù li għal Kleofa kienu t-tmiem drammatiku tat-tama messjanika tagħhom. Minkejja dan kollu xi ċaqliqa kien hemm … u hawn il-kuntrast. Hawnhekk Kleofa jagħti sommarju ta' dak li kien ġara l-Ħadd filgħodu, jiġifieri r-rakkont tas-sejbien tal-qabar vojt, komuni għall-erba' evanġelisti.

---

[201] Jannes Reiling, u Jan L. Swellengrebel, *A Handbook on The Gospel of Luke*. UBS Handbook Series (New York: United Bible Societies, 1971), 747-758; Luke T. Johnson, *The Gospel of Luke*. Sacra Pagina, 3 (Collegeville, MN: Michael Glazier - Liturgical Press, 1991), 395-396; John Nolland, *Luke 18:35–24:53*. Word Biblical Commentary, 35C (Dallas: Zondervan, 1993), 1194-1209.

γυναῖκές τινες ἐξ ἡμῶν ἐξέστησαν ἡμᾶς (*gunaikés tines eks hēmōn ekséstēsan hēmas*), "xi wħud min-nisa tagħna ħasduna". Dawn huma n-nisa li jissemmew f'23: 5-56, "li kienu ġew mill-Galilija ma' Ġesù, marru wara Ġużeppi u raw il-qabar u kif kienu qiegħdu l-katavru; mbagħad reġgħu lura u ħejjew il-fwejjaħ u l-mirra." Il-verb ἐξέστησαν ἡμᾶς (*ekséstēsan hēmas*), 'ħasduna', għandu sens qawwi ħafna: il-ġrajja tal-qawmien li jxandru kienet kbira wisq biex titwemmen! Kienet ġrajja li qanqlet sorpriża u anke nuqqas ta' għarfien u konfużjoni.

γενόμεναι ὀρθριναὶ ἐπὶ τὸ μνημεῖον (*genómenai orthrinaì epì to mnēmeion*), "għax marru kmieni ħdejn il-qabar". L-esperjenza tagħhom seħħet kmieni mas-sebħ. Hawn sens qawwi ta' ċaqliq: riedu jmorru kemm jista' jkun malajr, kellhom xewqa li jaslu lejn il-qabar, γενόμεναι.... ἐπὶ τὸ μνημεῖον (*genómenai... epì to mnēmeion*). Kienu n-nisa li "ħejjew il-fwejjaħ u l-mirra" (v.56) imma li stennew li jgħaddi s-Sibt "skont il-preċett tal-Liġi".

καὶ μὴ εὑροῦσαι τὸ σῶμα αὐτοῦ (*kai mē heurousai to sōma autou*), "u l-katavru tiegħu ma sabuhx". Hi waħda mir-raġunijiet għaliex in-nisa riedu jerġgħu lura fi ħdan il-grupp tad-dixxipli". Imma kien hemm it-tieni raġuni:

ἦλθον λέγουσαι καὶ ὀπτασίαν ἀγγέλων ἑωρακέναι (*ēlthon légousai kai optasían angélōn heōrakénai*), "ġew jgħidu wkoll li dehrulhom xi anġli". Huma "ż-żewġt irġiel/messaġġiera" li jissemmew fil-v.4. It-tħabbira li l-qabar kien vojt u li dehrulhom xi anġli ssir lid-dixxipli miġbura. Lilhom ukoll tingħata l-kelma tal-anġlu: οἳ λέγουσιν αὐτὸν ζῆν (*hoi légousin aotòn zēn*), "li qalulhom li hu ħaj." Dan hu l-kontenut essenzjali tat-tħabbira mlaqqma fir-realtà tal-qabar misjub vojt u li jikkonferma d-dikjarazzjoni doppja li nsibu fil-vers 6 tal-istess kapitlu: "Mhuwiex hawn, imma qam."

**"Imbagħad marru ħdejn il-qabar xi wħud minn tagħna u sabu kollox kif kienu qalu n-nisa, imma lilu ma rawhx!" (v.24).**

καὶ ἀπῆλθόν τινες τῶν σὺν ἡμῖν ἐπὶ τὸ μνημεῖον (*kai apēlthón tines tōn sun hēmin epì to mnēmeion*), "Imbagħad marru ħdejn il-qabar xi wħud minn tagħna". Luqa donnu jagħmel insistenza fuq il-grupp tad-dixxipli, "minn tagħna." Imma anke dawn: καὶ εὗρον οὕτως καθὼς καὶ αἱ γυναῖκες εἶπον (*kai heuron houtōs kathōs kai hai gunaikes eipon*), "u sabu kollox kif kienu qalu n-nisa." Hi t-tmien darba li jissemma l-qabar, misjub "kif kienu qalu" (ara 19:32 u 22:13).

αὐτὸν δὲ οὐκ εἶδον (*autòn de ouk eidon*), "imma lilu ma rawhx!" Lilu – jiġifieri l-Mulej Ġesù – l-imfittex b'xewqa profonda, ma rawhx, minkejja t-tħabbira tal-anġli li kien xandruh ħaj lin-nisa "minn tagħhom."

**“Qalilhom Ġesù: “Kemm intom boloh u tqal biex temmnu kulma qalu l-profeti! U ma kellux il-Messija jbati dan kollu u hekk jidħol fil-glorja tiegħu?” U beda minn Mosè u l-Profeti kollha jfissrilhom kulma kien hemm fl-Iskrittura fuqu” (vv.25-27).**

Καὶ αὐτὸς εἶπεν πρὸς αὐτούς “Ὦ ἀνόητοι καὶ βραδεῖς τῇ καρδίᾳ τοῦ πιστεύειν ἐπὶ πᾶσιν οἷς ἐλάλησαν οἱ προφῆται (*kai aotòs eipen pros aoutous “Ho anóētoi kai bradeis tē(i) kardía(i) tou pisteύein epì pasin hois elálēsan hoi prophētai*), “Qalilhom Ġesù: “Kemm intom boloh u tqal biex temmnu kulma qalu l-profeti!” Jidħol issa fid-diskors Ġesù li dak li se jgħid lit-tnejn, jgħidulhom b’enfasi. Il-bluha u t-toqol huma fil-fatt in-nuqqas ta’ twemmin, frott l-inkomprensjoni, f’dak li nkiteb kemm fil-profeti u kemm fil-Liġi (Mosè tal-v.27). Hemm inkomprensjoni tal-moħħ u tal-qalb fil-veritù ta’ dak li nkiteb “mill-ispirtu ta’ Alla” fl-Iskritturi kollha. Hemm inkomprensjoni tal-verità li qajla qajl tasal qalbhom, bħala ċ-ċentru tal-intelliġenza, għaliha. Niftakru li biex tasal temmen f’Ġesù, bir-realtà tal-qawmien, trid tagħraf l-Iskrittura, “kulma qalu l-profeti.”

˙οὐχὶ ταῦτα ἔδει παθεῖν τὸν Χριστὸν καὶ εἰσελθεῖν εἰς τὴν δόξαν αὐτοῦ; (*ouchì tauta édei pathein ton Christòn kai eiselthein eis tēn dóksan autou?*)” “U ma kellux il-Messija jbati dan kollu u hekk jidħol fil-glorja tiegħu?” “U ma kellux” fis-sens li “kien meħtieġ”; hi l-ħtieġa li tindika r-rieda ta’ Alla għall-Midluk tiegħu, “il-Messija”, it-titlu tal-feddej li kien meħtieġ li jingħata u li “kien meħtieġ” ukoll, bħala konsegwenza loġika, jidħol fil-glorja tiegħu. Hi l-mixja mlaqqma fil-loġika tat-tbatija. Hi l-ħtieġa ta’ Alla li jidħol isalva l-bniedem fil-mixja tal-istorja u l-aktar fil-ġrajja ta’ Ġesù.

καὶ ἀρξάμενος ἀπὸ Μωϋσέως καὶ ἀπὸ πάντων τῶν προφητῶν διερμήνευσεν αὐτοῖς ἐν πάσαις ταῖς γραφαῖς τὰ περὶ ἑαυτοῦ (*kai arksámenos apò Mōüséōs kai apò pàntōn tōn prophētōn dierměneusen autois en pásais tais graphais ta perì heautou*). “U beda minn Mosè u l-Profeti kollha jfissrilhom kulma kien hemm fl-Iskrittura fuqu” (v.27). Beda minn Mosè, il-Liġi, u kompla permezz tal-kitbiet profetiċi (ara: Lq 16:29-31 u Atti 26:22 u 2:23). Hi “l-ermenewtika” tal-Kristu, it-tifsira tal-loġika u l-ħtieġa tas-salib li ssib għeruqha fl-Iskritturi Mqadsdsa, Mosè u l-Profeti. Aktar ’il quddiem it-totalità tal-Iskritturi hi enfasizzata meta Luqa, fil-vv.44 u 45 tal-istess kapitli jgħid: “Jeħtieġ li jseħħ kulma nkiteb fuqi fil-Liġi ta’ Mosè, fil-Profeti u fis-Salmi. Imbagħad fetħilhom moħħhom, biex jifhmu l-Iskrittura.” Għandna ikona ta’ kif il-Knisja kellha, fuq l-eżempju tal-Irxoxt, “tittraduċi/tifhem u tfiehem l-Iskritturi fid-dawl tal-passjoni, il-mewt u l-qawmien tiegħu.

**KUMMENT**[202]

Irridu nifhmu dawn il-ftit vrus fir-rakkont sħiħ ta' Għemmaws. Bih Luqa jrid jurina kif il-Mulej hu preżenti anke llum fl-istorja tagħna u l-mod kif id-dixxipli tiegħu jistgħu jiltaqgħu miegħu: fil-Kelma u fil-Qsim tal-Ħobż jistgħu jagħmlu esperjenza tal-preżenza ħajja tiegħu, l-Imgħallem mislub u rxuxtat.

L-għarfien ta' Ġesù neċessarjament jgħaddi mis-smigħ tat-tħabbira tal-kelma tal-Imgħallem u fil-viżjoni ta' wiċċu fil-qsim tal-ħobż. Anke jekk id-dixxipli kellhom l-għarfien tal-Iskritturi, l-iskandlu tas-salib kien għamiehom. Kien neċessarju d-dawl ta' Kristu u l-għarfien tal-ħtieġa tal-*via crucis* biex jifhmu kif Alla kien daħal b'mod definittiv fl-istorja tal-bnedmin.

Fil-pellegrinaġġ tal-ħajja, fit-toroq imwiegħra u bla tama tal-ħajja tal-bnedmin, hemm iterraq l-Imgħallem Irxuxtat, xewqan biex jimxi pass pass mal-bniedem u jurih il-ġmiel tal-imħabba ta' Alla għalih li dehret ... fis-salib, għajn tal-qawmien u ħajja ġdida li timla bil-ferħ.

Min jimxi miegħu fit-triq, bis-saħħa tal-Ispirtu li jkebbes il-qlub, jintgħaġen fil-kelma maqsuma u mfissra u jgħix bis-saħħa tal-ħobż li fuqha tingħad il-barka u jinqasam.

Ir-rakkont ta' Luqa jfakkarna li lkoll pellegrini, imsejħa biex ngħaddu mill-qtigħ il-qalb għall-milja tal-ħajja fih. Ilkoll imsejħa nkunu pellegrini, anzi ġerrejja ... li jterrqu bil-ferħ lejn il-ġemgħa tad-dixxipli li flimkien jistgħu jgħidu: "Il-Mulej qam u deher lil Xmun"... u lilna lkoll!

F'dan il-kuntest nifhmu allura dak li eżaminajna fil-qosor u mill-vrus nistgħu nisiltu xi indikazzjonijiet pastorali.

**Indikazzjonijiet Pastorali | Kunsiderazzjonijiet**

1. Il-qtigħ il-qalb ta' Kleofa u sieħbu forsi jirrifletti l-kaos interjuri li kellhom jesperjenzaw anke n-nisa li marru u sabu l-qabar vojt u kellhom jisimgħu t-tħabbira tal-anġli jxandru l-qawmien ta' Ġesù. Kemm id-dixxipli ta' Għemmaws, kif ukoll in-nisa li marru kmieni filgħodu lejn il-qabar huma ppreżentati f'mixja ... min imxennaq li jasal sal-qabar biex jidlek il-ġisem mejjet ta' Ġesù u min qalbu

---

[202] AA.VV., *Una comunità legge il Vangelo di Luca*, vol. II. Lettura Pastorale della Bibbia (Bologna: Edizioni Dehoniane, 1991), 456-462; Bruce B. Barton, David R. Veerman, Linda C. Taylor, u Grant R. Osborne, *Luke* (Wheaton, IL: Tyndale House, 1997), 557-565.

maqtugħa miexi lejn ir-raħal tiegħu biex jerġa' jibda mill-ġdid, b'ħafna domandi espressi f'diskussjoni mqanqla bejniethom.
Mhux rifless tal-bniedem tal-lum, dawk li jemmnu u dawk li ma jemmnux? Spiss mingħajr tama qawwija u mfixxkla fuq x'inhu s-sens veru tal-ħajja ... u fejn huma t-tamiet ta' ħajja aħjar quddiem mewġa ta' kultura ta' mewt u ħażen?
Minkejja dan, il-bniedem jibqa' pellegrin ... min imxennaq li jsib il-verità jew sens fil-ħajja u min miexi f'rutina forsi monotona u mdella. Il-mixja lejn Għemmaws hi neċessità!

2. Kemm kien diffiċli għall-ewwel dixxipli jemmnu fil-qawmien ta' Ġesù, anke wara t-tħabbira tan-nisa u l-esperjenza proprja tal-qabar vojt! Fil-fatt, fost dawk li jemmnu, kemm verament jemmnu fil-qawmien ta' Ġesù, qawmien li jimplika l-qawmien korporali – tal-ġisem, igglorifikat – ta' dawk li jemmnu? Twemmin f'dan, loġikament ikollu konsegwenzi prattiċi fuq il-qdusija tal-ġisem, tempju tal-Ispirtu s-Santu.
Jekk hu qam ... jista' jimxi magħna fit-triq, jista' jfissrilna l-Iskritturi, jista' jidħol magħna, jista' jaqsam il-ħobż fuq il-mejda magħna. Id-dixxiplu ta' Ġesù għandu din il-garanzija bis-saħħa tal-fidi. Imma kemm niftħu qalbna għal din il-bxara tal-ġenn, għal dan l-Evanġelju?

3. Ġesù jkisser ftit ftit in-nuqqas ta' tama, l-għeluq tal-moħħ u tal-qalb billi jifli/jfisser/jaqsam l-Iskrittura. L-għeluq tar-rakkont ifakkarna li dan kebbes il-qlub – hu d-don tal-Ispirtu, l-ewwel don per eċċellenza tal-fidwa ta' Ġesù. L-Ispirtu jħoll l-iskandlu tas-salib, inissel il-fidi, iwassal għall-esperjenza li Kristu hu verament ħaj.

Ġesù jfisser il-ġdid tal-aġir ta' Alla permezz tiegħu u b'mod partikulari il-ħtieġa ta' salibu fid-dawl tal-Iskritturi.

Fuq livell pastorali dawn isiru sejħa għall-iskoperta mill-ġdid tal-Ispirtu li kapaċi jħoll l-ebusija tal-qalb quddiem il-Kelma ta' Alla, Kelma li wieħed irid jixxennaq għaliha għax hi preżenza ta' Kristu u tal-proġett tal-imħabba ta' Alla lejn il-bniedem permezz ta' Kristu.

**JAGĦRFUH FIL-QSIM TAL-ĦOBŻ ... U FIL-FTUĦ TAL-KELMA (LUQA 24:28-35)**

**Studju ta' Rev. Dr Paul Sciberras**

**Il-funzjoni tat-test**

Il-fatt li Luqa jagħti spazju letterarju tant konsiderevoli lir-rakkont ta' din d-dehra ta' Ġesù mqajjem mill-mewt, dakinhar stess tal-Ewwel Jum tal-Ġimgħa, juri li l-funzjoni tat-test mhix rakkont ieħor ta' dehra oħra tal-Irxoxt. Kull rakkont għandu l-għan partikulari tiegħu. Dak li jirrakkonta Luqa fil-perikopi ta' qabel,[203] iħalli intenzjonalment lill-qarrejja mdendlin ma jafux x'jaqbdu jemmnu jew jagħmlu.

Liż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws, il-Ħdax u sħabhom (v.33) qalulhom li l-Mulej qam tassew u deher lil Xmun Pietru. "Il-Mulej qam tassew u deher lil Xmun Pietru" saret stqarrija ta' fidi u kérigma sa minn żmien bikri fil-Knisja. Il-ġrajja ta' Ġerusalemm–Għemmaws–Ġerusalemm ħadet it-tifsira ta' waħda mill-blatiet tal-pedament li fuqha l-fidi nisranija hi msejsa.

L-Appostlu Pawlu nnifsu f'1 Korintin 15:4-5 (fis-sena 56) jikkwotaha bħala Tradizzjoni li hu għadda lill-Korintin meta waqqaf dik il-Komunità (fis-sena 50), u li hu nnifsu kien irċieva (aktarx mill-Komunità ta' Damasku, wara d-dehra li kellu ta' Ġesù Rxoxt, fis-sena 36): "difnuh u qam mill-imwiet fit-tielet jum, skont l-Iskrittura. U deher lil Kefa,[204] u mbagħad lit-Tnax."

---

[203] 24:1-9, dehra tal-anġli lin-nisa ħdejn il-qabar; vv.10-11, in-nisa jirrakkuntaw x'raw u xi ntqal lilhom lill-Ħdax u lill-oħrajn magħhom; vv.12-12, Pietru jmur hu nnifsu ħdejn il-qabar.

[204] Ir-raba' element tal-framment kerigmatiku li jsemmi l-Appostlu Pawlu hu d-dehra ta' Ġesù Rxoxt lil Kefa, l-isem Aramajk ta' Pietru, li Luqa jdaħħal indipendentement f'Luqa 24:34: "Il-Mulej qam tassew u deher lil Xmun." Il-fatt li Pawlu–skont it-tradizzjoni li hu nnifsu rċieva–juża dan l-isem ta' Kefa għal Pietru, juri li aktarx hu dan l-isem oriġinali li bih Pietru hu msemmi fit-tradizzjoni kerigmatika tal-qawmien. Barra Galatin 1:18; 2:9.11.14, Kefa hu l-isem li Pawlu normalment juża għal Pietru f'1 Korintin: 1:12; 3:22; 9:5. F'Galatin 2:7-8, l-isem Pietru hu użat, l-isem komuni fl-evanġelji, fl-Atti u fl-Ittri Kattoliċi. Saħansitra fi Ġwanni, li jikteb l-evanġelju tiegħu fis-sena 100 u li għandu wkoll it-tradizzjoni tad-dehra ta' Ġesù lil Pietru, Kefa hu wkoll l-isem użat. Ġesù jidher lil Kefa–il-blata–għax kien il-kap tal-Appostli. Ara Joseph A. Fitzmyer, *First Corinthians*. *A New Translation with Introduction and Commentary*. The Anchor Bible, 32 (New Haven - London: Yale University, 2008), 549; ara wkoll William F. Orr, u Arthur Walther, *1 Corinthians*. *A New Translation. Introduction with a Study of the Life of Paul, Notes and Commentary*. The Anchor Bible, 32 (New York - London: Doubleday, 1976), 318; Craig F. Evans, *Saint Luke*. TPI New Testament Commentaries, 9 (London: SCM, 1990), 914-915.

F'v.24 tar-rakkont ta' Għemmaws, iż-żewġ dixxipli jistqarru ma' Ġesù nnifsu li, wara li n-nisa tagħhom marru ħdejn il-qabar u xi anġli qalulhom li hu ħaj, marru jivverifikaw xi wħud minn tagħhom li sabu kollox kif kienu qalu n-nisa imma lilu ma rawhx (v.24). L-appostli ma kinux emmnu dak li qalu n-nisa (vv.9-10). Pietru kien saħansitra mar ħdejn il-qabar imma r-reazzjoni tiegħu kienet biss waħda ta' stagħġib (v.12).[205]

Dak li Luqa jirrakkonta qabel il-ġrajja taż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws hu msejjes fuq jekk id-dixxipli ta' Ġesù raw jew ma rawx (vv.3.4.12)! Ir-rakkont ta' Għemmaws jitqiegħed fuq modi oħra ta' wirjiet: jagħrfuh fil-qsim tal-ħobż (vv.31.35) u li kien messhom jagħrfuh fil-ftuħ tal-Kelma lilhom minnu stess (v.32). Jidher li r-reazzjonijiet tad-dehriet qabel il-ġrajja ta' Għemmaws kienu għadhom ma nisslux atti ta' fidi f'Ġesù mqajjem mill-mewt. Il-ġrajja taż-żewġ dixxipli sservi biex turi meta u kif jitnissel l-att tal-fidi: fil-ftuħ tal-Kelma u fil-qsim tal-ħobż minn Ġesù nnifsu.

It-test hu mixja ta' fidi fih innifsu. Minn nuqqas ta' għarfien ta' Ġesù miż-żewġ dixxipli ("għajnejhom kellhom xi jżommhom u ma setgħux jagħrfuh" - v.16), miż-żewġ dixxipli jqisu lil Ġesù bħala l-uniku barrani għall-ġrajja tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù nnifsu (v.18), għal katekeżi min-naħa ta' Ġesù dwar it-twettiq tal-Iskrittura fih (vv.25-27), għal laqgħa ta' ospitalità lil Ġesù f'darhom (v.29), għal għarfien ta' Ġesù Rxoxt waqt il-qsim tal-ħobż: "infetħulhom għajnejhom u għarfuh" (v.31, f'kuntrast ma' v.16) u r-reazzjoni li kien messhom għarfuh anke waqt li hu kien qiegħed jiftħilhom l-Iskrittura fit-triq (v.32).

It-test jilħaq il-qofol narrattiv tiegħu biż-żewġ dixxipli jerġgħu lura lejn il-Komunità f'Ġerusalemm, jirċievu l-kérigma tal-qawmien li huma kienu diġà vverifikaw f'darhom, u huma min-naħa tagħhom jaqsmu l-ferħ tal-għarfien fil-qsim tal-ħobż mal-Komunità.[206]

---

205 L-għeruq tal-verb θαυμάζειν (*taumáżein*) huma marbuta man-nom θέα (*téa* - dehra, viżjoni) u mal-verb θεάσθαι (*teástai* – ikkontempla). Meta hu intransittiv, bħal f'dan il-każ, jesprimi r-reazzjoni umana quddiem rivelazzjoni divina f'xi forma jew oħra, u l-aktar ir-reazzjoni tax-xhieda ta' mirakli: hu stagħġeb. Fit-Testment il-Ġdid hu l-iktar użat minn Luqa. Ara Georg Bertram, "θαύμα," f'*Theological Dictionary of the New Testament*, vol. III, ed. Gerhard Kittel, tr. Geoffrey W. Bromiley (Grand Rapids, MI: Eerdmans, 1965), 25-42.

206 It-tema tat-Triq fl-evanġelju ta' Luqa u fl-Atti tal-Appostli hi tema ewlenija. Id-dixxiplu ta' Ġesù hu meqjus li qiegħed miexi fit-Triq. Hemm ħafna referenzi għat-Triq fl-evanġelju u fl-Atti. Aktarx li l-iktar żewġ mumenti importanti f'dan ir-rigward hu l-vjaġġ ta' Ġesù lejn Ġerusalemm–minn 9:51 sa 19:44–u d-dehra ta' Ġesù Rxoxt lil Sawl hu u sejjer fi triqtu lejn Damasku, jaqbad l-insara li kien isib miexja fit-Triq (Atti 9:2). Fil-każ taż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws, Ġesù jidħol f'nofshom waqt li huma sejrin lura lejn Għemmaws minn Ġerusalemm, imħawdin għal dak li kien ġralu Ġesù (u huma minħabba fih). Kleofa jirreferi għal Ġesù bħala σὺ μόνος παροικεῖς Ἰερουσαλὴμ (*su mónos paroikeis Ierousalēm*), fejn πάροικος (*pároikos*) hu dak li hu pellegrin, bla dar jew art fissa, imma donnu l-ħin kollu jterraq. Fit-Triq, Ġesù nnifsu 'jiftħilhom l-Iskrittura' u jurihom li kulma hemm fiha jitkellem fuqu. Hekk kif jagħrfuh fil-Qsim tal-

Il-funzjoni tat-test tista’ titqies bħala katekeżi post-paskwali (wara l-Għid) tal-għarfien ta’ Ġesù mqajjem mill-mewt bħala l-Mulej[207], mhux iżjed preżenti fiżikament, imma fil-qsim tal-ħobż u tal-Kelma. Dawn iż-żewġ modi ta’ għarfien isiru l-karatteristiċi tal-komunitajiet Kristjani tal-bidu: “U kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim tal-appostli [*dejjem imqiegħed fuq l-Iskrittura Lhudija u l-ħajja u t-tagħlim ta’ Ġesù*][208] u fl-għaqda ta’ bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb ... U kuljum kienu jmorru fit-tempju flimkien, jaqsmu l-ħobż fi djarhom, u jissieħbu fl-ikel bi qlub ferħana u safja” (Atti 2:42.46).

## L-ESEĠEŻI TAT-TEST

**“Meta qorbu lejn ir-raħal fejn kienu sejrin hu għamel tabirruħu li hu kien se jibqa’ sejjer aktar ’il bogħod” (v.28).**

Dak li “resaq lejhom u baqa’ miexi magħhom, huma u jitħaddtu u jitkixxfu bejniethom” (καὶ αὐτὸς Ἰησοῦς ἐγγίσας συνεπορεύετο αὐτοῖς, *kaì autòs Iēsous engísas suneporeúeto autois*) (v.15), issa “jagħmel tabirruħu li hu kien se jibqa’ sejjer aktar ’il bogħod”.

Il-verb συνεπορεύετο (*suneporeúeto*)[209] hu imperfett medju, fejn l-imperfett juri tentattiv ta’ azzjoni: ipprova, xtaq, kellu l-intenzjoni, għamel tabirruħu.[210] F’dan il-każ hu

---

Ħobż, huma jerġgħu lura minn dik it-Triq lejn il-komunità tad-dixxipli f’Ġerusalemm; ara I. Howard Marshall, *The Gospel of Luke*. *A Commentary on the Greek Text*. The New International Greek Testament Commentary (Exeter - Grand Rapids, MI: Paternoster Press - Eerdmans, 1978), 400-402; Joseph A. Fitzmyer, *The Gospel According to Luke (X-XXIV)*. *Introduction, Translation and Notes*. The Anchor Bible, 28A (New York: Doubleday, 1985), 823-827.

[207] It-test Grieg jispeċifika li Ġesù mhuwiex biss ‘Mulej, *Lord*’ imma ‘Il-Mulej: ὄντως ἠγέρθη ὁ κύριος’ (*óntōs ēgértē ħo Kúrios*).

[208] Id-diskorsi tal-Appostli fl-Atti tal-Appostli dejjem għandhom tliet elementi: i) il-ġrajja (ħajja, tagħlim, passjoni, mewt u qawmien) ta’ Ġesù, ii) interpretata mill-Iskrittura (titli, kwotazzjonijiet jew referenzi u allużjonijiet), iii) tisfida lis-semmiegħa (għall-indiema, għall-konverżjoni, għall-magħmudija): ara Etienne Charpentier, *How to Read the New Testament* (London: SCM, 1982), 34-35; 44.

[209] Ara William F. Arndt, F. Wilbur Gingrich, Frederick W. Danker, u Walter Bauer, *A Greek-English Lexicon of the New Testament and Other Christian Literature* (Chicago - London: University of Chicago, 1979), 692, 780.

[210] Dan it-tip ta’ Imperfett hu msejjaħ 'Imperfett konattiv' (bl-Ingliż, *conative*, *voluntative*, jew *tendential*): ara Maximilian Zerwick, *Biblical Greek* (Scripta Pontificii Instituti Biblici; Rome: Pontifical Biblical Institute, 1963), 92, #273; ara wkoll Friedrich Blass, Albert Debrunner, u Robert W. Funk, *A Greek Grammar of the New Testament and Other Early Christian Literature* (Chicago - London: University of Chicago Press, 1961), 169, #326, u Daniel B. Wallace, *Greek Grammar Beyond the Basics. An*

għodda letterarja f'id Luqa biex imbagħad iż-żewġ dixxipli jistednuh f'darhom bi dmir soċjali ta' ospitalità.

Luqa juża l-verb ta' moviment πορεύεσθαι (*poreúestai*)[211] darbtejn: συνεπορεύετο (*suneporeúeto* – "kienu sejrin") u ἐπορεύοντο (*eporeúonto* – "għamel tabirruħu li kien se jibqa' sejjer"). Dan biex jenfasizza d-dinamika ġeografika dejjem iżjed: l-għan ġeografiku ntlaħaq ("qorbu lejn ir-raħal") imma fil-fatt dan l-għan hu l-qofol u l-climax tal-vjaġġ, għax kienu se jagħrfuh propju f'darhom f'dak ir-raħal fejn kienu sejrin ("Imbagħad daħal biex joqgħod magħhom").

In-narratur Luqa jintroduċi l-istedina taż-żewġ dixxipli, "Ibqa' magħna" fil-vers 29, u għalhekk l-għan tal-ospitalità u tal-ikla, it-tieni skop tar-rakkont. Ma jidhirx li lil Luqa jinteressawh dettalji oħra: il-laqgħa mal-bqija tal-familja ta' Kleofa u tad-dixxiplu l-ieħor,[212] it-tislimiet u ġesti ta' laqgħat oħrajn. Il-protagonisti tar-rakkont jibqgħu l-istess, donnu li l-intenzjoni waħdanija tar-rakkont hi dik kateketika ta' Ġesù fuq il-mejda maż-żewġ dixxipli.[213]

**"Iżda huma ġegħluh jibqa' magħhom u qalulu: "Ibqa' magħna, għax issa sar ħafna ħin u l-jum ġa wasal biex jintemm." Imbagħad daħal biex joqgħod magħhom" (v.29).**

Huma li "b'ħarsa ta' niket fuq wiċċhom" (v.17), stagħġbu li hu "waħdu l-barrani f'Ġerusalemm li ma jafx x'kien ġara" (v.18) (b'turija ta' distakk minnu), issa "huma ġegħluh jibqa' magħhom" (v.29) għax il-jum kien wasal biex jintemm. Il-verb

---

*Exegetical Syntax of the New Testament* (Grand Rapids, MI: Zondervan, 1996), 550-552.

[211] Ara n-nota 7 iktar 'il fuq, billi l-verbi συνεπορεύετο (*suneporeúeto*) u ἐπορεύοντο (*eporeúonto*) ġejjin mill-istess verb bażiku πορεύεσθαι (*poreúestai*).

[212] Forsi mart Kleofa, Marija. Fuq il-kalvarju, weqfin ħdejn is-salib ta' Ġesù, kien hemm ommu, oħt ommu, *Marija ta' Kleofa*, u Marija ta' Magdala (ara Ġw 19:25). Jista' jkun li Luqa u Ġwanni kellhom tradizzjoni komuni li taf b'din il-koppja, Kleofa u martu Marija. Għal tradizzjonijiet komuni bejn l-evanġelisti Luqa u Ġwanni, ara Joseph A. Fitzmyer, *The Gospel According to Luke (I-IX). Introduction, Translation and Notes*. The Anchor Bible, 28 (New York: Doubleday, 1981), 87-89; Raymond E. Brown, *The Gospel According to John (I-XII). Introduction, Translation and Notes*. The Anchor Bible, 29 (New York: Doubleday, 1966), xliv-xlvii; Paul N. Anderson, *Acts 4:19-20*—'An Overlooked First-Century Clue to Johannine Authorship and Luke's Dependence Upon the Johannine Tradition,' *Bible and Interpretation* (September 2010), http://www.bibleinterp.com/ opeds/acts357920.shtml [aċċessat, 20 ta' Ġunju 2020].

[213] Ara Gérard Rossé, *Il Vangelo di Luca. Commento esegetico e teologico*. Collana Scritturistica di Città Nuova. (Roma: Città Nuova, [2]1995), 1028.

παραβιάζεσθαι (p*arabiáżestai*), litteralment ifisser 'uża l-forza'; figurattivament, 'ħeġġeġ b'mod qawwi, ġiegħel, ipperswada'.

Hu għamel tabirruħu li kien se jibqa' sejjer; huma ġegħluh jibqa' magħhom! L-iskop tar-rakkont beda joqrob lejn waħda miż-żewġ qċaċet tiegħu: li Ġesù, imqajjem mill-mewt, jidħol jaqsam il-ħobż mad-dixxipli biex huma jkunu jistgħu jagħrfuh.

Dawk li b'niket iqisuh l-uniku barrani li ma jafx x'ġara (u għalhekk iqisuh 'il bogħod minnhom), issa jitolbuh jibqa' magħhom u hu jsir ta' ġewwa magħhom.[214] Luqa 24:18 – "Int waħdek il-barrani/viżitatur/passiġġier f'Ġerusalemm li ma tafx x'ġara f'dawn il-ġranet." Dak li kien il-protagonist ewlieni tal-ġrajjiet li seħħew f'Ġerusalemm hu msejjaħ (minn Kleofa – xi ħadd magħruf mill-evanġelista u l-komunità li lilha qiegħed jikteb) bħala "l-uniku barrani/passiġġier/viżitatur f'Ġerusalemm!

Mill-banda l-oħra huwa huma li ma jafux, li ma jagħrfuhx! Hu nnifsu jsejħilhom "boloh u tqal biex temmnu" (v.25). Boloh: ma jafux dak li suppost kienu jafu b'moħħhom; tqal biex jemmnu: ma jafux dak li jsaħħan qalb il-bniedem.[215] Hu kien passiġġier f'Ġerusalemm (παροικεῖς Ἰερουσαλὴμ) ... Jidħol fil-Belt trijunfalment, imut hemm, iqum mill-mewt hemm … u madankollu ma kienx se jibqa' hemm għal dejjem, lanqas biss għal żmien twil. Jerġa' jmur għand il-Missier minn Betanja (qrib Ġerusalemm imma mhux fil-Belt - Lq 24:50), mill-Galilija (Mt 28:16), minn barra Ġerusalemm (Atti 1:12 – id-dixxipli jerġgħu lura Ġerusalemm). Bħalu, id-dixxipli tiegħu kellhom jimxu minn Ġerusalemm għal-Lhudija lejn is-Samarija sa truf l-art (Atti 1:8). Jagħmel tabirruħu li se jibqa' sejjer meta jaslu Għemmaws (v.28). Kellhom jipperswaduh jibqa' magħhom (v.29). Meta għarfuh, baqa' sejjer billi għab minn quddiemhom (v.31). Għalhekk issa kien se jkun magħruf mistikament fil-qsim tal-kelma u tal-ħobż.

Hu li kien distakkat minnhom fl-għarfien ta' dak li kien ġara lilu stess, issa "daħal biex joqgħod magħhom" - εἰσῆλθεν τοῦ μεῖναι σὺν αὐτοῖς (*eisēlten tou meinai sun autois*).[216]

---

[214] μεῖνον μεθ᾽ ἡμῶν (*meinon met' ħemōn*) – *meinon* hu imperattiv ta' kmand imma fl-awrist, li hu l-aspett lingwistiku li jitfa' l-enfasi fuq l-azzjoni ta' 'ibqa'' fiha nnifisha. L-*imperattiv awrist* ma jinteressahx kemm iddum l-azzjoni, meta tibda jew tispiċċa; ma jinteressahx l-aspett taż-żmien tal-azzjoni. Jissejjaħ 'ingressiv' jew 'konstattiv', u joħroġ l-idea ta' '*Ibda* agħmel hekk u hekk'. Għalhekk f'dan il-każ: 'ibda ibqa' magħna' (donnhom qegħdin jgħidulu: 'għax s'issa ma kontx magħna', jew aħjar 's'issa ma konniex miegħek għax ma għarafniekx': ara Wallace, *Greek Grammar Beyond the Basics*, 718-720.

[215] Għal diskussjoni kif dan it-tagħrif li jagħtu ż-żewġ id-dixxipli lill-barrani magħhom jista' jittieħed fid-dawl ta' memorja jew memorjal, ara Paul Sciberras, "Il-memorja jew aħjar il-memorjal tagħna bħala konsagrati," fi *Lejn il-mixja ta' Għemmaws*: *Il-memorja, l-istorja u l-passat tal-Ħajja Kkonsagrata* (Malta: KSMR, 2017), 13-20.

[216] Il-verb εἰσῆλθεν (*eisēlten*) fil-vers εἰσῆλθεν τοῦ μεῖναι σὺν αὐτοῖς (*eisēlten tou meinai sun autois*), hu awrist indikattiv, li jiffoka fuq it-tip ta' azzjoni li tkun qed issir,

Jekk qabel kien barrani u strangier, issa daħal f'darhom u sar ta' ġewwa magħhom. U daħal mhux biex kemm isellem u jerġa' joħroġ, imma daħal biex joqgħod fit-tul magħhom: tul ta' ġesti ta' laqgħa ta' ospitalità,[217] tul ta' ikla, u ta' qsim ta' esperjenzi.

Fl-evanġelji l-oħra, "Ibqa' magħna" tfakkarna f'"Għimmanu-El, Alla magħna" (Mt 1:23); "jiena magħkom dejjem" (Mt 28:20); "se nkun magħkom għal ftit ieħor"; "waqt li għadni magħkom" (Ġw 7:23; 14:25).[218] Bit-talba mħeġġa taż-żewġ dixxipli lill-barrani li mexa magħhom it-triq minn Ġerusalemm sa Għemmaws, Luqa jiftħilna t-tieqa fuq l-inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla u l-modi kollha li bihom Ġesù Rxoxt se jwettaq dak li wiegħed: se jibqa' magħna tassew![219]

Luqa, li jikteb l-evanġelju tiegħu lil insara mill-pagani qrib is-sena 85, hawnhekk ma jsegwix it-tqassim tal-ħin Lhudi. Għalkemm iż-żewġ dixxipli jistiednu lill-barrani Ġesù "għax il-jum [*kien*] wasal biex jintemm", ma kienx ifisser iktar li x-xemx kien għoddha niżlet fl-ewwel jum tal-ġimgħa. Is-sigħat wara nżul ix-xemx huma għal Luqa parti minn dak l-ewwel jum. L-għan tal-evanġelista hu li dik l-istedina ħerqana taż-żewġ dixxipli ssir it-talba mħeġġa ta' kull nisrani lill-Imgħallem Irxoxt wara l-qawmien u r-ritorn tiegħu għall-glorja tal-Missier: 'Ibqa' magħna għax il-lejl ta' kull żmien tal-konfużjoni, tan-niket, tad-diqa, tal-problemi, u saħansitra tad-dnub diġà qiegħed fuqna u madwarna!'[220]

---

mhux it-tul tagħha. Għalhekk, f'dan il-każ, hu l-fatt li Ġesù 'daħal' joqgħod maż-żewġ dixxipli hi l-azzjoni li tinteressa lill-awtur.

[217] Tgħanniqa lil kull membru tal-familja, ħasil tar-riġlejn u l-idejn, u l-bqija. "L-ospitalità tista' titqies bħala l-istituzzjoni-pedament tal-kultura ta' Iżrael," Oded Borowski, *Daily Life in Biblical Times*. Society of Biblical Literature, Archaeology and Biblical Studies, 5 (Leiden: Brill, 2003), 22-24. Ma jistax jonqos li stejjer ta' ospitalità nsibu bħax-xita fil-Bibbja kollha: Abram u t-tliet mistednin tiegħu (Ġen 18:2-8), Gidgħon u l-anġlu tal-Mulej (Mħ 6:11-21), Elija milqugħ mill-armla ta' Sarefta ta' Sidon (1 Slat 17:8-16); il-mara minn Sunem tilqa' lil Eliżew (2 Slat 4:8-11). Imbagħad fit-Testment il-Ġdid insibu d-dettalji ta' ospitalità li kien fid-dmir li jagħti Xmun il-Fariżew lil Ġesù meta stiednu għall-ikel għandu (Lq 7:44-46), u Ġesù li jaħsel riġlejn l-Appostli qabel l-Aħħar Ċena (Ġw 13:3-5). Alfred Edersheim, *Sketches of Jewish Social Life* (Peabody, MA: Hendrickson, 1994), 46-48, ifakkarna f'dak li jgħid l-awtur tal-Ittra lil-Lhud 13:2: "Tinsewx tilqgħu lill-barranin; minħabba f'hekk xi wħud laqgħu l-anġli bla ma kienu jafu". Iż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws laqgħu lill-Mulej innifsu!

[218] L-evanġelista Ġwanni għandu wkoll il-wegħda ta' Ġesù lid-dixxipli fid-Diskors Saċerdotali fejn iwegħidhom li jibagħtilhom il-Paraklitu mingħand il-Missier, li fih se jkun dejjem magħhom: "Jiena nitlob lill-Missier, u hu jagħtikom Difensur ieħor biex jibqa' magħkom għal dejjem" (14:16).

[219] Jagħmel ħafna sens il-fatt li Kleofa jirreferi għal Ġesù bħala σὺ μόνος παροικεῖς Ἰερουσαλὴμ (*su mónos paroikeis Ierousalēm*), fejn πάροικος (*pároikos*) hu dak li hu pellegrin, m'għandux dar jew art fissa, imma donnu l-ħin kollu jterraq. Dak li se jibqa' magħna għal dejjem, hu dak li hawn fl-art hu biss pellegrin! Se jibqa' magħna b'modi oħra.

[220] Ara Rossé, *Il Vangelo di Luca*, 1028.

Id-dixxipli nsara jitolbu bil-ħerqa lill-Mulej Irxoxt biex jibqa' magħhom. Id-diwi Kristjan f'dan il-vers u fid-dħul ta' Ġesù f'dar iż-żewġ dixxipli hu sfiq biżżejjed:

- minkejja li jidher assenti mid-dixxipli għax issa fil-kundizzjoni tal-Imgħallem glorifikat imqajjem mill-mewt, Ġesù hu xorta waħda preżenti mad-dixxipli tiegħu (ara Mt 18:20: "Fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi, hemm inkun jien f'nofshom");

- li Ġesù jidħol joqgħod mad-dixxipli, li joffrulu l-ikla, ifakkarna f'dak li jgħid hu stess fl-Apokalissi: "Ara, jiena fil-bieb, u qiegħed inħabbat; jekk xi ħadd jismagħni u jiftaħli l-bieb, jiena nidħol għandu[221] u niekol miegħu, u hu jiekol miegħi" (3:20);

- li ż-żewġ dixxipli laqgħu għandhom lil xi ħadd li għalihom kien "(int waħdek) il-barrani", kienu bil-ġest ta' ospitalità tagħhom qegħdin jilqgħu għandhom lil Ġesù nnifsu: "kont barrani u lqajtuni ... Tassew, ngħidilkom, kulma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi" (Mt 25:35.40).

**"U waqt li kien fuq il-mejda magħhom, qabad il-ħobż, qal il-barka, qasmu u tahulhom" (v. 30).**

B'introduzzjoni narrattiva, Luqa jiftaħ il-qofol ewlieni tar-rakkont: "Waqt li kien fuq il-mejda magħhom".[222] Jekk daħal joqgħod magħhom wara li huma talbuh, bilfors qagħad għall-mejda "magħhom". L-enfasi fuq 'il-magħhom' hu ċar.

Li qagħad għall-mejda, li "niżel, miel, iltewa" magħhom (κατακλίνειν *kataklínein*) ... juri azzjoni ta' moviment għax irid ikun f'livell li jifhmuh (mhux bħal qabel li kellhom xi jżommhom milli jagħrfuh fil-v.16).[223]

---

221 Hawnhekk ukoll jintuża l-istess verb εἰσέρχεσθαι (*eisèrkestai, eiseleúsomai*) bħal f'Luqa 24:29 (εἰσῆλθεν *eisēlten*).

222 Ἐν τῷ κατακλιθῆναι (*en tē kataklitēnai*), infinittiv passiv awrist, li jitfa' l-*ispotlight* fuq l-azzjoni ta' Ġesù 'milwi, mimdud' (κατακλίνειν *kataklínein* = imtedd, jew qagħad bilqiegħda għall-ikel).

223 Fl-Ittra lill-Filippin 2:7, f'innu li aktarx kien diġà jintuża fil-liturġija, l-Appostlu Pawlu juża l-verb ἐκένωσεν (*eskénōsen*, mill-verb κενοῦν [*kenoun*], 'xejjen'. F'kuntrast ta' paradoss divin, Alla "għollieh sas-smewwiet" ὑπερύψωσεν (*ħuperúpsōsen*) (v.9). L-inżul ta' Ġesù biex "jiekol magħhom" isir simbolu tat-tixjin tiegħu għall-bnedmin. Ara Bruce J. Malina, u John J. Pilch, *Social-Science Commentary on the Letters of Paul*. Social-Science Commentary (Minneapolis: Augsburg Fortress Press, 2006), 305-306; Peter F. Ellis, *Seven Pauline Letters* (Collegeville, MN: Liturgical Press, 1982), 124-125; Chantal Reynier, "Lettera ai Filippesi," in Chantal Reynier, Michel Trimaille, u Albert Vanhoye *Lettere di Paolo, II, Efesini, Filippesi, Colossesi, 1-2 Tessalonicesi, 1-2 Timoteo, Tito, Filemone, Ebrei. Commento Pastorale* (Cinisello Balsamo [MI]: San Paolo, 2000),

Għalkemm setgħet kienet ikla ta' filgħaxija ta' kuljum, Ġesù jagħmel il-ġesti kollha ta' ritwal ta' ikla solenni Lhudija. Imma għall-qarrej Kristjan, il-kliem magħżula minn Luqa biex jiddeskrivi l-ġesti ta' Ġesù għandhom importanza u piż kbir: huma wkoll il-lingwaġġ ta' ġesti Ewkaristiċi. Għal Luqa, b'mod partikulari, "il-qsim tal-ħobż" hi formula teknika li turi l-Ikla Ewkaristika.[224] Il-kuntest sħiħ jistieden lill-qarrej jagħmel interpretazzjoni Ewkaristika tal-ikla ta' Ġesù maż-żewġ dixxipli.

λαβὼν τὸν ἄρτον εὐλόγησεν καὶ κλάσας ἐπεδίδου αὐτοῖς

*labōn tòn árton eulógēsen kaì klásas epedídou autois*

It-tliet verbi λαβὼν, εὐλόγησεν, u κλάσας (*labōn*, *eulógēsen* u *klásas*) huma awristi, b'enfasi fuq l-azzjoni fiha nnifisha, azzjoni ta' teħid, ta' tberik, ta' qsim, qisu li Luqa jrid lill-qarrej jara l-azzjonijiet preċiżi ta' Ġesù waħda waħda, donnu qiegħed bil-camera bi close-up shot tiffoka fuqu. Imma mbagħad ἐπεδίδου (*epedídou*) hu fl-imperfett, azzjoni kontinwata fil-passat … ħa, bierek, qasam u 'baqa'' jagħti. Jekk it-teħid tal-ħobż, it-tberik u l-qsim tal-ħobż huma azzjonijiet ta' mument, l-għoti tal-ħobż maqsum hu azzjoni kontinwa: jibqa' jagħti lid-dixxipli l-ħobż maqsum.[225]

Minkejja dan, irridu ngħidu li λαβὼν hu parteċipju awrist; mela jiddependi mill-verb ewlieni εὐλόγησεν (awrist indikattiv). La ż-żewġ verbi huma t-tnejn awristi, mela l-azzjoni seħħet fl-istess ħin: Ġesù bierek waqt li ħa; bierek il-ħobż li ħa f'idejh; bierek lil Alla fil-ħobż li ħa f'idejh u li fil-qsim tiegħu kienu se jagħrfuh id-dixxipli. Kif inhuma mqiegħda, l-azzjonijiet tat-*tberik* tal-ħobż *meħud* minn fuq il-mejda, iħarsu 'l quddiem lejn l-azzjonijiet l-oħra tal-qsim u tal-għoti.

λαβὼν hu parteċipju awrist; mela jiddependi mill-verb ewlieni εὐλόγησεν (awrist indikattiv). Ġesù jbierek lil Alla għal dak il-ħobż li hu ħa minn fuq il-mejda u li hu frott il-ħidma ta' ħafna nies flimkien. Id-dipendenza tal-azzjoni tat-teħid tal-ħobż minn fuq il-mejda fuq il-verb ewlieni tat-tberik εὐλόγησεν turi wkoll li l-ħobż frott ta' ħafna ħidma jista' jittieħed minn fuq il-mejda għax ipprovdieh Alla, li lilu jbierek Ġesù għall-għotja tal-ħobż.

Imbagħad, κλάσας hu parteċipju awrist, li għalhekk jiddependi mill-verb ewlieni ἐπεδίδου, imperfett indikattiv. Ġesù ma baqax jagħti (azzjoni ewlenija, kontinwata fil-passat) jekk mhux il-ħobż li kien qasam! L-azzjoni ewlenija tal-vers, ἐπεδίδου, "baqa'

---

94-95. L-Evanġelista Ġwanni għandu l-famuż vers 14 tal-Prologu fl-ewwel kapitlu tal-evanġelju tiegħu: "Il-Verb sar bniedem u waqqaf it-tinda tiegħu f'nofsna", mhux xi dar stabbli. Forsi għalhekk Kleofa ra fil-barrani miexi magħhom il-pellegrin bla dar fissa! Dak ukoll hu tixjin (κένωσις, *kénōsis*) bħal f'Filippin 2:7, tant li niesu, li hu ġie fosthom, lanqas biss għarfuh (Ġw 1:11).

224 Nerġgħu nsibu l-istess verb f'Atti 2:42.46; 20:7.

225 Luke T. Johnson, *The Gospel of Luke*. Sacra Pagina, 3 (Collegeville, MN: Michael Glazier - Liturgical Press, 1991), 396.

jagħti kontinwament", tikkwalifika speċifikament li kien il-ħobż li Ġesù kien qasam. Id-dipendenza tal-azzjoni fil-verb κλάσας fuq l-azzjoni fil-verb ἐπεδίδου, tirsalta l-azzjoni tal-qsim, għalkemm hu espress fil-parteċipju dipendenti.

Għalkemm l-azzjoni tal-qsim hi azzjoni dipendenti fuq l-azzjoni tal-għoti, xorta waħda l-għarfien miż-żewġ dixxipli jsir fl-azzjoni tal-qsim tal-ħobż (ara v.35). Azzjoni ta' importanza ewlenija bħalma kien il-qsim tal-ħobż, tant li kien fil-qsim li għarfu lil Ġesù, titqiegħed f'dipendenza narrattiva mill-azzjoni tal-għoti. Fl-istess ħin, azzjoni narrattivament sekondarja tieħu l-prijorità fuq kull azzjoni oħra, tant li l-azzjoni sħiħa tal-Ewkaristija tibqa' tiġi miġbura fl-isem tal-"Il-qsim tal-Ħobż".

L-erba' verbi λαβὼν, εὐλόγησεν, κλάσας, u ἐπεδίδου (*labōn*, *eulógēsen*, *klásas* u *epedídou*) insibuhom ukoll f':

Luqa 9:16 – it-tkattir tal-ħobż - λαβὼν, εὐλόγησεν, κατέκλασεν, ἐδίδου (*labōn*, *eulógēsen*, *katéklasen*, *edídou*)[226]

Luqa 22:19 – it-twaqqif tal-Ewkaristija - λαβὼν, εὐχαριστήσας, ἔκλασεν, ἔδωκεν (*labōn*, *eukaristēsas*, *éklasen*, *édōken*)[227]

Atti 27:35 – in-nawfraġju tal-Appostlu Pawlu - λαβὼν, εὐχαρίστησεν, κλάσας (*labōn*, *eukarístēsen*, *klásas*)

1 Korintin 11:23-24 – Tradizzjoni tat-Twaqqif tal-Ewkaristija – ἔλαβεν, εὐχαριστήσας, ἔκλασεν (*élaben*, *eukaristēsas*, *éklasen*)

Lil min bierek Ġesù, εὐλόγησεν (*eulógēsen*), meta ħa l-ħobż: lil Alla? il-ħobż?[228] Nistgħu noqorbu lejn soluzzjoni jekk inħarsu tajjeb lejn Luqa 9:16, it-test tat-Tkattir tal-Ħobż, fejn insibu l-istess verb. Hemmhekk, Luqa hu espliċitu li Ġesù jbierek il-ħobżiet: εὐλόγησεν αὐτοὺς (*eulógēsen autoùs*) [= πέντε ἄρτους καὶ τοὺς δύο ἰχθύας - *pénte ártous kaì toùs dúo iktúas*], "berikhom" (= il-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet) li kien għadu kemm semma fil-vers.

---

[226] F'dan ir-rakkont ukoll, fil-v.12, nerġgħu nsibu n-nota "Il-jum kien wasal biex jintemm" (Ἡ δὲ ἡμέρα ἤρξατο κλίνειν, *he dè hēméra ērksato klínein*), bħalma fir-rakkont ta' Għemmaws insibu: "Ibqa' magħna, għax issa sar ħafna ħin u *l-jum ġa wasal biex jintemm*" (κέκλικεν ἤδη ἡ ἡμέρα, *kékliken ēdē hē hēméra*). Ir-referenza għall-Ewkaristija toħroġ ċara biżżejjed.

[227] F'dan il-każ, għandna εὐχαριστήσας (*eukaristēsas*) flok εὐλόγησεν (*eulógēsen*).

[228] Fitzmyer, fil-kummentarju tiegħu, *The Gospel According to Luke (X-XXIV)*, 1567-1568, ma jidhirx li jagħmel differenza: Alla jitbierek fil-ħobż imbierek.

Għalkemm Ġesù hu l-mistieden, dak il-ħin jieħu fuqu r-rwol li jilqa' l-mistednin hu, tal-*paterfamilias*. Id-dixxipli huma miġbura miegħu għall-ikla li donnu joffrilhom hu, hekk kif fit-triq kien għadu kemm tahom jieklu l-ħobż miftuħ u maqsum tal-Kelma fl-Iskrittura!

λαβὼν u κλάσας (*labōn* u *klásas*) huma l-istess verbi bħal f'22:19 (u 9:16), imma Luqa ma jagħtix spjega ta' dak li qed jagħmel Ġesù bħalma għamel fl-Aħħar Ċena: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi".

L-oġġett tal-erba' verbi jista' jitqies li hu τὸν ἄρτον fil-v.30. Ġesù ħa "il-ħobż", bierek il-ħobż, qasam il-ħobż, ta l-ħobż. Luqa jikteb li Ġesù "ħa l-ħobż", mhux "ħa ħobża", jew "ħa xi ħobż". Fil-Grieg, "il-ħobż" hu τὸν ἄρτον, nom fl-akkużattiv għax hu l-oġġett tal-azzjoni. Juża l-artiklu definittiv Luqa: τὸν, donnu qiegħed jirreferi għal xi ħobż li kien diġà ssemma qabel[229] jew inkella xi ħobż speċifiku.[230] L-unika referenza li tissemma fit-test hi għall-ħobż li Ġesù kien se jbierek, jaqsam u jagħti, u li fil-qsim tiegħu kienu se jagħrfuh. Lanqas jgħid lil min ta dak il-ħobż, għalkemm nifhmu li liż-żewġ dixxipli li kien magħhom. Luqa jħalli l-azzjoni miftuħa mingħajr indikazzjoni ta' min qiegħed jirċievi dak il-ħobż speċifiku għax irid b'hekk jindirizza lill-qarrejja fit-Tielet Stadju tal-formazzjoni tal-Evanġelju, dak tal-kitba tal-evanġelju, indirizzat lil insara mill-pagani, imxerrda mad-dinja wara s-sena 85, meta kiteb, aktar milli jirrakkonta biss x'ġara f'dik l-okkażjoni

---

[229] Il-Grieg jagħmel differenza bejn l-assenza tal-artiklu u l-preżenza ta' dak definittiv. Meta l-awtur ma jqiegħedx l-artiklu definittiv ma' oġġett ikun irid jitfa' l-attenzjoni tal-qarrej fuq il-*kwalità* tal-oġġett, mhux prinċipalment irid juri ħaġa minn ħafna: Ġesù ħa ħobża minn ħafna li seta' ħa. "The ommission of the article shows that the speaker regards the person or thing not so much as this or that person or thing, but rather as *such* a person or thing, i.e. regards not the individual but rather its nature or quality", ara Zerwick, *Biblical Greek*, 55, #171. Meta ma hemmx artiklu mal-oġġett hi l-kwalità tal-oġġett li tkun enfasizzata (ara Wallace, *Greek Grammar Beyond the Basics*, 243-254). Jekk, ngħidu aħna, Ġwanni jiftaħ l-evanġelju tiegħu bil-kliem: "Fil-bidu kien il-verb", bil-Grieg jikteb, Ἐν ἀρχῇ ἦν ὁ λόγος (*en arkē(i) ēn ħo lógos*), fejn in-nom ἀρχῇ (*arkē(i)*), bidu, m'għandux artiklu. Kieku kellna nittraduċu litteralment, konna nagħmlu: "F'bidu". Imma billi Ġwanni ried jiffoka fuq il-bidu bħala t-tluq u l-oriġini ta' kollox, allura jqiegħed in-nom 'bidu' fil-kwalità tiegħu ta' oriġini, allura jiktbu mingħajr l-artiklu.
F'dan il-każ ta' Luqa 24:30, in-nom ἄρτον (ħobż) hu akkumpanjat mill-artiklu definittiv. Hawnhekk, l-artiklu jista' jissejjaħ 'artiklu anforiku' (*anaphoric*), artiklu li jirreferi għal xi ħaġa li tkun issemmiet qabel. F'dan il-każ, Luqa qisu qiegħed jgħid, 'ħa l-ħobż li kien issemma qabel': ara Wallace, *Greek Grammar Beyond the Basics*, 217-220.

[230] Jissejjaħ 'artiklu deittiku' (*deictic*), għax donnu juri b'sebgħu jew jipponta lejn l-oġġett li kulħadd qiegħed jara quddiemu: ara Wallace, *Greek Grammar Beyond the Basics*, 221-223. Imma aħna ma nafux jekk kienx hemm iżjed ħobż(iet) fuq il-mejda. Hawnhekk, f'Luqa 24:30, jista' jkun ukoll 'artiklu monadiku' (*monadic*), jiġifieri li hemm wieħed biss bħalu. Biex tinterpreta l-artiklu ma' ἄρτον (ħobż) bħala artiklu monadiku, trid taqra t-test u dan il-ġest mil-lenti tal-insara li ġew wara l-ġrajja: il-qarrej ikun jaf li l-awtur qiegħed jirreferi għall-ħobż uniku tal-Ewkaristija.

fid-dar ta' żewġ dixxipli f'Għemmaws. Kull darba li d-dixxipli kienu se jagħmlu dak li għamel Ġesù f'dik l-okkażjoni, kienu se jkunu jistgħu jagħrfuh bħalma ġara f'dik l-okkażjoni f'Għemmaws.[231] Santu Wistin fil-fatt jikkummenta li dak il-ħobż kien il-ħobż tas-Sagrament (tal-Ewkaristija): "Ħadd m'għandu jkollu dubju li l-għarfien [*ta' Ġesù*] fil-qsim tal-ħobż hu s-sagrament [*tal-Ewkaristija*], li jġibna flimkien filli nagħrfuh";[232] "Mhijiex kull ħobża, kienet liema kienet, kif tista' tara, imma dik il-ħobża li tirċievi l-barka ta' Kristu u ssir il-ġisem ta' Kristu. Huwa hemm li għarfuh".[233]

**Spunti kateketiċi**

Il-qarrej hu għalhekk mistieden jaqra t-test f'perspettiva kateketika u mhux biss (u lanqas l-iktar) b'mod storiku:

- inżul ix-xemx bħala l-ħin taċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija, bħalma l-Aħħar Ċena saret fi tmiem il-jum;

- Luqa jinsisti għal tliet darbiet fil-versi 29-30 li Ġesù kien "magħhom", biex jenfasizza r-realtà tal-komunjoni taż-żewġ dixxipli miegħu waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Ikla Ewkaristika;

- il-barrani mistieden biex jaqsam l-ikla ta' filgħaxija jsir il-*paterfamilias* li jiftaħ il-mejda tiegħu tal-Ħobż u tal-Kelma lid-dixxipli.

- L-ikla filgħaxija għall-kenn tad-dar u tal-familja ta' Għemmaws issir għall-Kristjani l-Ikla Ewkaristika, imħejjija mill-Mulej Ġesù Rxoxt innifsu, u li għaliha jiġu mistiedna jieħdu sehem biex hemm jagħmlu l-esperjenza tal-preżenza tiegħu.[234]

***Il-Ħobż bħala simbolu***

L-erba' verbi huma azzjonijiet li Ġesù jagħmel fuq il-ħobż: jieħu l-ħobż, ibierek lil Alla għalih u bih, jaqsam il-ħobż, u jagħti l-ħobż maqsum lid-dixxipli.

Fil-qsim tal-ħobż, fl-Ewkaristija, noffru l-ħobż u l-inbid. Żewġ realtajiet li jmorru tant tajjeb flimkien meta fuq il-mejda. It-tnejn għall-poplu Lhudi jesprimu kuntest ta'

---

[231] Fis-sena 56, l-Appostlu Pawlu jiġbor din l-idea fl-Ewwel Ittra lill-Korintin 11:26 b'din l-istqarrija: "Kull meta tieklu dan il-ħobż u tixorbu dan il-kalċi, intom ixxandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi".

[232] Ara Santu Wistin, *Ittra 149*, f'*Luke*. Ancient Christian Commentary on Scripture, New Testament, III; ed. Arthur A. Just (Downers Grove, IL: InterVarsity, 2003), 382.

[233] Santu Wistin, *Prietka* 234.2, f'*Luke*. Ancient Christian Commentary on Scripture, New Testament, III; ed. Arthur A. Just (Downers Grove, IL: InterVarsity, 2003), 382.

[234] Ara Rossé, *Il Vangelo di Luca*, 1029.

well-being li t-Testment il-Qadim jiġbor fir-realtà ta' *Xalôm*. Imma jesprimu wkoll passaġġ fundamentali għall-Poplu:

• *minn* stranġieri, jiġġerrew 'l hawn u 'l hinn, imkeċċija mill-oħrajn kollha,

• *għal* Poplu li hu at home.

Biex ikollok il-ħobż irid ikollok il-qamħ, u biex ikollok il-qamħ ma tistax tkun nomadu; trid tkun poplu b'art tiegħek, settled, at home. Kif tista' tiżra' l-qamħ u tagħġen id-dqiq biex tagħmel il-ħobż, jekk ma għandekx art tiegħek?

- Ġożwè 5:11-12 jiddeskrivi d-dħul ta' Iżraël fl-Art Imwiegħda; minn hemm 'il quddiem setgħu jieklu l-ħobż tagħhom: "U sewwasew l-għada tal-Għid, huma kielu mill-frott tal-art: ħobż ażżmu u qamħ inkaljat. Minn dakinhar, wara li kielu mill-frott tal-art, il-manna waqfet. Ulied Iżrael ma kellhomx aktar manna, imma minn dik is-sena bdew jieklu milli bdiet tagħtihom l-art ta' Kangħan";

- Il-Poplu Lhudi jokrob lil Alla dwar is-sitwazzjoni mwiegħra tiegħu fil-jasar, imma xorta jixxennaq għal ftit ħobż minn dawk li jassruh f'art barranija, għax hu art m'għandux, u għalhekk lanqas ħobż tiegħu ma seta' jkollu: "Lejn l-Eġittu middejna jdejna, u lejn l-Assirja biex bil-ħobż nixbgħu" (Lam 5:6).

• Lanqas tista' tieħu ħsieb l-għelieqi tal-qamħ jekk int fi żmien ta' gwerra:

- Fiż-żmien meta Malta fit-Tieni Gwerra kienet għarkupptejha bil-ġuħ u se ċċedi, Mons. Mikiel Gonzi, li dak iż-żmien kien isqof ta' Għawdex–milqut ħafna inqas minn Malta– talab il-qamħ lill-bdiewa Għawdxin ħalli jibagħtu Malta u jagħtiha ftit nifs;

- David jitlob il-ħobż lill-qassis Aħimelek tas-Santwarju ta' Nob, meta kien man-nies tiegħu jaħrab minn Sawl: "U issa, x'għandek f'idejk? Ħames ħobżiet? Agħtini minnhom, jew minn dak li ssib." U l-qassis wieġeb lil David u qallu: "Ma għandix f'idejja ħobż li jista' jieklu kulħadd; m'hawnx ħlief ħobż ikkonsagrat" (1 Sam 21:4-5);

Il-ħobż u l-inbid ifissru li int poplu, b'art tiegħu, fi żmien ta' paċi u well-being.

• Il-ħobż ma jinżillekx tajjeb jekk int imdejjaq jew fil-problemi, marid ...

- Eliħu, ħabib Ġob, jitkellem fuq il-konsolazzjonijiet ta' Alla meta l-bniedem iħossu mgħaffeġ mill-mard, l-inkomprensjoni, il-firda u t-tradiment:

"meta titmeżmeż gerżumtu mill-ħobż, u ma jitħajjarx aptitu mill-ikel bnin" (Ġob 33:20);

- is-Salm 80:5-6 hu talba tal-mirbuħin lil Alla biex jeħlishom mill-inkwiet tal-għedewwa u mix-xkiel tal-ħajja: "Mulej, Alla tal-eżerċti, kemm se ddum tinkorla minkejja t-talb tal-poplu tiegħek? Tmajthom il-ħobż magħġun bid-dmugħ, sqejthom id-dmugħ bix-xaba'";

- Salm 42:4 jistqarr kif il-ħobż jinbidel fi dmugħ meta l-bniedem hu magħfus mill-problemi: "Id-dmugħ lejl u nhar kien l-ikel tiegħi, meta l-jum kollu kienu jgħiduli: 'Fejn hu Alla tiegħek?'";

- l-inkwiet fil-familja joħloq sitwazzjonijiet fejn lanqas sempliċi ikla ta' kuljum ma tibqa' ttiegħem l-istess, ifakkar il-Ktieb tal-Proverbji: "Aħjar loqma ħobż niexfa bis-sliem, minn dar mimlija bl-ikel u l-ġlied" (Prov 17:1).

• Il-ħobż isir minn għaqda flimkien ta' qamħiet individwali separati, li ma jibqgħux jintagħżlu minn xulxin, jitilfu ħafna mill-aspetti oriġinali tagħhom (minn qamħiet għal dqiq) biex isiru ħaġa waħda fil-ħobż.

- 1 Kor 10:16-17: "U l-ħobż li naqsmu mhuwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu? Għax la l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda";

- id-*Didakè* 9:4: Kif dan il-ħobż maqsum kien imxerred fuq l-għoljiet u mbagħad inġabar u sar ħaġa waħda, ħa tkun miġbura wkoll il-Knisja tiegħek minn truf l-art fis-Saltna tiegħek.)

Minn dawn is-sinjali ta' well-being u stabbiltà, Ġesù jagħmilhom is-simboli tiegħu nnifsu li jagħti lid-dixxipli dak kollu li għandhom bżonn ħa jkunu "fix-*xalôm*."

- Għalhekk, meta niġu biex naqsmu l-Ħobż flimkien, l-ewwel nitolbu maħfra 'l Alla, biex inneħħu dak li hu "stranġier" fina, dak li ma jħalliniex inkunu ħobża waħda fil-Knisja;
- għalhekk inħallu lil Alla jkellimna fil-Kelma tiegħu ħa jurina x'jagħmilna poplu wieħed bejnietna u fih;
- għalhekk noffru l-ħobż u l-inbid, u għalhekk il-ħobż u l-inbid isiru l-Ġisem u d-Demm tal-Iben ta' Alla, mezz sublimi tal-għaqda u t-tqarrib tagħna fih fil-qsim tal-ħobż.

**Spunti komunitarji u komunjonali**

Il-qarrej hu wkoll mistieden jaqra t-test u l-ġrajja ta' Għemmaws f'perspettiva komunitarja:

- meta Ġesù waqqaf l-Ewkaristija u tenna l-istess ġesti fil-miraklu tat-tkattir tal-ħobż u f'Għemmaws, kien qiegħed juri li l-Ewkaristija ma tistax tiġi ċċelebrata mingħajr il-komunità. Hemm doża qawwija ta' komunitarjetà fl-erba' verbi użati minn Ġesù:

- "ħa l-ħobż", ħa mill-frott ta' ħidma flimkien ta' ħafna jdejn: min iħejji r-raba' għaż-żrigħ, min jiżra', min jaħsad, min jidres, min jitħan il-qamħ u jieħu minnu d-dqiq, min jagħġnu u jaħmih ħobż, min iqiegħdu fuq il-mejda;

- "bierku", bierek lil Alla fil-ħobż provdut, frott ta' ħidma sfiqa ta' ħafna jdejn;

- "qasmu", minn ħobża waħda ħa ħafna loqom biex minn waħda jieħdu ħafna;

- "tahulhom", hu, wieħed, jagħti ħobż li minnu jkunu jistgħu jixbgħu ħafna; tah lill-komunità żgħira (bħal f'Għemmaws), imdaqqsa (bħal fl-Aħħar Ċena) jew kbira (bħal fit-Tkattir tal-Ħobż).

Il-ġesti fil-qsim tal-ħobż jgħajtu: 'komunità u komunjoni'!

L-Appostlu Pawlu jikteb f'Efesin 1:22-23: "il-Knisja kollha hi Ġismu"," u f'5:30: "aħna lkoll membri tal-ġisem tiegħu". Għalhekk, meta *in persona Christi capitis*,[235] is-saċerdoti jtennu l-kliem: "Ħudu u kulu minnu lkoll, għax dan hu ġismi," ikunu jistqarru li l-Ġisem Ewkaristiku f'idejhom hu wkoll il-ġisem tal-Ġisem Mistiku tal-Knisja.[236] Ma hemmx Ewkaristija mingħajr il-Ġisem tal-Komunità li temmen. Il-qsim tal-ħobż ma jsir qatt mingħajr il-Komunità.

Meta ż-żewġ dixxipli għarfu lil Ġesù fil-qsim tal-ħobż, Ġesù jgħib minn quddiemhom. Hekk ma kellhom xejn iżjed f'idejhom x'jaqsmu mal-komunità: kien għab minn idejn u minn għajnejn iż-żewġ dixxipli li setgħu jaħkmu l-preżenza fiżika tiegħu biex jgħadduha b'xhieda lill-oħrajn. Imma r-reazzjoni tagħhom hekk kif għarfuh tispjega dak li kien ġara fil-fatt: kellhom xi ħaġa f'idejhom, l-aqwa ħaġa anzi: "Wieħed lill-ieħor [*l-irwol tal-komunità mill-ġdid*], 'Ma kinitx imkebbsa qalbna ġewwa fina hu u jkellimna fit-triq u jfissrilna l-Iskrittura?'" (Lq 24:32). Kienu qegħdin jistqarru wieħed lill-ieħor li kien messhom għarfuh qabel u minkejja l-qsim tal-ħobż: fil-qsim tal-Kelma!

U l-Kelma kienet għandhom il-ħin kollu. U l-Kelma setgħu jeħduha magħhom kull fejn imorru: kienet l-istorja tal-imħabba ta' Alla għall-poplu tagħhom stess; kienet l-istorja tas-salvazzjoni tal-komunità tagħhom; kienet l-istorja tagħhom miktuba bl-iswed fuq l-abjad fl-istorja tal-komunità tal-antenati u tal-poplu tagħhom. Mela kellhom tassew xi ħaġa x'jieħdu f'idejhom, xi jroddu ħajr 'l Alla tagħha, x'jaqsmu u x'jagħtu lill-komunità tagħhom li temmen!

- Aħna wkoll għandna l-istorja tas-salvazzjoni tagħna riflessa fil-Kelma ta' Alla nnifisha. Għandna l-istorja tas-salvazzjoni tal-komunità li timxi magħna, hekk kif l-istorja tiegħi stess tagħtini l-possibbiltà li naqsam l-imħabba ta' Alla, fil-qsim tal-Kelma ta' Alla miktuba u fil-qsim tal-ħobż mal-komunità tal-Ġisem ta' Kristu Ġesù. F'dik il-Kelma nista' nagħraf lilu xorta waħda għax hi l-istorja tal-komunità tal-fidi li ġiet qabli, u l-istorja tiegħi

---

[235] "fil-persuna ta' Kristu, ir-Ras [*tal-Ġisem tiegħu li hu l-Knisja*]", ara Kol 1:18; Efes 5:23; Kol 1:24.

[236] Raniero Cantalamessa, *The Eucharist: Our Sanctification* (Collegeville, MN: The Liturgical Press, [2]1995), 16-38.

stess, imma hi storja–dik tal-komunità u tiegħi–li ssib il-qofol tagħha fih, għax "beda minn Mosè u l-Profeti kollha jfissrilhom kulma kien hemm fl-Iskrittura fuqu" (v.27).

**"Imbagħad infetħulhom għajnejhom u għarfuh" (v.31a)**

Il-partiċella δέ (*dé*) tat-test Grieg, li biha jiftaħ il-vers 31, turi xi mod ta' konnessjoni ma' dak li ngħad qabel. F'dan il-kuntest: infetħulhom għajnejhom 'għax' (konsekwenzjali) hu ħa, bierek, qasam u tahom. Infetħulhom għajnejhom 'wara li' (temporali) ħa, bierek, qasam u tahom.

Infetħulhom għajnejhom u *għarfuh* 'għax', 'wara li' ħa, bierek, qasam u tahom. Imma huma iktar tard jinterpretaw l-għarfien tagħhom f'v.35 "fil-qsim tal-ħobż". Il-fatt li hu jaqsam il-ħobż[237] hi l-kawża li huma għarfuh. Jekk qasam il-ħobża, setgħu jieklu minnha t-tlieta (u iktar ukoll), bħalma minn ħames ħobżiet setgħu jieklu 5,000 raġel fit-tkattir tal-ħobż (Lq 9:12-17). Imma iktar minn hekk, fil-qsim tal-ħobż fl-Aħħar Ċena, il-qsim tal-ħobż li hu ġismu, u li jsir ġismu "li jingħata għalikom" (Lq 22:19), juri l-għotja sħiħa tal-Mulej lid-dixxipli.

Dawk li "kellhom xi jżommhom milli jagħrfuh" (μὴ ἐπιγνῶναι αὐτόν - *mē epignōnai autón*) (v.16), issa jagħrfuh *għax* qasam il-ħobż, *waqt li* qed jaqsam, *fil*-qsim. Lil Ġesù ż-żewġ dixxipli ma jagħrfuhx fil-biċċiet, fil-loqom tal-ħobż li jaqsam mill-ħobża, imma fl-azzjoni tal-qsim fih innifsu. Fil-Grieg, issir differenza fit-tifsira bejn κλάσις (*klásis* - qsim) u κλάσμα (*klásma* - biċċa ħobż, loqma).[238] Fir-rakkont tal-miraklu tat-Tkattir tal-Ħobż f'Luqa 9:10-17, id-dixxipli jiġbru "l-bċejjeċ tal-ħobż li kien fadal fi tnax-il qoffa" (v.17). Hemmhekk huma l-κλάσματα (*klásmata*) li jinġabru ... imma l-folla u d-dixxipli ma jagħrfux lil Ġesù bħala l-Messija u l-Mulej f'dawk il-biċċiet. Proċess, bħal dak tal-qsim tal-ħobż, jekk ma jibqax sejjer, jintemm, ma jibqax proċess!

Waqt li f'v.16 kellhom xi jżommhom milli jagħrfuh, issa nfetħulhom għajnejhom għal kollox (διηνοίχθησαν, *diēnoiktēsan*).[239] Għarfuh bħala l-Kristu Mqajjem mill-mewt, għax

---

[237] Il-qsim tal-ħobż hu espress minn Luqa bħala (ἡ) κλάσις (τοῦ) ἄρτου ([*ħē*] *klásis* [*tou*] *àrtou*). In-nomi li jispiċċaw b'-σις (-*sis*) fil-Grieg jagħtu l-isfumatura ta' proċess, azzjoni fit-tul, jew ripetuta, mhux ta' darba: ara Carl Darling Buck, u Walter Petersen, *A Reverse Index of Greek Nouns and Adjectives* (Chicago: University of Chicago Press, 1970), 221, 574.

[238] Ara Buck, u Petersen, *A Reverse Index*, 221, nomi newtri li jispiċċaw b'-*μα* (-*ma*) jindikaw riżultat ta' azzjoni; f'dan il-każ: kull loqma ħobż li tirriżulta mill-ksir (κλάσις (*klásis*) tal-ħobża hi l-κλάσμα (*klásma*).

[239] διηνοίχθησαν (*diēnoiktēsan*) hu passiv awrist mill-verb διανοῖγειν (*dianoígein*). Il-prefiss διά- (*diá*-) juri ftuħ sħiħ, komplet. L-azzjoni tal-ftuħ ta' għajnejhom issir minn Alla, għax il-verb hu fil-passiv mingħajr ma għandna indikazzjoni tas-suġġett li jagħmel

huma dak li kienu qegħdin jiddibattu u jitħaddtu bejniethom fit-triq: insteraq, għab, qam?

**"Iżda hu għab minn quddiemhom" (v.31b).**

"Iżda hu għab (sar inviżibbli) minnhom," għab minn quddiem għajnejhom. Għal darba oħra, reġa' kellhom xi jżommhom milli jarawh bl-għajnejn tal-ġisem tagħhom.

**"U wieħed lill-ieħor bdew jgħidu: "Ma kinitx imkebbsa qalbna ġewwa fina hu u jkellimna fit-triq u jfissrilna l-Iskrittura?" (v.32).**

Ir-reazzjoni tagħhom it-tnejn ("wieħed lill-ieħor bdew jgħidu", εἶπαν πρὸς ἀλλήλους, *eipan pròs allēlous*) tinterpreta l-mod tal-għarfien ġdid: mhux nuqqas ta' għarfien bħalma kien qabel fil-v.16, ma għarfux li kien Ġesù nnifsu. Issa ma setgħux jagħrfuh iżjed fil-qsim tal-ħobż għax għab minn quddiemhom, imma seta' kellhom għarfien mod ieħor matul it-triq kollha: fil-qsim tal-Kelma minnu lilhom: "Ma kinitx imkebbsa qalbna ġewwa fina hu u jkellimna fit-triq u jfissrilna l-Iskrittura?" καὶ εἶπαν πρὸς ἀλλήλους· οὐχὶ ἡ καρδία ἡμῶν καιομένη ἦν [ἐν ἡμῖν] ὡς ἐλάλει ἡμῖν ἐν τῇ ὁδῷ, ὡς διήνοιγεν ἡμῖν τὰς γραφάς;"

San Efrem mis-Sirja jispjega x'ġara dak il-mument tal-għarfien taż-żewġ dixxipli: "Meta l-armata dawret il-belt ta' Dotan fejn kien qiegħed Eliżew, il-bniedem ta' Alla, leħen kien li fetaħ għajnejn il-qaddej tiegħu (2 Slat 6:13-18). Meta għajnejn id-dixxipli kienu miżmuma milli jaraw, kien il-ħobż li serva biex jinfetħulhom għajnejhom biex jagħrfu lil dak li jaf kollox: għajnejn mimlija diqa jaraw dehra ta' hena u jimtlew minnufih bil-ferħ."[240]

Iż-żewġ dixxipli qegħdin jinterpretaw in-nuqqas ta' għarfien wara l-qsim tal-ħobż *għax* kien imisshom jagħrfuh waqt li hu kien "jiftħilhom l-Iskrittura". Jekk qabel kellhom xi jżommhom milli jagħrfuh, issa li għab minn quddiemhom wara li għarfuh, jistgħu jibqgħu jagħrfuh fil-ftuħ tal-Kelma. Jinfetħulhom għajnejhom (διηνοίχθησαν οἱ ὀφθαλμοὶ,

---

l-azzjoni; meta jkun hekk, l-azzjoni nattribwuha lil Alla (passiv teoloġiku): ara Wallace, *Greek Grammar Beyond the Basics*, 437-438, #8).

[240] Efrem mis-Sirja, *Innijiet fuq il-Ġenna*, 15.4, f'*Luke*. Ancient Christian Commentary on Scripture, New Testament, III; ed. Arthur A. Just (Downers Grove, IL: InterVarsity, 2003), 382.

*diēnoíktēsan ħoi oftalmoi*) u jagħrfuh għax / waqt li hu fit-triq kien fetħilhom l-Iskrittura (διήνοιγεν ἡμῖν τὰς γραφάς, *diēnoigen ħēmin tas grafás*)!

"Kif kien ikellimna fit-triq": it-triq ġeografika minn Għemmaws sa Ġerusalemm terġa' tieħu l-enfasi imma bi ħjiel tat-triq tad-dixxipulat. L-għan ġeografiku ntlaħaq meta waslu Għemmaws u Ġesù daħal magħhom; l-għan kerigmatiku u kateketiku intlaħaq hekk kif għarfuh fil-qsim tal-ħobż imma bl-għajnuna tiegħu li kien fetħilhom l-Iskrittura fit-triq (tad-dixxipulat). It-triq tad-dixxipulat tilħaq tmiemha biss fil-ftuħ tal-Kelma li jwassal għall-għarfien ta' Ġesù bħala l-Mulej tal-ħajja, imqajjem mill-mewt.[241]

L-għarfien ta' Ġesù fil-Qsim tal-Ħobż donnu jisfuma fix-xejn biex ir-rakkont jerġa' jaqbad it-tema tal-Iskrittura fl-ewwel persuna taż-żewġ dixxipli nfushom. It-triq ġeografika li donnha ntemmet hekk kif waslu Għemmaws u daħlu f'darhom, terġa' tibda bħala triq ta' dixxipulat u evanġelizzazzjoni minn Għemmaws lejn Ġerusalemm u l-komunità miġbura hemm. Qabel Ġesù fetħilhom għajnejhom biex jagħrfuh fil-qsim tal-ħobż, kien fetħilhom qalbhom għall-Iskrittura: tħejjija indispensabbli għal-laqgħa personali ma' Ġesù fil-fidi. Il-preżenza ta' Kristu Ġesù Rxoxt tidħol fil-qalb tad-dixxiplu li għandu l-fidi permezz tal-Iskrittura interpretata (διήνοιγεν, *diēnoigen*) fit-tifsira tagħha paskwali u permezz tal-Ewkaristija, li jħeġġulu qalbu b'nar ħaj u jagħmluh kapaċi jifhem il-misteru li hu qiegħed fih fil-fidi.[242]

Dan l-għarfien ġdid ippermettielhom imorru lura lejn il-komunità tad-dixxipli f'Ġerusalemm (v.33) u jirrakkuntaw kif għarfuh fil-qsim tal-ħobż. Issa setgħu jmorru lura lejn Ġerusalemm (mhux bħal qabel 'il bogħod minnha, f'v.13), għax issa setgħu jħabbruh lill-oħrajn. Kieku kien biss għarfien tal-persuna tiegħu (għarfuh fil-qsim tal-ħobż) ma kienx ikollhom xi jwasslu lid-dixxipli l-oħra, għax fiżikament ma kellhom xejn f'idejhom, la hu kien għab minn quddiem għajnejhom. Issa għandhom l-għarfien tiegħu fil-qsim u l-ftuħ tal-Iskrittura minnu stess. Dak it-tip ta' għarfien–fil-qsim u l-ftuħ tal-Iskrittura– jista' jkollhom dejjem u issa jistgħu jgħadduh lill-oħrajn kull fejn ikunu; m'hemmx għalfejn ikun hemm hu preżenti, quddiem għajnejhom.

**"Dak il-ħin stess qamu u reġgħu lura Ġerusalemm. Hemm sabu lill-Ħdax u lil sħabhom miġbura flimkien" (v.33).**

"Dak il-ħin stess" – jiġifieri, wara li pperswadew lilu biex jibqa' magħhom u mhux jibqa' sejjer għax il-ħin kien għafas u l-jum kien wasal biex jintemm, issa huma stess jiddeċiedu

241 Johnson, *The Gospel of Luke*, 398-399.

242 Alois Stöger, *Vangelo secondo Luca*. Commenti spirituali del NT, 1. (Roma: Città Nuova, 1968), 330.

li jerġgħu lura lejn Ġerusalemm! Mit-triq ġeografika bejn Ġerusalemm sa Għemmaws b'qalb tqila u "b'ħarsa ta' niket fuq wiċċhom" (v.17), issa jerġgħu lura fit-triq tal-evanġelizzazzjoni b'qalb "taqbad" (v.32), "dak il-ħin stess" (v.33), lejn il-komunità li temmen. Hemm, l-aħbar li kellhom x'jagħtu ma kellhiex għalfejn tkun fit-tul, bħalma hu "beda minn Mosè u l-profeti kollha jfissrilhom kulma kien hemm fuqu fl-Iskrittura" (v.27); kellha tkun biss: "x'kien ġralhom fit-triq u kif kienu għarfuh fil-qsim tal-ħobż" (v.35). Il-komunità tiġbor dan kollu f'żewġ frażijiet kerigmatiċi: "Il-Mulej qam tassew, u deher lil Xmun!" (v.34).

Il-Ħdax kienu l-Ħdax-il Appostlu, wara li Ġuda kien tradixxa lil Ġesù u neħħa ruħu b'idejh (ara Mt 27:5; Atti 1:18). Imma skont l-evanġelista Ġwanni, "Dakinhar filgħaxija, fl-ewwel jum tal-ġimgħa," (Ġw 20:19, bħal Lq 24:13) Tumas ma kienx magħhom. Jekk ngħaqqdu ż-żewġ tradizzjonijiet, minflok kontradizzjoni dwar jekk Tumas kienx hemm jew le, jekk kinux ħdax jew għaxra, ikollna dettall ieħor dwar it-tema teoloġika tal-għarfien ta' Ġesù Imqajjem mill-mewt, b'mod li ma jkunx hemm għalfejn il-preżenza fiżika, din id-darba ta' min jemmen, Tumas f'dan il-każ. Il-konklużjoni tar-rakkont ta' Tumas jiġbidha Ġesù nnifsu: "Tumas, emmint għax rajt; henjin dawk li ma rawx u emmnu" (Ġw 20:29). Iż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws jibqgħu jemmnu fil-qawmien ta' Ġesù anke wara li jgħib minn quddiemhom, wara l-qsim tal-ħobż, tant li jmorru jħabbruh imqajjem saħansitra lill-appostli u lil sħabhom.

**"u dawn qalulhom: "Il-Mulej qam tassew, u deher lil Xmun!" (v.34).**

Qabel biss jiftħu fommhom biex jirrakkuntaw l-esperjenza tagħhom, iż-żewġ dixxipli jisimgħu t-tħabbira tal-qawmien u tad-dehriet ta' Ġesù mill-Ħdax: Ġesù qam tassew u deher lil Xmun. L-intenzjoni tal-awtur hi ċara: il-fidi tax-xhieda uffiċjali u tal-komunità tal-bidu mhix imsejsa fuq diċeriji ta' nies sekondarji għall-ġrajja tal-mewt u l-qawmien ta' Ġesù, imma fuq il-laqgħa tal-Irxoxt innifsu ma' Pietru, kap tal-grupp tal-Appostli. Pietru b'hekk qiegħed jiġi magħruf bħala l-ewwel xhud uffiċjali tal-qawmien. Ix-xhieda tiegħu, flimkien ma' dik tal-Għaxra, taż-żewġ dixxipli u mhux inqas tan-nisa (vv.1-11), jqiegħdu x-xhieda tal-qawmien fuq il-blat sod ta' dak li raw! Il-Ħdax issa jħabbru ċ-ċertezza tal-fidi tagħhom fil-qawmien ta' Ġesù. Din hi mixja ta' kérigma ("Il-Mulej qam tassew"), katekeżi ("tarrfulhom x'kien ġralhom fit-triq") u xandir/qsim tal-fidi, evanġelizzazzjoni ("kif għarfuh fil-qsim tal-ħobż").[243]

[243] Darrell L. Bock, *Luke*, vol. 2 (9:51-24:53). Baker Exegetical Commentary on the New Testament (Grand Rapids, MI: Baker Books, 1996), 1921-1922; Santi Grasso, *Luca*. Commenti Biblici (Roma: Edizioni Borla, 1999), 631-632; Marshall, *The Gospel of Luke*, 1978), 899-900; ara Johnson, *The Gospel of Luke*, 398-399.

"Il-Mulej qam tassew u deher lil Xmun" (ὤφθη Σίμωνι, *ōftē Símōni*). Din hi formula kerigmatika, stqarrija tal-fidi.[244] It-titlu κύριος (*kúrios*), "Mulej", hu użat minn Luqa hawnhekk fil-forma assoluta tiegħu: ὁ κύριος (*ħo Kúrios*), mingħajr l-ebda kwalifika oħra, kif jagħmel fil-v.3 ("l-Mulej Ġesù") u fil-v.15 ("Ġesù nnifsu"). Issa, l-aħbar tal-irġiel (v.5): "Mhuwiex hawn imma qam" (οὐκ ἔστιν ὧδε, ἀλλ᾽ ἠγέρθη, *ouk éstin ħōde, all'ēgértē*), saret l-istqarrija tal-komunità sħiħa li temmen, jew aħjar, saret komunità li taqsam flimkien dik il-konvinzjoni li l-Mulej qam![245]

Luqa anke hawnhekk juża verbi tradizzjonali tal-istqarrija nisranija tal-qawmien: il-verb ἐγείρειν (*egeírein*) fil-passiv, li sar terminu tekniku biex juri l-qawmien ta' Ġesù minn Alla[246] bħal f'1 Korintin 15:4.[247] Luqa juża wkoll il-verb "huwa ra" fil-passiv: "intwera"[248] (ὤφθη, *ōftē*), bħal f'1 Korintin 15:5. Luqa saħansitra jżomm l-istess ordni tal-verbi ta' 1 Korintin 15:4-5: "qam ... deher".[249]

---

244 Forsi kien Luqa li daħħal il-kelma 'Mulej'. Imma setgħet kienet diġà parti mill-formula fit-Tielet Stadju tal-formazzjoni tal-Evanġelju: dak tal-kitba, wara l-Istadju Storiku u l-Istadju Kerigmatiku tal-predikazzjoni mill-Appostli u l-ewwel xhieda, jekk mhux fit-tieni nnifsu! Għat-Tliet Stadji tal-Formazzjoni tal-Evanġelji, ara l-Istruzzjoni tal-Kummissjoni Biblika Pontifiċja, *De historica Evangeliorum veritate* (Il-verità storika tal-evanġelji), (21 ta' April 1964), §2, f' *AAS* 56 (1964): 714-716; traduzzjoni għall-Ingliż, Joseph A. Fitzmyer, 'Instruction Concerning the Historical Truth of the Gospels,' *Theological Studies* 25 (1964): 404-406; Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika dwar ir-Rivelazzjoni Divina, *Dei verbum* (18 ta' Novembru 1965), §19, f' *AAS* 58 (1966): 826-827. Traduzzjoni għall-Malti [aċċessata 6 ta' Lulju 2020].

245 Ara Johnson, *The Gospel of Luke*, 398-399.

246 L-azzjoni tal-qawmien issir minn Alla, għax il-verb hu fil-passiv mingħajr ma għandna indikazzjoni tas-suġġett li jagħmel l-azzjoni; meta jkun hekk, l-azzjoni nattribwuha lil Alla (passiv teoloġiku): ara Wallace, *Greek Grammar Beyond the Basics*, 437-438, #8); ara wkoll Zerwick, *Biblical Greek*, 76, #236.

247 Hawn f'v.34 hu awrist passiv (b'enfasi fuq il-fatt li qam) u hemmhekk f'1 Korintin hu passiv perfett. Fil-Grieg, il-perfett juri azzjoni li diġà ntemmet fil-passat, imma li l-effetti u l-konsegwenzi tagħha għadhom għaddejjin, jiġifieri Kristu Ġesù għadu mqajjem u ħaj: ara Wallace, *Greek Grammar Beyond the Basics*, 573; Zerwick, *Biblical Greek*, 96, #285.

248 Il-verb hu fil-passiv, litteralment "intwera" (għamel lilu nnifsu viżibbli, bl-enfasi fuq il-fatt li l-inizjattiva tad-dehra ġiet minn Ġesù nnifsu), imma nistgħu nittraduċu "deher": ara Jannes Reiling, u Jan L. Swellengrebel, *A Handbook on The Gospel of Luke*. UBS Handbook Series (New York: United Bible Societies, 1971), 758-759.

249 L-istess formula kerigmatika tal-qawmien bl-istess verb ἐγείρειν (*egeírein*) insibuha f'Atti 3:15; 4:10; f'Rumani 4:24. Ara François Bovon, *Luke 3. A Commentary on the Gospel of Luke 19:28-24:53*. Hermeneia (Minneapolis: Fortress Press, 2012), 376; Rossé, *Il Vangelo di Luca*, 1031.
Ta' min jinnota tajjeb li l-verbi kollha fil-formula kerigmatika ta' 1 Korintin 15:3-5 huma kollha fl-awrist (għalhekk mingħajr indikazzjoni tat-tul tal-azzjoni, imma f'enfasi fuq l-azzjoni nnifisha): ἀπέθανεν, *apétanen* - "miet" (v.3), ἐτάφη, *etáfē* - "kien midfun"

Mill-ġdid, Ġesù jerġa' jidher (il-verb ὁραn, *ħorán*), din id-darba lil Xmun. L-isem Xmun fil-Lhudi hu שִׁמְעוֹן, *Xim'òn* mill-verb שמע, *xāma'* – 'hu sema''. Deher lil dak li jisma'! "Ma kinitx qalbna taħraq waqt li kien jiftħilna l-Iskrittura?" jirreaġixxu ż-żewġ dixxipli wara li għarfuh fil-qsim tal-ħobż u hu għab minn quddiemhom. Kien messna diġà għarafnieh fis-smigħ tagħna tal-Kelma miftuħa minn Ġesù Rxoxt innifsu; issa jidher lil dak li ismu jfisser "dak li jisma'". B'hekk, Xmun Pietru jsir l-ewwel xhud uffiċjali tal-qawmien.

**"U huma wkoll tarrfulhom x'kien ġralhom fit-triq, u kif kienu għarfuh fil-qsim tal-ħobż" (v.35).**

Min-naħa tagħhom, id-dixxipli ἐξηγοῦντο, *eksēgounto*, jagħmlu eseġeżi, jinterpretaw dak li kien ġralhom fit-triq: l-ewwel kellhom xi jżommhom milli jagħrfuh, imbagħad ġie hu f'nofshom u mexa magħhom … imbagħad daħal joqgħod magħhom, qasam il-ħobż u għarfuh, u indunaw li kien messhom għarfuh waqt li kien jiftħilhom l-Iskrittura, waqt li kien miexi magħhom (vv.25-27).[250]

Lid-dixxipli l-oħra għamlulhom eseġeżi, interpretawlhom kif għarfuh fil-qsim tal-ħobż, azzjoni li kellha magħha sett ieħor ta' verbi (ħa, bierek u baqa' jagħti) imma li wkoll skattat fihom l-għarfien li kien messhom għarfuh xorta waħda, u qabel, meta hu kien qiegħed jiftħilhom l-Iskrittura!

Il-qsim tal-ħobż nerġgħu nsibuh fil-ktieb tal-Atti tal-Appostli. Atti 2:42.46 ("U kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim tal-appostli u fl-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb ... U kuljum kienu jmorru fit-tempju flimkien, jaqsmu l-ħobż fi djarhom, u jissieħbu fl-ikel bi qlub ferħana u safja"); 20:7.11 ("Fl-ewwel jum tal-ġimgħa nġbarna flimkien biex naqsmu l-ħobż. Pawlu, li kellu jitlaq l-għada, qagħad jitħaddet magħhom u dam jitkellem sa nofsillejl ... Imbagħad reġa' tela' fuq, qasam il-ħobż u kiel; u ssokta

(v.4), ὤφθη, *ōftē* - intwera / deher (v.5), barra ἐγήγερται, *egēgertai* - ġie mqajjem (v.4), li hu fl-indikattiv perfett, jiġifieri azzjoni kompluta fil-passat, li l-effetti tagħha għadhom sejrin: Kristu Ġesù ġie mqajjem mill-mewt, u għadu mqajjem u ħaj. Lill-qarrej u lin-nisrani jinteressah ħafna li Ġesù mhux biss miet, kien midfun, u ntwera lil Pietru, imma jinteressah ħafna iktar li Ġesù ġie mqajjem u għadu ħaj għalina.

[250] Il-verb ἐξηγήσθαι (*eksēgēstai*) hu sempliċement tarraf, informa? Jidher li l-verb għandu tifsira ta' interpretazzjoni. Fit-Testment il-Ġdid il-verb ifisser biss '*to expound*', '*to present*', '*to recount*', spjega fit-tul. Insibuh fi Ġwanni 1:18; f'Luqa 24:35; f'Atti 10:8; 15:12.14; 21:19. Hu verb tekniku għall-espożizzjoni tal-poeti, tal-liġijiet, għat-tagħlim reliġjuż tal-qassisin, u r-rivelazzjoni tal-allat. Fi Ġwanni 1:18 insibu t-tweġiba intenzjonata għal din il-kwistjoni. Ġesù l-Iben tal-Missier jispjega, ifisser min hu l-Missier. Dan għamlu matul ħajtu kollha fuq din l-art. Ara Friedrich Büchsel, "ἐξηγέομαι," *Theological Dictionary of the New Testament*, vol. II, ed. Gerhard Kittel, tr. Geoffrey W. Bromiley (Grand Rapids, MI: Eerdmans, 1964), 908.

jitkellem magħhom sa ma sebaħ. Imbagħad telaq"); 27:35 ("Kif qal dan, qabad il-ħobż, radd il-ħajr lil Alla quddiem kulħadd, qasam u beda jiekol").

Ernst Haenchen[251] jikteb li l-qsim tal-ħobż f'Atti 20:7.11 jirreferi għall-Ewkaristija imma f'2:46 u 27:35 għal ikla profana (forsi ikla solenni). Ma jidhirx għal xiex għandu jkun hemm distinzjoni. Forsi għax ma hemmx "u ta, qassam"? Luqa qiegħed jaqra lura fit-tielet stadju tal-formazzjoni tal-Evanġelju, imma hekk jixtieqha li tiftiehem.

Li d-dixxipli jagħrfu lil Ġesù fil-Qsim tal-Ħobż u li ma jidhirx fiżikament iżjed wara kienet u għadha l-esperjenza ta' kull ġimgħa tad-dixxipli fl-Ewkaristija. Għalhekk insibu paralleliżmu sfiq ma' Atti 20:7-12, fejn l-Appostlu Pawlu wkoll "jaqsam il-ħobż" fi Troas. Hemm fi Troas, Pawlu wkoll jaqsam il-ħobż u jiekol wara li jagħmel qsim tal-Kelma fit-tul. Hemm ukoll Luqa juża l-verb ὁμιλεῖν - ὁμιλήσας, *ħomilein - ħomilēsas* - 20:11) bħal f'Għemmaws (vv.14.15). Hekk kif il-qsim tal-Kelma fi Troas kien l-espożizzjonni tal-Kelma fi Kristu minn Pawlu, hekk f'Għemmaws Kristu Ġesù rxoxt ifisser liż-żewġ dixxipli "kulma kien hemm fl-Iskrittura fuqu" (v.27). Fi Troas ukoll, Pawlu "qasam il-ħobż u kiel" (20:11).[252] F'Għemmaws u fi Troas, u kull fejn kien hemm "tnejn jew tlieta miġburin f'ismi", il-Kelma u l-Ħobż jinqasmu bejn l-Insara għall-ħajja ta' dejjem. Dak li hu importanti hu li għarfuh fil-qsim tal-ħobż (v.35) u dan mhux billi rawh bl-għajnejn fiżiċi tagħhom imma bil-fidi fil-Kelma!

---

[251] Fil-kummentarju tiegħu *The Acts of the Apostles. A Commentary* (Oxford: Basil Blackwell, 1985), 585-586.

[252] Ara Michael D. Goulder, *Luke. A New Paradigm*. Journal for the Study of the New Testament Supplement Series, 20 (Sheffield: Academic Press, 1989), 783.

**Biblijografija**

Konċilju Vatikan II. Kostituzzjoni Dommatika dwar ir-Rivelazzjoni Divina, *Dei verbum* (18 ta' Novembru 1965), §19, f' *AAS* 58 (1966): 826-827. Traduzzjoni għall-Malti [aċċessata 6 ta' Lulju 2020].

Kummissjoni Biblika Pontifiċja. L-Istruzzjoni *De historica Evangeliorum veritate* (Il-verità storika tal-Evanġelji), (21 ta' April 1964), §2, f' *AAS* 56 (1964): 714-716; tr. għall-Ingliż, Joseph A. Fitzmyer. "Instruction Concerning the Historical Truth of the Gospels," *Theological Studies* 25 (1964): 404-406.

Anderson, Paul N. *Acts 4:19-20*— 'An Overlooked First-Century Clue to Johannine Authorship and Luke's Dependence Upon the Johannine Tradition,' *Bible and Interpretation* (September 2010), [aċċessat, 20 ta' Ġunju 2020].

Arndt, William F., F. Wilbur Gingrich, Frederick W. Danker, u Walter Bauer. *A Greek-English Lexicon of the New Testament and Other Christian Literature* (Chicago - London: University of Chicago Press, 1979).

Bertram, Georg. "θαύμα," f'*Theological Dictionary of the New Testament*, vol. III, ed. Gerhard Kittel, tr. Geoffrey W. Bromiley (Grand Rapids, MI: Eerdmans, 1965), 25-42.

Blass, Friedrich, Albert Debrunner, u Robert W. Funk. *A Greek Grammar of the New Testament and Other Early Christian Literature* (Chicago - London: University of Chicago Press, 1961).

Bock, Darrell L. *Luke, vol. 2 (9:51-24:53)*. Baker Exegetical Commentary on the New Testament (Grand Rapids/MI: Baker Books, 1996).

Borowski, Oded. *Daily Life in Biblical Times*. Society of Biblical Literature, Archaeology and Biblical Studies 5 (Leiden: Brill, 2003).

Bovon, François. *Luke 3. A Commentary on the Gospel of Luke 19:28-24:53*. Hermeneia (Minneapolis: Fortress Press, 2012).

Brown, Raymond E. *The Gospel According to John (I-XII). Introduction, Translation and Notes*. The Anchor Bible, 29 (New York: Doubleday, 1966).

Büchsel, Friedrich. "ἐξηγέομαι", *Theological Dictionary of the New Testament*, vol. II, ed. Gerhard Kittel, tr. Geoffrey W. Bromiley (Grand Rapids, MI: Eerdmans, 1964), 908.

Buck, Carl D, u Walter Petersen. *A Reverse Index of Greek Nouns and Adjectives* (Chicago: University of Chicago Press, 1970).

Cantalamessa, Raniero. *The Eucharist: Our Sanctification* (Collegeville, MN: The Liturgical Press, $^{2}$1995).

Charpentier, Etienne. *How to Read the New Testament* (London: SCM, 1982), 34-35; 44.

Edersheim, Alfred. *Sketches of Jewish Social Life* (Peabody, MA: Hendrickson, 1994).

Efrem mis-Sirja, *Innijiet fuq il-Ġenna*, 15.4, f'*Luke*. Ancient Christian Commentary on Scripture, New Testament, III; ed. Arthur A. Just (Downers Grove, IL: InterVarsity, 2003), 382.

Ellis, Peter F. *Seven Pauline Letters* (Collegeville, MN: Liturgical Press, 1982).

Evans, Craig F. *Saint Luke*. TPI New Testament Commentaries (London: SCM, 1990).

Fitzmyer, Joseph A. *First Corinthians. A New Translation With Introduction and Commentary*. The Anchor Bible, 32 (New Haven - London: Yale University Press, 2008).

Fitzmyer, Joseph A. *The Gospel According to Luke (I-IX*). *Introduction, Translation and Notes.* The Anchor Bible, 28 (New York: Doubleday, 1981).

Fitzmyer, Joseph A. *The Gospel According to Luke (X-XXIV). Introduction, Translation and Notes*. The Anchor Bible, 28A (New York: Doubleday, 1985).

Fitzmyer, Joseph A. *The Gospel According to Luke (X-XXIV). Introduction, Translation and Notes*. The Anchor Bible, 28 (New York: Doubleday, 1981).

Goulder, Michael D. *Luke. A New Paradigm*. Journal for the Study of the New Testament Supplement Series, 20 (Sheffield: Academic Press, 1989).

Grasso, Santi. *Luca*. Commenti Biblici (Roma: Edizioni Borla, 1999).

Haenchen, Ernst. *The Acts of the Apostles. A Commentary* (Oxford: Basil Blackwell, 1985).

Johnson, Luke T. *The Gospel of Luke*. Sacra Pagina, 3 (Collegeville, MN: Michael Glazier - Liturgical Press, 1991).

Malina, Bruce J., u John J. Pilch. *Social-Science Commentary on the Letters of Paul*. Social-Science Commentary (Minneapolis: Augsburg Fortress Press, 2006).

Marshall, I. Howard. *The Gospel of Luke. A Commentary on the Greek Text*. The New International Greek Testament Commentary (Exeter - Grand Rapids, MI: Paternoster Press - Eerdmans, 1978).

Orr, William F., u Arthur Walther. *1 Corinthians. A New Translation. Introduction With a Study of the Life of Paul, Notes and Commentary*. The Anchor Bible, 32; New York - London: Doubleday, 1976)

Reiling, Janne, u Jan L. Swellengrebel. *A Handbook on The Gospel of Luke*. UBS Handbook Series (New York: United Bible Societies, 1971).

Reynier, Chantal. "Lettera ai Filippesi," in Chantal Reynier, Michel Trimaille, u Albert Vanhoye *Lettere di Paolo, II, Efesini, Filippesi, Colossesi, 1-2 Tessalonicesi, 1-2 Timoteo, Tito, Filemone, Ebrei*. Commento Pastorale (Cinisello Balsamo [MI]: San Paolo, 2000).

Rossé, Gérard. *Il Vangelo di Luca. Commento esegetico e teologico*. Collana Scritturistica di Città Nuova (Roma: Città Nuova, $^{2}$1995).

Santu Wistin. *Ittra 149*, f'*Luke*. Ancient Christian Commentary on Scripture, New Testament, III; ed. Arthur A. Just (Downers Grove, IL: InterVarsity, 2003), 382.

Santu Wistin. *Prietka* 234.2, f'*Luke*. Ancient Christian Commentary on Scripture, New Testament, III; ed. Arthur A. Just (Downers Grove, IL: InterVarsity, 2003), 382.

Sciberras, Paul. "Il-memorja jew aħjar il-memorjal tagħna bħala konsagrati," fi *Lejn il-mixja ta' Għemmaws*: *Il-memorja, l-istorja u l-passat tal-Ħajja Kkonsagrata* (Malta: KSMR, 2017), 13-20.

Stöger, Alois. *Vangelo secondo Luca*. Commenti spirituali del NT, 1 (Roma: Città Nuova, 1968).

Wallace, Daniel B. *Greek Grammar Beyond the Basics. An Exegetical Syntax of the New Testament* (Grand Rapids, MI: Zondervan, 1996).

Zerwick, Maximilian. *Biblical Greek* (Scripta Pontificii Instituti Biblici; Rome: Pontifical Biblical Institute, 1963).